Ħarġa nru. 44 - Novembru 2010

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



**Kampjonat Premier**
Monopolju ta' Valletta?, p10



**Kunsill Malti għall-iSport**
Il-Baġit 2011 u l-isport, p28



**Table Football**
Massimo Cremona l-ewwel rebbieħ Malti tat-Tazza taċ-Champions, p44



# Telfa oħra għall-Maltin

» Aktar f'paġna 4

THE WESTIN DRAGONARA RESORT MALTA
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MAL-WESTIN DRAGONARA RESORT

• BASKETBALL • ŻWIEMEL • FUTBOL • KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA • SNOOKER • RUGBY • STORJA TAL-FUTBOL MALTI


lotto
ITALIAN SPORT DESIGN
EXCLUSIVELY
AVAILABLE FROM
THE LOTTO STORE,
LEVEL -2
THE POINT, TIGNE
Blue Top - €29
Lilac Top - €29
lottosport.com



## Novembru

Matul ix-xahar ta' Novembru kull sport lokali qabad ir-ritmu rispettiv biex diġà qed jidhru ndikazzjonijiet (għalkemm prematuri) tad-destin ta' kull tim parteċipant għal dan l-istaġun.

Bla dubju, l-attrazzjoni prinċipali dejjem tkun iffokata fuq il-futbol li huwa l-isport numru wieħed f'pajjiżna.

Iżda dan il-magażin informattiv jagħti wkoll ħarsa lejn sport ieħor fejn kull dilettant jistenna l-aħħar Sibt ta' kull xahar biex jikseb kopja ...

B'sodisfazzjon ngħid li waqqfuni bosta nies li stqarrew li SPORTIV mhux biss huwa wieħed mill-aqwa rivisti sportivi li qatt ħarġu fis-suq lokali iżda fil-preżent huwa l-aktar imfittex għal mod professjonali kif jiġi ppubblikat.

Saħansitra, dawk li fil-passat ma kienux jinteressaw ruħhom f'ċertu sport, permezz ta' SPORTIV qed iżommu ruħhom aġġornati ta' xi jseħħ bejn xahar u ieħor fix-xena lokali.

Dan jagħtina aktar stimolu biex dejjem inwasslu l-messaġġ sportiv lill-qarrejja kollha.

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ ma'

TeamSport®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**X'kien l-iskor bejn Malta u Kroazja liema partita fis-17 ta' dan ix-xahar, f'Zagreb, valida mill-preliminari Euro 2012?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2010:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 43 hija:*
**Tbilisi (Georgia)**
*u r-rebbieħa huma (1) Estelio Cini - Msida*
*(2) Josef Calleja - Hamrun (3) Jean Paul Bonnici - Żabbar*



2



1



3


€5
EuroSport
GIFT VOUCHER
with every €50 spent
AT THE FOOT OF EVERY TREE THIS CHRISTMAS
adidas
SKECHERS
adidas
Reebok
Kappa
HEAD
Cressi
Jaked
EUROSPORT: BIRKIRKARA / IKLIN / ST. JULIAN'S / BAYSTREET / DE TIGNE SLIEMA (NEXT NAZARENE CHURCH) / PAOLA
ADIDAS BRAND STORES: BIRKIRKARA / BAYSTREET / VALLETTA / THE POINT / THE DUKE, VICTORIA GOZO
REEBOK BRAND STORE: BIRKIRKARA / THE POINT
SKECHERS BRAND STORE: THE POINT / THE DUKE, VICTORIA GOZO
OPEN ON SUNDAYS
STUDENT SMART CARD ACCEPTED
ON SELECTED ITEMS
FOR ENQUIRIES PLEASE CALL ON 2385 9259 / 2385 9154







# SPORTIV

Ħarġa nru 44
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikatur
Paul Falzon

Editur
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

Reklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

*Cover - Azzjoni mill-partita bejn Kroazja u Malta*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **Euro 2012**
Il-Kroati wisq superjuri għall-Maltin

6 **Analiżi**
Erġajna tlifna... u nżilna post ieħor fir-rankings!

8 **Under 21**
Malta f'telfa minima kontra Ċipru

10 **Kampjonat Premier**
Monopolju ta' Valletta?

14 **U*BET FA Trophy**
L-ebda sorpiża fl-Ewwel Rawnd

16 **L-Ewwel Diviżjoni**
Mqabba u St. George's b'punti massimi

17 **It-Tieni Diviżjoni**
Żejtun C. sorpriżi minn Żurrieq, Senglea A. bl-akbar rebħa

18 **It-Tielet Diviżjoni**
Siġġiewi jitilfu l-ewwel punti, Għargħur isofru l-ewwel telfa

20 **Intervista Tony Borg**
Irrid nirregala kollox lill-Malta Football Association

22 **Youth FA**

24 **Riżultati Lokali**

26 **Futsal**
Tasal l-ewwel rebħa tat-tim nazzjonali Malti

28 **KMS**
Il-Baġit 2011 u l-isport

36 **Gozo Sports**
It-tim Għawdxi tal-futbol jispiċċa fit-tieni post

39 **Waterpolo**
Bidu pożittiv għall-Maltin

40 **Basketball**
A to Z Electronics jirbħu l-ewwel unur

42 **Snooker & Pool**
Clayton Attard jegħleb lil Ivan Rizzo fil-final

44 **Table Football**
Cremona l-ewwel rebbieħ Malti tat-Tazza taċ-Champions

45 **Rolex Middle Sea Race**
Il-jott Lucky jirbaħ il-31 edizzjoni

46 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Riżultati, Sewwieqa u Ħinijiet

48 **Rugby**
Il-Maltin viċin ir-rebħa...

50 **L-iStorja tal-Futbol Malti**
Kampjonat 1953-54

53 **Iliotibial Band Syndrome**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

54 **Storja tar-Regatta**
Ir-Regatta wara l-gwerra

56 **Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV

**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**

maltafootball.com

# Il-Kroati wisq superjuri għall-Maltin




Niko Kranjcar (Kroazja) jilħaq qabel Daniel Bogdanovic (Malta)

Żewġ gowls ta' Nico Kranjcar, matul l-ewwel taqsima, u ieħor ta' Nico Kalinic, wara l-mistrieħ għal skor finali ta' 3-0, kienu biżżejjed biex il-Kroazja jikkastigaw lil Malta għar-raba' telfa minn daqstant partiti. B'din ir-rebħa, it-tim immexxi minn Slaven Bilic tela' fil-quċċata tal-klassifika u b'ċans tajjeb li jikkwalifika għall-edizzjoni finali tal-Euro 2012 li se ssir fil-Polonja u l-Ukrajna

Mill-aħħar partita, it-telfa ta' 1-0 kontra Georgia, il-kowċ nazzjonali John Buttigieg kien jintħieġlu li jagħmel bosta tibdiliet fejn id-difensur Massimo Grima, il-midfielder John Hutchinson u l-attakkant Daniel Bogdanovic daħlu fil-post ta' Andrei Agius (sospiż), Carlo Mamo (imweġġa') u Andrew Cohen (sospiż) rispettivament filwaqt li bejn il-lasti l-gowlkiper ta' Valletta, Andrew Hogg, ħa post dak ta' Ferencvaros, Justin Haber.

Mal-bidu tal-partita, il-Maltin dehru tim organizzat speċjalment fid-difiża iżda l-akbar ostaklu għalihom kien il-grawnd mifqugħ bl-ilma, konsegwenza tax-xita li għamlet, biex għamel l-affarijiet verament diffiċli.

Ir-reżistenza tal-Maltin għall-pressjoni Kroata ċediet proprju fid-19-il minuta, meta Nico Kranjcar approfitta minn żelqa ta' Massimo Grima, avvanza u minn tarf il-kaxxa fajjar xutt fil-baxx għal ġor-rokna tax-xibka.

Kien gowl li ta moral lill-Kroati biex iddominaw il-kumplament tal-konfront



John Buttigieg - kowċ ta' Malta

bil-Maltin jirtiraw lura fit-tentattiv biex jilqgħu l-furja tagħhom.

F'bosta okkażjonijiet kellu jkun Andrew Hogg li salva lill-Maltin bis-save tal-partita jasal, fl-24 minuta, meta salva in extremis ix-xutt ta' Eduardo Da Silva.

Iżda tliet minuti minn tmiem l-ewwel taqisma ma seta' jagħmel xejn meta azzjoni bejn Eduardo Da Silva u Nico Kranjcar spiċċat b'dan tal-aħħar ivenven xutt għal ġor-rokna tas-saqaf tax-xibka li qarraq għal kollox b'Andrew Hogg, grazzi għal devjazzjoni ta' Jonathan Caruana.

Fil-bidu tat-tieni taqsima, il-Maltin setgħu naqsu l-marġni b'xutt ta' Michael Mifsud, li għadda ftit ċentimetri minn fuq il-mimduda, biex fl-54 minuta, Andrè Schembri naqas li jikkonnettja minn taħt il-lasti mill-cross insidjuż ta' Daniel Bogdanovic.

Mill-bqija tal-partita, il-Kroati kkontrollaw mingħajr wisq tbatija bil-Maltin jiddefendu b'għaxar plejers, tant, li l-gowlkiper Kroat, Vedran Runje, qatt ma kien impenjat.

Fil-81 minuta, Nikola Kalinic, isiġilla r-rebħa meta minn azzjoni ta' corner, mogħti minn Darijo Srna, irċieva l-ballun mingħand Nico Kranjcar fost taħwida quddiem il-lasti tagħna, u b'xutt li ma jaħfirx bagħat lill-partitarji Kroati kuntenti lejn id-dar!!

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | 4 | 3 | 1 | 0 | 8 | 1 | 10 |
| Greċja | 4 | 2 | 2 | 0 | 4 | 2 | 8 |
| Georgia | 4 | 1 | 3 | 0 | 3 | 2 | 6 |
| Iżrael | 4 | 1 | 1 | 2 | 5 | 5 | 4 |
| Latvja | 4 | 1 | 1 | 2 | 3 | 5 | 4 |
| Malta | 4 | 0 | 0 | 4 | 1 | 9 | 0 |

**Grupp F**

**17.11.2010 - 17.30 hrs**

**Kroazja** 1

N. Kranjcar 19, 42, N. Kalinic 81

**Malta** 0

HT 2-0 **Maksimir Stadium, Zagreb**

**Kroazja** – Vedran Runje, Vedran Corluka, Danijel Pranjic, Ivan Rakitic (Ivo Olicevic 69), Eduardo (Mario Mandzukic 78), Luka Modric, Darijo Srna, Gordon Schildenfeld, Tomislav Dujmovic, Niko Kranjcar, Mladen Petric (Nikola Kalinic 60)

*Kowċ* – Slaven Bilic

**Malta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Shaun Bajada, Gareth Sciberras (Paul Fenech 88), John Hutchinson, Massimo Grima, Roderick Briffa, Michael Mifsud, Daniel Bogdanovic (Kevin Sammut 82), Andrè Schembri (Ryan Fenech 70), Jamie Pace

*Kowċ* – John Buttigieg

**Referee** – Duarte Gomes (Portugall)

**Ass. Referees** – Tiago Trigo, Venancio Tomè (Portugall)

**Raba' Uffiċjal** – Carlos Xistra (Portugall)

**Ammoniti** – D. Srna 74 (K); M. Grima (M)



Nikola Kalinic (Kroazja) jipprova jaħrab il-kustodja ta' Gareth Scibberas u Massimo Grima (Malta)



Michael Mifsud (Malta) issikkat bejn Tomislav Dujmovic u Ivan Rakitic (Kroazja)



John Hutchinson (Malta) segwit minn Dujmovic Tomislav (Kroazja)

# Erġajna tlifna... u nżilna post ieħor fir-rankings!!



Darijo Srna (Kroazja) jikkommetti foul fuq Daniel Bogdanovic (Malta)

**Kull prestazzjoni tintesa .... u l-ġudizzju jsir fuq kull riżultat! Matul dan ix-xahar t-tim nazzjonali Malti reġa' ħareġ tellief ... bis-sitwazzjoni tkun waħda nkwetanti bil-biżgħa li riesqa wkoll lejn katastrofi .... hekk kif it-tim Malti qed jitlef post wara ieħor fir-Rankings Mondjali maħruġa mill-FIFA.**

It-telfiet tat-tim nazzjonali Malti saru "marda" kronika. Dik li sofrejna kontra l-Kroazja bl-iskor ta' 3-0, f'Zagreb, liema partita kienet valida mill-preliminari tal-2012, tkompli tikkonferma dan.

Issa ilna ma nirbħu għal dawn l-aħħar 12-il partita bl-eċċezzjoni li spiċċajna fi draw ta' 1-1 f'partita ta' ħbiberija, li ntlagħbet fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, kontra l-Maċedonja, nhar il-11 ta' Awwissu, li għadda.

Fil-verità kienet partita diffiċli għalina hekk kif sibna lill-Kroati b'tim armat li kien qed jimmira għal rebħa biex jitla' fil-quċċata ta' Grupp F.

Fil-fatt irnexxielu .... iżda mhux għal kollox minħabba li jiem qabel il-partita, il-ġurnali Kroati kienu qed jantiċipaw rebħa bi skor kbir .... iżda fl-aħħar mill-aħħar ħadu dak li riedu ... u aħna għal darba oħra erġajna ħriġna b'idejna b'vojta fost id-diżappunt u l-perplessità fl-espressjoni fuq wiċċ il-kamp Malti.

Bdejna tajjeb .... għalaqna kull spazju .... biex deher nervożiżmu kbir fost il-Kroati .... sakemm id-difiża Maltija ċediet fl-20 minuta .... u sfaxxajna ....

Bl-onestà kollha qatt ma nkun irrid li nkun negattiv u qatt ma għandna nippretendu li jsiru l-mirakli għax il-ħuta ż-żgħira qatt ma kielet il-ħuta l-kbira!!

Imma nistaqsi - għaliex pajjiżi żgħar bħalna għamlu progress kbir fil-limitazzjonijiet tagħhom u aħna mhux talli ma għamilniex dan iżda, b'mod gradwali, qed nitilfu l-profil tagħna fix-xena nternazzjonali?

Bla dubju, din il-mistoqsija issa saret waħda rettorika!!

Bosta huma dawk li qed jippuntaw it-tort lejn il-kowċ nazzjonali, John Buttigieg. Min jagħmel hekk ikun ġifa!

Fil-passat kellna bosta kowċis barranin fejn taħt ir-responsabbiltà tagħhom sofrejna umiljazzjoni wara oħra .... ir-riżultati taħt il-gwida ta' dan il-kowċ Malti dejjem kienu rispettabbli.

Teoritikament, it-tattika ta' John Buttigieg tixbaħ lil dik minn fost tal-aqwa kowċis .... iżda nieqes mill-materjal. U għaliex nieqes mill-materjal? Forsi tort tas-sistema? .... forsi tort tal-amministrazzjoni? ....

Niftakar tajjeb li l iskuża tagħna, fil-passat, kienet dik li fl-Empire Stadium, tal-Gżira, konna nilagħbu fuq art iebsa u

MISTO
cafe • restaurant • venue

kienet tinħass id-differenza meta konna mmorru nilagħbu fuq il-ħaxix.

Ftaħarna, b'kull dritt, meta fil-bidu tas-snin tmenin inbena Stadium bil-ħaxix .... għaddew tliet ġenerazzjonijiet minn mindu ntefaħ b'mod uffiċjali ..... x'għamlu l-amministrazzjonijiet preċedenti biex nimxu fit-triq tal-progress?

Għaddew tletin sena u proprju dan ix-xahar inżilna post ieħor fir-Rankings tal-FIFA ... l-agħar wieħed li qatt inżilna fih - il-169 post - u dan meta t-telfa tal-Kroazja mhijiex inkluża. Iż-żewġ timijiet Ewropej li jinsabu warajna huma Andorra (202) u San Marino (203).

Il-ħidma ta' kull Assoċjazzjoni u ta' kull klabb dejjem tkun immirata biex finalment jissaħħaħ it-tim rispettiv.

Smajna ħafna ftaħir li sar investiment qawwi fil-logħba Maltija u nqatgħu ħafna żigarelli u tberik ta' lapidi ... iżda r-riżultati huma l-aqwa ċertifikat li ma jista' jgiddibhom u jmerihom ħadd!!

Min se jaqlagħna minn din is-sitwazzjoni frustranti?!!

Fuq nota totalment differenti hija t-telfa li l-Malta Basketball Association għadha kif ġarrbet bir-riżenja tas-segretarju, Frank Camilleri, wara ħidma ta' 18-il sena.

Qed isiru tentattivi biex Frank jerġa' jikkunsidra din ir-riżenja li se tħalli vojt kbir fi ħdan l-Assoċjazzjoni. Ir-raġuni tar-riżenja għadha mhix magħrufa ... iżda hi x'inhi r-raġuni dejjem hemm lok għal diskussjonijiet madwar mejda biex jirbaħ is-sens komun.

Niftakar kif Frank qalli "Kollox għandu tmiem tiegħu ...." Iżda jien ngħidlu mhux b'dan il-mod għax il-logħba Maltija għandha bżonnu kif huwa għandu bżonn il-logħba domestika .... hekk kif l-uffiċċju, f'Ta' Qali, kien it-tieni dar ..... bil-ħidma kontinwa tiegħu ..... iżda s-suppervja hija forma tal-egoiżmu!!




*L-attakkant ta' Qormi, Bello-Osagie Abubakar jirċievi t-trofew mingħand il-manager tal-Fergħa tal-BOV ta' Qormi, Emily Grech*

# Abubakar huwa l-BOV Plejer tax-Xahar għal Ottubru 2010

L-attakkant Niġerjan ta' Qormi, Bello-Osagie Abubakar, rebaħ l-unur BOV Plejer tax-Xahar għal Ottubru, 2010.

Bla dubju, Abubakar, kien jimmeritah li jirbaħ dan l-unur minħabba li wera konsistenza kontinwa fit-tliet partiti li lagħab matul dan ix-xahar b'ħin effettwat ta' 269 minuti.

Dan minħabba li ġie ssostitwit, fid-89 minuta, fir-rebħa ta' 2-1 fuq Tarxien Raibows, minn Gabriel Buttigieg, liema partita ntlagħbet fil-Victor Tedesco Stadium.

Abubakar għamel id-debutt tiegħu fl-Kampjonat Premier, nhar it-18 ta' Settembru, li għadda, fir-rebħa ta' 4-2 fuq Vittoriosa Stars. Dak in-nhar għal Qormi skorjaw George Mallia (2), Joseph Farrugia u Kosta Bjedov. S'issa huwa skorja gowl wieħed - fir-rebħa ta' 2-1 fuq Tarxien Rainbows.

Huwa ġie wkoll magħżul għal erba' darbiet bħala l-Aħjar Plejer tal-Logħba - 25.09.10 v Valletta 0-1; 18.10.10 v Tarxien R. 2-1; 25.10.10 v Sliema Wanderers 0-0; 30.10.10 v Floriana 0-1

Emily Grech, Manager fi ħdan il-Fergħa ta' Qormi tal-Bank of Valletta, ippreżentat it-trofew lil Bello-Osagie Abubakar.

Watch LIVE Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt

# Malta f'telfa minima kontra Ċipru

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena, immexxi mill-kowċ Edwin Camilleri, tilef bl-iskor minimu ta' 1-0 kontra Ċipru f'partita ta' ħbiberija li ntlgħabet fil-GSP Stadium, f'Nicosia.

Kif jindika r-riżultat, din il-logħba kienet waħda bilanċjata u kumbattuta u kellu jkun gowl tal-attakkant Andreas Alkiviadou li ddeċieda r-rebħa favur it-tim tiegħu.

Kollox ma' kollox, il-prestazzjoni tat-tim Malti kienet waħda sodisfaċenti meta wieħed iqis li Camilleri sejjaħ bosta plejers ġodda hekk kif din il-partita serviet bħala preparazzjoni għall-Kampjonati Ewropej tal-istess kategorija, li se jsiru matul is-sena d-dieħla.



It-tim ta' Ċipru

## Partita ta' ħbiberija

**17.11.2010 - 14.30 hrs**

| | |
|---|---|
| **Ċipru** | **1** |
| Andreas Alkiviadou 32 | |
| **Malta** | **0** |

HT 1-0 **GSP Stadium, Nicosia**

**Ċipru** – Kyriakos Ioannou (Giorgios Papadopoulos 80), Angelos Perikleous (Christos Palates 87), Andreas Alkiviadou (Achileas Vasilou 80), George Economidis (Christos Sotiriou 87), Andreas Pittaras (Gerasimos Fylaktou 55), Valentinos Sitlis (Lampros Fylaktou 84), Giannis Hadjivasilis (Michail Markos 55), Marios Antoniadis, Stamatis Pantos (Adamos Hadjigeorgiou 71), Stelios Dimitrou, Christos Petrou (Rafail Panagiotou 65)
*Kowċ* – George Pippiros

**Malta** – Steve Sultana (Daniel Balzan 46), Cleaven Cassar, Luca Martinelli, Dylan Grima (William Camilleri 88), Lydon Micallef (Clyde Borg 58), Kane Farrugia, Tristan Caruana (Sheldon Grech 85), Mark Scerri, Terence Vella (Lee Agius 84), Miguel Ciantar (Luke Micallef 72), Jonathan Xerri (Jonathan Xerri 63)
*Kowċ* – Edwin Camilleri

**Referee** – Leontinos Trattos (Ċipru)

**Ass. Referees** – Michalis Sotiriou, Charalambos Charalambous (Ċipru)

**Raba' Uffiċjal** – Panicos Kailis (Ċipru)

**Ammoniti** – Ħadd






# Wherever I go, I carry just two essentials.

Finding the perfect pictures to tell stories takes me all over the world. Apart from my camera, the one thing I always take with me is my American Express® Card. Not only will it get me almost anywhere, it will also get me out of trouble in an emergency.

My life is a series of captured moments. My card is my constant companion.

**You have the life, now apply for the card.**
**Call 2131 2020 or visit www.bov.com**




AMERICAN EXPRESS My life. My card.

BOV
Bank of Valletta
Exclusive provider of American Express® Cards.

BOV Premier League
BOV Bank of Valletta your Success, our Goal

# Monopolju ta' Valletta?

Hekk kif għadna fix-xahar ta' Novembru, jidher li din is-sena Valletta se jiġru bil-Kampjonat Premier u allura l-mistoqsija li kulħadd qed isaqsi hija liema se jkun dak it-tim li se jwaqqaf il-furja tal-Beltin.

Filwaqt li t-tim immexxi mill-kowċ Jesmond Żerafa qed jaċċellera r-ritmu u juri maturità ma' kull partita, it-timijiet ta' warajhom qed iwaqqgħu l-punti.

Il-Lilywhites bħal donnhom din id-darba mhux se jikkommettu l-istess żbalji li għamlu matul dawn l-aħħar sentejn bil-konsegwenza li ħarbilhom it-titlu minn taħt idejhom ....

Fil-verità, matul dawn l-aħħar sentejn kellhom l-akbar skwadra bl-aħjar elementi iżda kienu neqsin mill-konsistenza ..... dan l-istaġun l-istess konsistenza hija l-aqwa ngredjent. Fiż-żewġ logħbiet li lagħbu matul dan ix-xahar, Valletta kisbu punti massimi, skorjaw sitt gowls u ma sofrewx wieħed .... u proprju llum huma se jiltaqgħu kontra r-rivali eterni, Floriana, li dan l-istaġun għadhom ma rreġistrawx żewġ rebħiet konsekuttivi .... ġejjin minn rebħa fuq Sliema Wanderers ... u min jaf .... se jkunu huma li jwaqqfu lil Valletta jew se jisfgħu l-ħaruf tas-sagrifiċċju kif dejjem ġara matul l-aħħar konfronti ta' bejniethom? Nistennew u naraw.

Sliema Wanderers u Hibernians għaddejin minn mumenti turbulenti hekk kif jinsabu fin-naħa t'isfel tal-klassifika, bil-Pawlisti jikkonfermaw li (s'issa) huma d-diżappunt tal-Kampjonat. Fil-bidu tal-istaġun kien hemm aspettattivi għoljin iżda, minn tmien partiti, rebħu waħda biss biex jinsabu fl-aħħar post flimkien ma' Vittoriosa Stars liema tim żgur ma jimmeritahx li jinsab f'din il-pożizzjoni minħabba li dejjem kien sfida denja għal kull oppożizzjoni ... iżda abbandunat mill-fortuna.

Għal darb'oħra dan l-istaġun, Tarxien Rainbows qed juru li huma t-tim rivelazzjoni bil-plejers barranin jikkonfermaw il-potenzjal tagħhom.

Birkirkara, Floriana Hamrun Spartans u Marsaxlokk qed jagħtu ndikazzjoni li jistgħu jisfidaw għal xi kompetizzjoni Ewropea filwaqt li Qormi huma l-enigma tal-Kampjonat u li minkejja armati tajjeb, kisbu biss punt (kontra Sliema Wanderers) meta lagħbu kontra t-timijiet il-kbar kollha.



Xena tipika - Valletta jiccelebraw

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 7 | 5 | 2 | 0 | 19 | 6 | 17 |
| Marsaxlokk | 8 | 3 | 4 | 1 | 11 | 8 | 13 |
| Tarxien R. | 8 | 4 | 1 | 3 | 11 | 11 | 13 |
| Floriana | 8 | 4 | 1 | 3 | 7 | 7 | 13 |
| Birkirkara | 8 | 3 | 3 | 2 | 14 | 13 | 12 |
| Hamrun S. | 7 | 3 | 1 | 3 | 14 | 13 | 10 |
| Qormi | 8 | 2 | 2 | 4 | 7 | 10 | 8 |
| Sliema W. | 8 | 2 | 2 | 4 | 6 | 12 | 8 |
| Hibernians | 8 | 1 | 3 | 4 | 11 | 15 | 6 |
| Vittoriosa S. | 8 | 1 | 3 | 4 | 6 | 11 | 6 |

## PREMIER

**Logħba Nru 26 – 29.10.2010 - 19.30 hrs**

**Hamrun Spartans** 1
M. Pereira 26
**Birkirkara** 1
M. Galea 23

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – Ivan Casha, Ryan Fenech, Massimo Grima, Jovan Vukanic, Peter Anizoba, David Camilleri, Roderick Fenech, Lee James Agius (Mead Mifsud 70), Marcelo Pereira, Gaetan Spiteri (Steve Bonnici 83), Martin Hrubsa
*Kowċ* – Steve D'Amato
**Birkirkara** – Michael Fraser, Ryan Scicluna (Thomas Paris 74), Terence Vella, Simon Zahra (Karl Pulo 82), Andrew Decesare, Paul Fenech, Trevor Cilia (Emiliano Lattes 12), Michael Galea, Nikola Vukanac, Joseph Zerafa, Angus Buhagiar
*Kowċ* – Paul Zammit
**Referee** – Andre Arciola
**Assistenti** – Konrad Borg, Malcolm Mercieca
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – P. Anizoba, L. J. Agius (HS); J. Zerafa (B)

## PREMIER

**Logħba Nru 27 – 30.10.2010 - 15.00 hrs**

**Qormi** 0
**Floriana** 1
M. Mecerod 94

HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Jason Vandelannoite, Roderick Sammut, Kosta Bjedov (Matthew Bartolo 42), Joseph Farrugia, Ben Camilleri (Kang Hojugn 58), Abubakar-Bello Osagie, George Mallia, Jonathan Bondin, Cleavon Frendo (Joseph Chetcuti 78), Vinicius Da Silva
*Kowċ* – Stephen Azzopardi
**Floriana** – Lotfi Saidi, Brian Said, Ivailo Sokolov, Manolito Micallef, Christian Caruana, Ivan Woods, Duncan Pisani, Joseph Borg (Christian Cassar 82), Mark Gauci (Micahel Mecerod 55), Tyrone Farrugia, Clyde Borg (Pablo Doffo 72)
*Kowċ* – Todor Raykov
**Referee** – Glenn Tonna
**Assistenti** – Joe Camilleri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – A. Bello-Osagie, G. Mallia, J. Vandelannoite (Q); M. Micallef (F)

## PREMIER

**Logħba Nru 28 – 31.10.2010 - 14.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 2
R. Costa 10, D. Bueno 51
**Sliema Wanderers** 1
J. P. Mifsud Triganza 40

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Cristiano Dos Santos Rodrigues, Justin Grioli, Ryan Mintoff, Sergio Pacheco De Oliveira (Lee Galea 82), Orosco Anonam, Ricardo Costa (Sergio Hili 81), Manuel Caruana, Mark Tanti (Ryan Grech 72), Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Julian Briffa (James Paris 44), Jackson Lima Sequeira, Beppe Muscat, Obinna Polycarp Obiefule, Soure Sekou Tidane (Valdo Goncalves Alinho 79), Josef Mifsud, Jean Pierre Mifsud Triganza, Clifford Gatt Baldacchino, Roderick Bajada, John Mintoff (Miguel Ciantar 81)
*Kowċ* – Mark Marlow
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – William Debattista, Edward Spiteri
**Raba' Uff.** – Glenn Tonna
**Ammoniti** – R. Bajada, C. Gatt Baldacchino (SW); J. Grioli, C. Rodrigues, D. Bueno, L. Galea (TR)

## PREMIER

**Logħba Nru 29 – 31.10.2010 - 16.00 hrs**

**Vittoriosa Stars** 2
M. Gauci 46 o.g., A. Ewurum 73
**Hibernians** 0

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Vittoriosa S.** – Simon Agius, Carl Sammut, Sharlon Pace, Jeffrey Chetcuti, Carlos Compagnoli, Dino Cachia, Kevin Mifsud, Jorge Santos Silva (Johann Spiteri 89), Anthony Ewurum, Stephen Wellman, Leighton Grech (Clayton Micallef 79)
*Kowċ* – Winston Muscat
**Hibernians** – Mario Muscat, Matthew Tabone, Matthew Gauci, Matthew Clarke, Jonathan Pearson (Aaron Xuereb 72), Richie Hart (Bjorn Kristensen 60), Paul McManus, Andrew Cohen (Steve Pisani 77), Edward Herrera, Triston Caruana, Jean Paul Farrugia
*Kowċ* – Mark Miller
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Alan Camilleri
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – D. Cachia, J. Chetcuti (VS)

## PREMIER

**Logħba Nru 30 – 01.11.2010 - 19.30 hrs**

**Marsaxlokk** 0
X. Xxxxxxxx 0, X. Xxxxxx 0
**Valletta** 2
K. Sammut 18, D. Falzon 49

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Ruben Guerreiro Gravata, Carlo Mamo, Martin Deanov (Julio Alcorse 56), Alfred Effiong, Rumen Galabov, Malcolm Licari, Gareth Sciberras, Dylan Kokavessis, Clive Brincat (Sunday Eboh 50), Trevor Templeman
*Kowċ* – Patrick Curmi
**Valletta** – Andrew Hogg, Denni Rocha Dos Santos, Ian Azzopardi, Jonathan Caruana, Ramon Dos Santos, Steve Borg, Roderick Briffa, Jamie Pace, Dyson Falzon (Gilbert Agius 73), Kevin Sammut (Edmond Agiuis 89), Terence Scerri
*Kowċ* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Philip Agius, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Andre Arciola
**Ammoniti** – C. Brincat, G. Sciberras, S. Eboh, J. Alcorse, T. Templeman (M); D. Rocha Dos Santos, T. Scerri, A. Hogg (V)
**Tkeċċa** – J. Alcorse 82 (M)

## PREMIER

**Logħba Nru 31 – 01.11.2010 - 19.30 hrs**

**Birkirkara** 1
J. Santos Silva 61
**Vittoriosa Stars** 1
N. Vukanac 93

HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Birkirkara** – Michael Fraser, Ryan Harding, Emiliano Lattes, Terence Vella (Shawn Bajada 56), Simon Zahra (Carl Pulo 56), Andrew Decesare (Thomas Paris 77), Paul Fenech, Michael Galea, Nikola Vukanac, Joseph Zerafa, Angus Buhagiar
*Kowċ* – Paul Zammit
**Vittoriosa S.** – Simon Agius, Dino Cachia, Carlos Compagnoli, Anthony Ewurum, Leighton Grech (Edison Luis Dos Santos 76), Kevin Mifsud, Sharlon Pace, Carl Sammut, Jorge Santos Silva (Clayton Micallef 89), Stephen Wellman, Jeffrey Chetcuti
*Kowċ* – Winston Muscat
**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Philip Agius, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – A. Decesare, S. Zahra, R. Scicluna, P. Fenech (B)
**Tkeċċa** – E. Luis Dos Santos 89 (VS)

## PREMIER

**Logħba Nru 32 – 05.11.2010 - 19.30 hrs**

**Valletta** 4
D. Rocha Dos Santos 19, T. Scerri 68 pen, G. Agius 86, E. Agius 89
**Sliema Wanderers** 0

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Denni Rocha Dos Santos, Ian Azzopardi, Jonathan Caruana, Steve Borg, Gilbert Agius (Edmond Agius 87), Roderick Briffa, Jamie Pace, Dyson Falzon (Omonigho Temile 65), Kevin Sammut (Ian Zammit 81), Terence Scerri
*Kowċ* – Jesmond Zerafa
**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Jackson Lima Sequeira, Beppe Muscat (Steve Bezzina 74), Obinna Obiefule, Soure Sekou Tidane, Josef Mifsud, Mark Scerri, Jean Pierre Mifsud Triganza (Miguel Ciantar 79), Clifford Gatt Baldacchino, Roderick Bajada, John Mintoff
*Kowċ* – Mark Marlow
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Alan Camilleri, Ingmar Spiteri
**Raba' Uff.** – Glenn Tonna
**Ammoniti** – D. Rocha Dos Santos, R. Briffa (V); C. Gatt Baldacchino, J. Lima Sequeira, J. Mifsud (SW)

## PREMIER

**Logħba Nru 33 – 06.11.2010 - 14.00 hrs**

**Floriana** 0
**Tarxien Rainbows** 2
S. Pacheco De Oliveira 43, 63

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Floriana** – Lofti Saidi, Ivailo Sokolov, Ivan Woods, Tyrone Farrugia, Michael Mecerod, Manolito Micallef, Brian Said, Clyde Borg (Pablo Doffo 72), Christian Caruana (Ryan Darmanin 66), Owen Bugeja (Christian Cassar 66), Joseph Borg
*Kowċ* – Todor Raykov
**Tarxien R.** – David Cassar, Ricardo Costa, Cristiano Dos Santos Rodrigues, Justin Grioli, Sergio Pacheco De Oliveira (Julian Vella 89), Orosco Anonam, Lee Galea, Manuel Caruana, Mark Tanti, Daniel Mariano Bueno (Gianluca Calabretta 46), Luke Vella Critien (Ryan Mintoff 58)
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – William Debattista, Malcolm Mercieca
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – O. Anonam, L. Galea (TR); M. Mecerod, T. Farrugia, I. Sokolov, P. Doffo (F)

## PREMIER

**Logħba Nru 34 – 06.11.2010 - 16.00 hrs**

**Marsaxlokk** 2
Alfred Effiong 79, 86
**Hamrun Spartans** 1
G. Spiteri 7

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Carlo Mamo, Gareth Sciberras, Martin Deanov (Kevin Polidano 89), Peter Pullicino (Andrew Spiteri 72), Malcolm Licari, Alfred Effiong, Rumen Galabov, Trevor Templeman, Dylan Kokavessis (Gary Caruana 58), Ruben Geurreiro Gravata
*Kowċ* – Patrick Curmi
**Hamrun S.** – Ivan Casha, Mark Anthony Bonnici, Massimo Grima, Roderick Fenech, Ryan Fenech, Marcelo Pereira (Rupert Mangion 63), Gaetan Spiteri (Lee James Agius 82), Jovan Vukanic, Martin Hrubsa, David Camilleri, Peter Anizoba
*Kowċ* – Steve D'Amato
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Edward Spiteri
**Raba' Uff.** – Joe Camilleri
**Ammoniti** – M. Grima, Ry. Fenech, Rod. Fenech, M. A. Bonnici (HS); R. Guerreiro (M)

## PREMIER

**Logħba Nru 35 – 08.11.2010 - 19.30 hrs**

**Hibernians** 0
**Qormi** 0

**Hibernians Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Matthew Clarke, Matthew Gauci, Richie Hart (Edward Herrera 59), Zoran Levnaic (Bjorn Kristensen 89), Paul McManus, Adrian Pulis, Aaron Xuereb, Jonathan Pearson, Matthew Tabone, Triston Caruana (Andrew Cohen 64)
*Kowċ* – Mark Miller
**Qormi** – Matthew Farrugia, Claevon Frendo, Kang Hojung (George Mallia 67) (Keith Fenech 78), Jason Vandelannoite, Abubakar Bello-Osagie, Kosta Bjedov (Joseph Chetcuti 82), Matthew Bartolo, Joseph Farrugia, Jonathan Bondin, Stefan Giglio, Roderick Sammut
*Kowċ* – Stephen Azzopardi
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Alan Camilleri, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – M. Tabone, R. Hart, Z. Levnaic (H)

## PREMIER

**Logħba Nru 36 – 20.11.2010 - 14.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 0
**Floriana** 1
I. Woods 5

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Mark Scerri, James Paris (Adam Spiteri 62), John Mintoff, Beppe Muscat (Noel Turner 78), Valdo Alinho, Jean Pierre Mifsud Triganza, Sekou Souare, Clifford Gatt Baldacchino, Steve Bezzina, Roderick Bajada (Miguel Ciantar 42)
*Kowċ* – Mark Marlow
**Floriana** – Lotfi Saidi, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Brian Said, Mano Micallef, Pablo Doffo, Christian Cassar, Clyde Borg (Joseph Borg 46), Ivan Woods, Ryan Darmanin (Michael Mecerod 56), Christian Caruana (Mark Gauci 84)
*Kowċ* – Todor Raykov
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Philip Agius, Ingmar Spiteri
**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi
**Ammoniti** – B. Said, C. Caruana, M. Mecerod (F); S. Souare, V. Alinho (SW)

## PREMIER

**Logħba Nru 37 – 20.11.2010 - 16.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 2
J. Pearson 3 o.g., S. Pacheco 75
**Hiberniains** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Steven Sadowski, Everton Pereira, Gianluca Calabretta (Manuel Caruana 63), Ricardo Costa, Cristiano Dos Santos Rodrigues, Sergio Pacheco (Sergio Hili 88), Mark Tanti (Ryan Mintoff 84), Orosco Anonam, Lee Galea, Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Hibernians** – Mario Muscat, Adrian Pulis, Matt Clarke, Aaron Xuereb (Triston Caruana 84), Richie Hart, Jonathan Pearson, Paul McManus, Zoran Levnaic, Andrew Cohen (Bjorn Kristensen 81), Joan Paul Farrugia (Steve Pisani 81), Edward Herrera
*Kowċ* – Mark Miller
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Konrad Borg, Alan Camilleri
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – J. Grioli (TR); A. Xuereb (H)

## PREMIER

**Logħba Nru 38 – 21.11.2010 - 14.00 hrs**

**Vittoriosa Stars** 1
Jorge Santos Silva 74

**Marsaxlokk** 1
T. Templeman 20

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Vittoriosa S.** – Simon Agius, Carl Sammut, Sharlon Pace, Jeffrey Chetcuti, Carlos Campagnoli, Dino Cachia, Kevin Mifsud, Jorge Santos Silva, Anthony Ewurum, Stephen Wellman, Leighton Grech (Jonathan Xerri 84)
*Coach* – Winston Muscat

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Carlo Mamo, Gareth Sciberras, Martin Deanov, Peter Pullicino, Malcolm Licari, Alfred Effiong, Rumen Galabov, Trevor Templeman, Dylan Kokavessis (Andrew Spiteri 67), Ruben Guerreiro Gravata
*Coach* – Patrick Curmi

Referee – Andre Arciola
Assistenti – Alan Camilleri, William Debattista
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – L. Grech, D. Kokavessis, P.Pullicino, G. Sciberras, A. Spiteri (M); R. Guerreiro (VS)

## PREMIER

**Logħba Nru 39 – 21.11.2010 - 16.00 hrs**

**Qormi** 0

**Birkirkara** 2
E. Lattes 42, 87

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Cleavon Frendo, Jason Vandelannoite, Stefan Giglio, Roderick Sammut (Gabriel Buttigieg 66), Matthew Bartolo, Kosta Bjedov (Joseph Chetcuti 76), Joseph Farrugia, Abubakar Bello-Osagie (Ben Camilleri 50), Jonathan Bondin, Kang Hojung
*Coach* – Stephen Azzopardi

**Birkirkara** – Michael Fraser, Paul Fenech, Joseph Zerafa, Patrick Borg, Karl Pulo (Thomas Paris 81), Rowen Muscat, Ryan Harding, Shaun Bajada (Terence Vella 89), Angus Buhagiar, Michael Galea (Alan Tabone 88), Emiliano Lattes
*Coach* – Paul Zammit

Referee – Marco Borg
Assistenti – Joe Camilleri, Edward Spiteri
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – C. Pulo, T. Paris (B); C. Frendo, M. Farrugia (Q)



Alfred Effiong (Marsaxlokk) segwit minn Joseph Zerafa (Birkirkara)



Clyde Borg (Floriana) itajjar il-periklu minn fuq Daniel Bueno (Tarxien R.)





Josef Mifsud (Sliema W.) jiddefendi l-ballun minn Kosta Bydeov (Qormi)

Terence Scerri (Valletta)



Kevin Mifsud (Vittoriosa S.) jikklerja f'attakk ta' Hibernians



Trevor Templeman (Marsaxlokk) jantiċipa lil Jamie Pace (Valletta)




Trade Enquiries VJ Salomone (Marketing) tel: 8007 2387


Hibernians v Pieta H.


St. Andrew's v St. George's

# L-ebda sorpriża fl-Ewwel Rawnd

Hekk kif matul dan ix-xahar bdiet tintlagħab il-kompetizzjoni tal-U*Bet FA Trophy, l-ebda sorpriża ma ġiet reġistrata meta fl-Ewwel Rawnd setgħet tiġi nnotata d-dominanza tat-timijiet tal-Kampjonat Premier fuq dawk it-timijiet tal-Ewwel Diviżjoni.

Is-siparju ta' din il-kompetizzjoni tela' bir-Rawnd Preliminari fejn Pietà Hotspurs kisbu rebħa kbira ta' 6-0 fuq Msida St. Joseph iżda, fl-Ewwel Rawnd, ġew eliminati minn Hibernians b'dawn tal-aħħar joħorġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-0.

L-aktar rebħa ġiet irreġistrata minn Hamrun Spartans li warrbu għal kollox l-isfida ta' Melita bl-iskor ta' 5-0 biex, flimkien ma' Floriana (li għelbu lil Dingli Swallows bl-iskor ta' 3-0) u ma' Hibernians, kienu t-tliet timijiet li ma sofrew l-ebda gowl.

Fiż-żewġ konfronti diretti minn timijiet tal-Ewwel Diviżjoni kienu Mosta u St. Andrew's li rnexxielhom jikkwalifikaw għat-Tieni Rawnd meta għelbu lil Dingli Swallows u St. George's rispettivament.

Filwaqt li St. Andrew's għelbu lil St. George's bl-iskor ta' 2-1, il-partita bejn Mosta u Dingli Swallows kellha tmur fil-ħin barrani liema partita kien fiha minn kollox, inklużi tliet penalties u żewġ tkeċċijiet.

Logħba partikolari kienet dik bejn it-tim Għawdxi ta' Victoria Hotspurs u Vittoriosa Stars li ntlagħbet fil-Gozo Stadium u li t-tim mill-Kampjonat Premier ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 4-2. Iżda l-Hotspurs kienu sfida denja fejn fetħu vantaġġ f'żewġ okkażjonijiet imma l-esperjenza tal-Istars kienet biżżejjed biex dawru telfa f'rebħa ... minkejja li kellhom jistennew sal-aħħar sekondi biex jaċċertaw mill-kwalifikazzjoni.



Balzan Y. v Tarxien


St. Andrew's v St. George's





U*BET





Hibernians v Pieta H.

## Rawnd Preliminari

**10.11.2010 - 19.30 hrs**

**Pietà Hotspurs** 6
R. L. Bandeira 3, 13, 79, Z. Muscat 15, 56, S. Grech 40

**Msida St. Joseph** 0

HT 4-0 **Centenary Stadium**

**Pietà H.** – Kirsten Vella, Clive Spiteri (Ansil Briffa 53), Ryan Mifsud, Bernard Sciberras, Gary Busuttil, Robson Luiz Bandeira, Sheldon Grech, Zack Muscat (Terrence Agius 70), Jurgen Pisani, Domnic Mifsud (Jesmond Azzopardi 60), Dale Camilleri
*Kowċ* – Joe Grech
**Team B** – Jeremy Alden, Kurt Grech, Neil Curmi (Andrew Formosa 50), Leslie Cassar, Rodney Caruana (Adrian Farrugia 65), Ryan Xuereb, Lydon Micallef, Karl Saliba (Andrea Grech 55), Karl Caruana, Phiram Sakchai, Matthew Borda
*Kowċ* – Iro Curmi
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Konrad Borg, Mitchell Scerri
**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi
**Ammoniti** – Ħadd

## L-Ewwel Rawnd

**12.11.2010 - 18.00 hrs**

**Floriana** 3
I. Woods 7, 71, C. Borg 81

**Lija Athletic** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Team A** – Lotfi Saidi, Owen Bugeja (Clyde Borg 29), Brian Said, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Mark Gauci (Christian Caruana 60), Pablo Doffo, Christian Cassar, Mano Micallef, Ivan Woods, Ryan Darmanin (Michael Mecerod 69)
*Kowċ* – Todor Raykov
**Team B** – Sean Mintoff, Andrea Spiteri, Antonio Saliba, Daniel Scerri, Antoine Saccco, Marko Potezica, Wayne Borg St. John (Glenn Barry 81), Keith Darmanin, Andre Scicluna, Admir Dzanovic (Ayrton Buhagiar 57), Matthew Fleri Soler
*Kowċ* – Marco Gerada
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Philip Agius, Malcolm Mercieca
**Raba' Uff.** – Glenn Tonna
**Ammoniti** – D. Scerri, A. Saliba, M. Potezica (LA)

## L-Ewwel Rawnd

**12.11.2010 - 18.00 hrs**

**Dingli Swallows** 3
C. Ciappara 13 pen, J. Chirino 32, R. Sammut 50

**Mosta** 5
R. Deguara 34, 67, M. Briggs 42 pen, 101 pen, K. Formosa 96 o.g.

HT 2-2 **Victor Tedesco Stadium**
***(wara l-ħin barrani)***

**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Ryan Sammut, Shawn Tellus, Rueben Bella, Chris Ciappara, Kurt Formosa (Julian Camilleri 105), Matthew Pace (Jonatha 90), Etienne Farrugia, Clayton Caruana, Roderick Briffa, Joreilly Chirino (Karl Asciak 105)
*Kowċ* – Robert Magro
**Mosta** – Noel Attard, Adrian Borg, Simon Shead, Mark Brincat (Alex Cilia 71), William Camenzuli, Quincy Bregman, Nikola Bogdanovic, Mark Briffa, Ryan Deguara, Lee Grima (Kane Farrugia 46), Lyden Micallef (Gilbert Martin 46)
*Kowċ* – Oliver Spiteri
**Referee** – Sammy Attard
**Assistenti** – Mariano Debono, Duncan Sultana
**Raba' Uff.** – Andrè Arciola
**Ammoniti** – S. Tellus (DS); M. Brincat, W. Camenzuli, S. Shead (M)
**Tkeċċew** – C. Ciappara 45 (DS); Q. Bregman 101 (M)

## L-Ewwel Rawnd

**12.11.2010 - 20.00 hrs**

**Marsaxlokk** 1
J. Alcorse 33

**Mqabba** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Marsaxlokk** – Glenn Zammit, Malcolm Licari, Andrew Spiteri, Gareth Sciberras, Rumen Galabov, Peter Pullicino, Trevor Templeman, Ruben Guerrero, Dylan Kokavessis (Alfred Effiong 71), Martin Deanov (Gary Caruana 88), Julio Alcorse
*Kowċ* – Patrick Curmi
**Mqabba** – Kris Calleja, Andrew Scicluna, Mauro Bonnici, Mark Anthony Psaila, David Azzopardi (Pierre Grima 46), Chris Cuschieri, John Debattista (Branislav Timotic 51), Iro Curmi, Martin Anastasi, Mauro Grioli (Marlon Briffa 73), Shaun Magro
*Kowċ* – Clive Mizzi
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Konrad Borg, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – J. Debattista, I. Curmi (Mq); M. Licari (Mx)

## L-Ewwel Rawnd

**12.11.2010 - 20.45 hrs**

**Hamrun Spartans** 5
M. Pereira 4, 50, 80, G. Spiteri 17, R. Fenech 66

**Melita** 0

HT 2-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – Omar Borg, Mark Anthony Borg (Karl Magro 61), Rupert Mangion, Roderick Fenech, Ryan Fenech (Lee James Agius 70), Marcelo Pereira, Gaetan Spiteri, Martin Hrubsa, David Camilleri (Mead Mifsud 67), Steve Bonnici, Massimo Grima
*Kowċ* – Steve D'Amato
**Melita** – Matthew Sapiano, Rudi Ahinho, Luca Martinelli, George Gribbon, Andrew Caruana Scicluna (Tobias Terpougoff 60), Kane Micallef, Matthew Borg (Jonathan Mifsud 18), Julian Galea, Luke Micallef, Karl Vella Petroni (Malcolm Mamo 69), Maxime Batel
*Kowċ* – Martin Gregory
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Edward Spiteri
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – R. Mangion, M. A. Bonnici (HS)
**Tkeċċi** – R. Ahinho 15 (M)

## L-Ewwel Rawnd

**13.11.2010 - 14.00 hrs**

**Hibernians** 4
J. P. Farrugia 41, J. Pearson 63, E. Herrera 71, P. McManus 86

**Pietà Hotspurs** 0

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Adrian Pulis (Matthew Gauci 56), Jonathan Pearson, Matthew Tabone, Bjorn Kristensen (Ayrton Azzopardi 80), Triston Caruana, Edward Herrera, Andrew Cohen, Paul McManus, Jean Paul Farrugia (Steve Pisani 78), Zoran Levnaic
*Kowċ* – Mark Miller
**Pietà H.** – Miguel Montfort, Clive Spiteri (Ansil Briffa 78), Ryan Mifsud, Bernard Sciberras, Quilin Refalo, Robson Luiz Bandeira, Sheldon Grech (Domnic Mifsud 64), Sefan Lijeskic, Zach Muscat, Cleavon Cassar, Jurgen Pisani
*Kowċ* – Joe Grech
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Joe Camilleri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi
**Ammoniti** – Ħadd

## L-Ewwel Rawnd

**13.11.2010 - 16.00 hrs**

**Balzan Youths** 1
U. Anywanna 45 pen

**Tarxien Rainbows** 3
S. Pacheco 13, C. Rodrigues 35, E. Pereira 57

HT 1-2 **Victor Tedesco Stadium**

**Balzan Y.** – Frederick Tabone, Clint Micallef, David Agius, Jonathan Francica (Bjorn Bondin 72), Malcolm Buttigieg, Sylvan Ciscaldi (Matthew Sciortino 64), Dylan Grima (Lydon Micallef 75), David Fenech, Steve Meilak, Uchanna Anywanna, Renato Garcia Conceicao
*Kowċ* – Joe Borg
**Tarxien R.** – David Cassar, Steve Sadwoski, Everton Antonio Pereira, Gianluca Calabretta, Ricardo Costa, Cristiano Dos Santos Rodrigues, Sergio Pacheco De Oliveira (Orosco Anonam 76), Mark Tanti, Julian Vella (Lee Galea 65), Ryan Mintoff, Ryan Grech (Justin Grioli 46)
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Konrad Borg, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – C. Micallef, J. Francica, M. Sciortino (BY); S. Sadowski, G. Calabretta, R. Costa, R. Mintoff (TR)

## L-Ewwel Rawnd

**14.11.2010 - 14.00 hrs**

**St. George's** 1
G. Bonello 75 pen

**St. Andrew's** 2
J. Pallen 39, J. Briscoe White 33

HT 0-2 **Centenary Stadium**

**St. George's** – Ryan Cilia (Thomas Galea 66), Luke Stivala (Shawn Farrugia 80), Terence Farrugia, Daniel Zahra, Emanuel Sevasta, Anthony Bonello (Leroy Bonet 37), Emerson Amaira, Glenn Bonello, Jonathan Ruiz, Gary Inguanez, Dylan Zarb
*Kowċ* – Joe Falzon
**St. Andrew's** – Ibrahim Deren, Glenn Fenech, Patrick Briscoe White, Ronnie Hartvig, Jonathan Briscoe White, Kurt Galea (Nicki Vella Petroni 68), Andrew Amato, Neil Chetcuti, Michael Calleja (William Camilleri 57), Jack Pallen (Faibal Anakua (86)
*Kowċ* – Wayne Attard
**Referee** – Paul Apap
**Assistenti** – Philip Agius, Malcolm Mercieca
**Raba' Uff.** – Chris Lautier
**Ammoniti** – E. Sevasta (SG), J. Briscoe White, F. Anakua, N. Vella Petroni (SA)
**Tkeċċa** – D. Zarb 60 (SG)

## L-Ewwel Rawnd

**14.11.2010 - 14.00 hrs**

**Victoria Hotspurs** 2
K. Ganchev 15, J. Azzopardi 48

**Vittoriosa Stars** 4
C. Compagnoli 35, L. Grech 62, A. Ewurum 64, 93

HT 1-1 **Gozo Stadium**

**Victoria H.** – Mark Grima, Julius Oche Emanche (Josmar Farrugia 79), Michael Vella, Andrew Zammit (Kevin Farrugia 56), Mario Mifsud, Daniel Farrugia, Ryan Grech, Dylan Bellotti, Justin Azzopardi, Kalin Ganchev, Oliver Farrugia
*Kowċ* – Reuben Mercieca
**Vittoriosa S.** – Jean Matthias Vella, Clayton Micallef (Jeffrey Chetcuti 60), Justin Camilleri, Carlos Compagnoli, Edison Luis Dos Santos, Johann Spiteri (Anthony Ewurum 37), Jonathan Xerri, Dino Cachia, Jorge Santos Silva, Stephen Wellman, Leighton Grech
*Coach* – Winston Muscat
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Alan Camilleri, Mariano Debono
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – J. Emanche, D. Farrugia, R. Grech (VH)

# Mqabba u St. George's b'punti massimi

BOV 1st Div. League
Bank of Valletta
your Success, our Goal

**31.10.2010** - *Victor Tedesco Stadium*

**Melita v Mqabba ........................ 0-2**
*Thiago Dos Santos Mazitelli 57, John Paul Muscat 66 (Mq)*

**Balzan Y. v St. Andrew's ................ 1-1**
*Uchanna Anywanna 69 pen (BY); Eddie Grima 85 (SA)*

**St. George's v Dingli S. ................ 3-0**
*Dylan Zarb 27, Jonathan Luiz Ruiz 71, Glenn Bonello 84 pen (SG)*

**Lija A. v Mosta ........................ 0-4**
*Kane Farrugia 31 pen, 66 pen, Simon Shead 50, 91 (M)*

**07.11.2010** - *Victor Tedesco Stadium*

**Msida SJ v Melita ........................ 4-0**
*George Gribbon 15, Maxime Batel 43, Julian Galea 88, Matthew Borg 89 (MSJ)*

**Mqabba v Pietà H. ........................ 3-0**
*James Shead 48, John Paul Muscat 88, Mauro Bonnici 92 (M)*

**St. Andrew's v Dingli S. ................ 2-0**
*Matteo Desira Buttigieg 80, Jack Pallen 90 (SA)*

**Balzan Y. v Lija A. ........................ 3-1**
*Beppe Antignolo 3 (LA); Dylan Grima 42, 50, Uchanna Anywanna 81 (BY)*

**20.11.2010** - *Victor Tedesco Stadium*

**Melita v St. George's .................... 1-2**
*Matthew Borg 30 (M); Glenn Bonello 57, 75 (SG)*

**Lija A. v St. Andrew's .................... 3-0**
*Andre Scicluna 13, Admir Dzanovic 57, Wayne Borg St. John 75 (LA)*

**21.11.2010** - *Victor Tedesco Stadium*

**Pietà H. v Msida SJ ...................... 2-0**
*Zack Muscat 5, Quelin Refalo 66 (PH)*

**Mosta v Mqabba ........................ 1-3**
*John Paul Muscat 24, Claudio Calleja 65, Thiago Dos Santos Mazitelli 80 (Mq); Simon Shead 35 (Ms)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mqabba | 3 | 3 | 0 | 0 | 8 | 1 | 9 |
| St. George's | 3 | 3 | 0 | 0 | 6 | 1 | 9 |
| Lija A. | 4 | 2 | 0 | 2 | 6 | 7 | 6 |
| Balzan Y. | 3 | 1 | 2 | 0 | 4 | 2 | 5 |
| Mosta | 3 | 1 | 1 | 1 | 5 | 3 | 4 |
| St. Andrew's | 4 | 1 | 1 | 2 | 3 | 5 | 4 |
| Melita | 3 | 1 | 0 | 2 | 5 | 4 | 3 |
| Dingli S. | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 5 | 3 |
| Pietà H. | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 5 | 3 |
| Msida SJ | 3 | 0 | 0 | 3 | 0 | 8 | -4 |

**Msida SJ tnaqqsulhom 4 punti*



Mqabba v Pietà Hotspurs




St. Andrew's v Dingli Swallows



# Zejtun C. sorpriżi minn Zurrieq, Senglea A. bl-akbar rebħa

BOV 2nd Div. League

BOV Bank of Valletta your Success, our Goal

Il-partiti kollha jintlagħbu fis-Centenary Stadium

**30.10.2010**

**St. Patrick v Zurrieq...........2-0**
*Ilyad Scicluna 50, Alex Ellul 67 (SP)*
**Zebbug R. v B'Bugia SP....0-3**
*Carlos Camenzuli 45, Emil Raducu 69, 76 (BSP)*

**31.10.2010**

**Gzira U. v Senglea A. ........2-2**
*Timmy Thomas 12, 71 (SA); Roberto Brincat 22, Andrew Scerri 61 (GU)*
**Naxxar L. v San Gwann.....4-0**
*Darren Falzon 12, Andre Rocha Da Silva 36, 60, Chris Pace 68 (NL)*

**06.11.2010**

**Mellieħa v St. Patrick ........3-1**
*Daniel Cremona 8, Conner Muchmore 80, 89 (M); Anthony Portelli 50 (SP)*
**Rabat A. v Mgarr U. ..........0-1**
*Ives Bilocca 39 (MU)*

**07.11.2010**

**Zurrieq v Zebbug R. ..........3-0**
*Clint Caruana 61, Mark Deguara 79, Gilbert Scerri 82 (ZR)*
**B'Bugia SP v Zejtun C.......0-1**
*Harun Mohammed 2 (ZC)*

**13.11.2010**

**Senglea A. v Naxxar L. ......2-3**
*Darren Falzon 9, 60 pen, Gilbert Camilleri 16, (NL); Robert Adami 33 , Ricardo Severino 87 (SA)*
**San Gwann v Rabat A.......1-4**
*Justin Felice 31, 45, 51, 66 (RA); M. Busuttil 80 (SG)*

**14.11.2010**

**Mgarr U. v B'Bugia SP ......1-2**
*Ives Bilocca 42 pen (MU); Carlos Camenzuli 50, Emil Raducu 66 (BSP)*
**St. Patrick v Gzira U. .........1-1**
*Keith Bonello 16 (GU); Steven Dimech 72 (SP)*

**20.11.2010**

**Zejtun C. v Zurrieq ............0-2**
*Darren Bellizzi 26, Johan Briffa 82 (Zq)*
**Zebbug R. v Mellieħa........0-1**
*Fabiano Bassi 65 (M)*

**21.11.2010**

**Senglea A. v St. Patrick.....7-1**
*Simon Aquilina 20, Kevin Galea 42, Advan Cakiqi 56, Timmy Thomas 65, 78, Ricardo Severino 59, 66 (SA); Randall Cassar 45 (SP)*
**Naxxar L. v Rabat A. ..........0-1**
*David Azzopardi 83 (RA)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rabat A. | 7 | 5 | 0 | 2 | 15 | 3 | 15 |
| Mellieħa | 6 | 5 | 0 | 1 | 10 | 4 | 15 |
| Zejtun C. | 6 | 4 | 1 | 1 | 7 | 4 | 13 |
| Naxxar L. | 7 | 4 | 0 | 3 | 13 | 9 | 12 |
| Senglea A. | 7 | 3 | 1 | 3 | 17 | 11 | 10 |
| B'Buġa SP | 6 | 3 | 1 | 2 | 6 | 6 | 10 |
| Zebbug R. | 6 | 3 | 0 | 3 | 5 | 6 | 9 |
| Gzira U. | 6 | 1 | 4 | 1 | 8 | 9 | 7 |
| St. Patrick | 7 | 2 | 1 | 4 | 7 | 17 | 7 |
| San Gwann | 6 | 1 | 1 | 4 | 7 | 13 | 4 |
| Zurrieq | 6 | 1 | 1 | 4 | 6 | 12 | 4 |
| Mgarr U. | 6 | 1 | 0 | 5 | 6 | 13 | 3 |



Birżebbuġa St. Peters v Zejtun Corinthians



Zurrieq v Zebbug Rangers


lighting



artificial turf



tracks



maintenance



@ 240, Zabbar Road, Fgura | Tel: 2367 6100
Email: info@240.com.mt | Web: www.240.com.mt

240 Limited

# Siġġiewi jitilfu l-
# Għargħur isofru l

29.10.2010
**Mtarfa v Swieqi U.** ....................................0-2
*John Debono 49, Joseph Gatt 65 (SU)*
**Marsaskala v St. Venera L.** ...................0-2
*Jeffrey Zammit 13, Josef Taliana 58 (SVL)*

01.11.2010
**Attard v Qrendi** ........................................1-0
*Jonathan Saliba 83 (A)*
**Sta Lucia v Mdina K.** ...............................3-0
*Brian Chetcuti 17, Emanuel Cutajar 19, Adrian Domenicus 68 (SL)*

05.11.2010
**Xgħajra T. v Siggiewi** .............................0-1
*Michael Magro 3 o.g. (S)*

07.11.2010
**Swieqi U. v Gudja U.** .............................0-4
*Trevor Thomas 18 pen, 80, Peter Paul Sammut 64, Aaron Guazzo 70 (GU)*
**St. Venera L. v Mtarfa** ..........................1-0
*Mark Grech 3 (SVL)*

08.11.2010
**Qrendi v Marsaskala** ..............................2-0
*Aaron Pendry 43, 86 (Q)*
**Attard v Sta. Lucia** .................................1-2
*Marlon Farrugia 23, Ramon Mifsud 79 (SL); Clive Lanzon 60 pen (A)*

16.11.2010
**Mdina K. v Xgħajra T.** ..........................4-0
*Clint Caruana 11 pen, Peter Grima 53, 84, Clint Scerri 88 (MK)*
**Siggiewi v Swieqi U.** .............................1-1
*Roderick Farrugia 2 (Sg); Stacey Vella 54 (Sw)*

19.11.2010
**Gudja U. v St. Venera L.** .......................3-1
*Trevor Thomas 32, Dalzier Zammit 40, David Calleja 53 o.g. (GU); Josef Taliana 64 (SV)*
**Mtarfa v Qrendi** .....................................2-0
*Darik Mohammed Abdalla 3, Terence Azzopardi 85 (M)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Siggiewi | 6 | 5 | 1 | 0 | 13 | 4 | 16 |
| Gudja U. | 6 | 5 | 0 | 1 | 14 | 4 | 15 |
| St. Venera L. | 6 | 5 | 0 | 1 | 10 | 4 | 15 |
| Swieqi | 6 | 3 | 2 | 1 | 9 | 8 | 11 |
| St. Lucia | 6 | 3 | 0 | 3 | 7 | 9 | 9 |
| Mdina K. | 6 | 2 | 1 | 3 | 9 | 8 | 7 |
| Attard | 5 | 2 | 0 | 3 | 5 | 6 | 6 |
| Xgħajra T. | 6 | 2 | 0 | 4 | 5 | 11 | 6 |
| Qrendi | 6 | 1 | 1 | 4 | 5 | 8 | 4 |
| Mtarfa | 6 | 1 | 1 | 4 | 5 | 8 | 4 |
| Marsaskala | 5 | 0 | 0 | 5 | 2 | 14 | 0 |

## Sezzjoni A


Mdina Knights v Siggiewi


St Venera v Mtarfa

# ewwel punti, -ewwel telfa

BOV 3rd Div. League
Bank of Valletta
your Success, our Goal

## Sezzjoni B



Ghaxaq v Fgura


Ghaxaq v Fgura

**25.10.2010**

**Għargħur v Kirkop U. ........................2-1**
*Christian Mifsud 37 (KU); Alexander Ribic 61, Malcolm Tirchett 86 (Għ)*

**Luqa SA v Fgura U. ............................6-2**
*Colin Gatt 15 o.g., Nazzareno Abela 79 (FU); Lee Baldacchino 21, 45, 50, 75, 81, Mark Ciantar 89 (LSA)*

**28.10.2010**

**Pembroke A. v Kalkara ....................1-2**
*Michael Zammit 37, Daniel Mifsud 72 (K); Carlo Leonardi 80 (PA)*

**Għaxaq v Gozo FC ............................2-4**
*Ryan Meilak 8, Joseph Grima 47, Anthony Portelli 54 pen, Josef Buttigieg 80 (GFC); Bronwen Bugeja 64, 90 (Għ)*

**31.10.2010**

**Marsa v Għargħur ..............................1-2**
*Alexander Ribic 51, Brian Zammit 59 o.g. (Għ); Kirsten Brincat 75 (M)*

**Kirkop U. v Luqa SA ........................2-1**
*Michael Theuma 20, Orianski Buhagiar 34 (KU); Lee Baldacchino 63 (KU)*

**05.11.2010**

**Fgura U. v Sirens ...............................2-1**
*Clint Ellul 8, Matthew Spiteri 37 (FU); Giovanni Galea 92 (S)*

**12.11.2010**

**Kalkara v Għargħur ..........................1-3**
*Nicholas Gatt 27 o.g., Ivan Ebejer 41, Nenad Veselji 80 (Għ); Daniel Borg 51 o.g. (K)*

**Pembroke A. v Gozo FC ....................2-4**
*Anthony Portelli 6, Joseph Portelli 19, Ian Xuereb 51, Joseph Girma 91 (GFA); Robert Zammit 54, Junior Sank 93 (PA)*

**15.11.2010**

**Luqa SA v Marsa ..............................0-0**

**Sirens v Kirkop U. ............................2-4**
*Jonathan Grech 4, 41 (S); Albert Busuttil 8, Christian Mifsud 22, Darren Caruana 47, Josef Attard 86 (KU)*

**21.11.2010**

**Għaxaq v Fgura U. ...........................4-0**
*Bjorn Dalli 28, 38, 56, Louis Falzon 80 (Għ)*

**Għargħur v Luqa SA .........................1-2**
*Mark Said 22 o.g. (Għ); Roderick Debattista 47, Lee Baldacchino 65 (L)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għargħur | 6 | 5 | 0 | 1 | 14 | 7 | 15 |
| Kirkop U. | 5 | 4 | 0 | 1 | 10 | 5 | 12 |
| Luqa SA | 6 | 3 | 1 | 2 | 12 | 9 | 10 |
| Għaxaq | 5 | 2 | 2 | 1 | 11 | 7 | 8 |
| Pembroke | 5 | 2 | 1 | 2 | 10 | 8 | 7 |
| Marsa | 5 | 2 | 1 | 2 | 4 | 5 | 7 |
| Gozo | 5 | 2 | 0 | 3 | 11 | 3 | 6 |
| Kalkara | 5 | 1 | 1 | 3 | 4 | 7 | 4 |
| Sirens | 5 | 1 | 0 | 4 | 7 | 13 | 3 |
| Fgura U. | 5 | 1 | 0 | 4 | 6 | 15 | 3 |







> *"Hija ħasra kbira li kollezzjoni bħal din qed ingawdiha jien u xi ftit ħbieb personali biss. Kull trofew għandu l-istorja tiegħu ....
> u issa naħseb li wasal iż-żmien li dawn jitpoġġew f'post aktar adattat u prominenti biex jitgawdew u jiġu apprezzati mill-pubbliku."*

minn Jesmond Moore

## Kollezzjonist uniku f'pajjiżna ta' trofej tal-istorja tal-futbol Malti

# Irrid nirregala kollox lill-Malta Football Association - *Tony Borg*

**Kollezzjoni unika!! Il-"mużew" ta' trofej u tazzi sar wisq żgħir għal Tony Borg biex ikompli jżid din il-kullana ta' "storja" tal-futbol Malti li ilu jġemma' għal dawn l-aħħar 21 sena. Huwa jsostni li din il-kollezzjoni għandha titgawda mid-dilettanti tal-futbol u għaldaqstant lest li jirregala kollox lill-Malta Football Association hekk kif hemm pjani biex fil-futur qrib jinfetaħ mużew, f'Ta' Qali, stess.**

*Kif beda l-interess ta' din il-kollezzjoni?*

Jien minn dejjem kont interessat fil-futbol Malti u minkejja li jien partitarju ta' Valletta kont nitgħaxxaq nara lil kull tim jgħolli t-tazzi jew trofej tal-unuri mirbuħa rispettivi.

Inqis li l-għamla ta' kull trofew hija arti u għaldaqstant bdejt ninteressa ruħi biex nibda kollezzjoni ta' trofej li ntrebħu mal-medda taż-żmien.

L-ewwel pass kien li bdejt "ninvestiga" kif u fejn isiru dawn it-trofej kif ukoll il-kuntatti li kellha l-MFA biex tagħraf tagħżel trofej partikolari għall-kompetizzjonijiet tagħha.

B'mod gradwali dħalt f'dan il-mistier u l-ewwel trofew li akkwistajt kien il *Coca Cola Premier League*, fl-1989. L-għamla tiegħu hija waħda mpekkabbli u għaldaqstant huwa minn fost l-aktar trofej li għadni ngħożż.

Infatt kienet l-"arti" tal-għamla tiegħu li ispiratni biex inkompli nkabbar il-kollezzjoni tiegħi. Irrid nistqarr li din il-kollezzjoni tiswa ħafna flus iżda kont bil-għaqal biżżejjed biex adattajt lili nnifsi skond l-esiġenzi u, illum, kull darba li niftaħ il-bieb ta' dan il-mużew personali, inħoss sensazzjoni ta' sodisfazzjon kbir!!!

*Kif irnexxielek iġġib dawn it-trofej kollha?*

Illum, meta nara trofew ġdid mill-ewwel nibda bil-ħidma tiegħi biex nakkwista ieħor bħalu. Minn mindu bdejt bil-kollezzjoni tiegħi, għamilt bosta kuntatti madwar l-Ewropa, ma' ditti u fabbriki, li jiddisinjaw u jibnu dawn it-trofej.

Kull darba li nsiefer, mill-ewwel immur inżur lil dawn id-ditti u li llum jarawni bħala klijent regolari tagħhom.

Irrid ngħid ukoll li bosta huma dawk il-Maltin li jaħdmu f'dan ix-xogħol li għenuni u anke ħadmuli trofej għal din il-kollezzjoni.

*Qatt sibt xi problemi jew ostakli biex stajt takkwista trofew partikolari?*

L-akbar sfida tiegħi kienet li ngħaqqad is-sitt tazzi li rebħu Valletta, fl-istaġun 2000/01.

Iva sibt bosta problemi minħabba li żewġ trofej minnhom, *Lowenbrau Cup* u s-*Super 5 Cup*, ma setgħux jiġu mmanifatturati għax ir-regola ta' kull fabbrika hija li kif jgħaddu ħames snin, tintrema l-forma.

Meta kkuntattjat lill-fabbriki rispettivi qaluli li ma kinetx possibbli li jerġgħu "jinbnew" dawn it-tazzi minħabba li kienu skadew.

Iżda bid-determinazzjoni personali ma qtajtx qalbi. Bl-għajnuna tal-MFA, sirt naf x'kien jinkiteb u b'mod gradwali "bnejthom" jien bil-qisien preċiżi.

Xtrajt il-*parts* li kelli bżonn biex finalment għaqqadt is-sett kollu. Ma kinetx faċli daqskemm wieħed jaħseb għax domt xhur sħaħ ... iżda l-paċenzja hija l-aqwa virtù!!

Problemi oħrajn ikunu dawk finanzjarji. Ħafna mit-trofej li għandi għaqqadthom jien wara li nkun xtrajt li *spare parts*. Mhux l-ewwel darba li ma sibtx il-*parts* kollha u għaldaqstant kien ikolli mmur għand arġentiera (kemm lokali kif ukoll barra minn Malta) biex isiru l-parts neċessarji .... u għal kull lira ... jeħduli ħafna aktar!!!

*Liema huwa l-aktar trofew favorit fil-kollezzjoni tiegħek?*

Bla dubju, l-FA Trophy! L-aktar waħda li ħabtitni! Kif kulħadd jaf hija l-aktar unur antik fl-istorja tal-futbol Malti meta din il-kompetizzjoni bdiet tintlagħab mill-1935. Għaldaqstant għandha preġju kbir. L-ewwel li ma għamilt kien li kkuntattjajt l-FA Ingliża għal tagħrif speċjali minn fejn oriġinat u minn liema fabbrika ġiet maħduma kif ukoll dwar il-materjal tagħha.

Kont konxju li kienet se tiswini ħafna flus iżda l-FA Trophy hija unika u żgur li mingħajrha il-kollezzjoni tkun waħda "stonata".

Biżżejjed ngħid li meta qaluli l-prezz tagħha, għall-ewwel qtajt qalbi li xi darba nakkwistaha, għax hija magħmula minn fidda mastizz, iżda bil-perseveranza personali, irnexxieli nilħaq l-għan tiegħi.

B'sodisfazzjon kbir ngħid li jeżistu żewġ FA Trophy's - waħda tinsab għandi u l-oħra (l-oriġinali) tinsab għand l-MFA. Bosta kienu dawk il-presidenti ta' bosta klabbs differenti li offrewli somma sabiħa ta' flus biex inbigħhielhom. Kull min jaraha jiġġennen għal warajha!!!!

*Għaliex trid tirregala dan it-teżor lill-Malta Football Association?*

Hija ħasra kbira li kollezzjoni bħal din qed ingawdiha jien u xi ftit ħbieb personali biss. Kull trofew għandu l-istorja tiegħu .... u issa naħseb li wasal iż-żmien li dawn jitpoġġew f'post aktar adattat u prominenti biex jitgawdew u jiġu apprezzati mill-pubbliku.

Għalkemm jien dilettant kbir tal-futbol lokali qatt ma lgħabt ma' xi tim partikolari .... iżda xorta waħda qed inqis lili nnifsi li nista' nagħti servizz lil-logħba domestika.

B'sodisfazzjon ngħid ukoll li fil-jiem li għaddew irregalajt lill-MFA trofew ġdid, li ddisinjajtu u bnejtu jien, biex fl-istaġuni li ġejjin jibda jingħata bħala l-Kampjonat rebbieħ minflok it-tazza eżistenti.

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn in-Nurseries

Fil-ħarġa ta' dan ix-xahar ser nagħtu ħarsa lejn tlett Nurseries oħra li jifformaw parti mill-Youth F.A., u li ġejjin min-naħat differenti ta' pajjiżna.
In-Nursery ta' Naxxar Lions, imwaqqfa 1982, li tkun waħda mill-ewwel Nurseries f'pajjiżna, dik ta' Pietà Hotspurs, tara l-bidu tagħha, fl-1987, u l-aktar waħda riċenti fost it-tlieta dik ta' Mqabba fejn f'din is-sena qed tiċċelebra għeluq l-għaxar sena mit-twaqqif tagħha. Kollox ma' kollox għalkemm hemm differenza fid-daqs tagħhom kollha jagħtu kontribut fit-tkabbir tal-futbol f'pajjiżna.

## Pieta' Hotspurs F.C. Youth Nursery

**Indirizz:** Our Lady of Sorrows Street, Pietà.

**Website:** www.pietafc.com

**Logo:** L-istess bħal tat-tim tal-kbar. Il-plejers fin-Nursery huma l-pedament tal-ewwel tim (jidher speċi ta' serduk fuq il-ballun)

**Twaqqif:** 1987

**Mission Statement:** Li nagħlmu plejers biex isiru plejers li minnhom igwadi t-tim tal-kbar u tim Nazzjonali Malti. Kif ukoll li jitilgħu 'l bogħod minn vizzji ħżiena.

**Kuluri uffiċjali:** Royal Blue.

**Eta' ta' tfal:** minn 4 snin 'il fuq.

**Total ta' plejers subien u bniet:** 270

**Numru ta' plejers nisa:** 23

**Tim tan-nisa fil-Kampjonat tal-MFA:** LE

**Kemm il-darba jinżamm taħriġ għall-kategorija:**

| | |
|---|---|
| U/17 | 4 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U/15 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U/13 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U/11 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U/9 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U/7 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| Bniet | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |

**It-taħriġ jinżamm fuq:** grawnd b'turf artifiċjali.

**Kumitat Staġun 2010/2011:**

| | |
|---|---|
| President | is-sur Frankie Ciantar |
| V.President | is-sur Claudio Azzopardi |
| Segretarju | is-sur Alfred Zahra |
| Asst. Segretarju | is-sur Ray Mifsud |
| Tezorier | is-sur Paul Attard |
| Asst.Tezorier | is-sur Damian Saliba |
| Membri | is-sinjuri Emily Mifsud, Anthony Vella, Godfrey Grima, Vince Mifsud, Emanuel Abela, John Borg |

**Sotto kumitati fi ħdan in-Nursery:**
Sotto kumitat ifformat mill-ġenituri tal-plejers għall-organizzazzjoni ta' fund raising

**Liċenzja mogħtija mill-MFA għall-istagun 2010/2011** – Liċenzja A

**Numru ta' kowċis ikkwalifikati/liċenzjati:** 20

**Head Coach:** Is-sur Godfrey Grima (UEFA A)

**Staġun 2010/2011:**
Kampjonati YFA U17 – Sezzjoni A
Kampjonati YFA U15 – Sezzjoni A
Gatorade Festivals U/13 – U/11

**Unuri Mirbuħa:**
U/16 A League Winners 04/05 u 05/06, U/16 Sec B promotion 99/00, U/14 Sec C Winners 96/97, U/14 Sec B winners 97/98, Under 14 Sec A winners & KO Winners 99/00, U/14 A League Winners 06/07, U/14 KO winners 2008/09, U15 A League Winners 2009/10, U17 K0 winners 2009/10.

**Most Promising Youngster YFA Leagues:**
Cleaven Frendo 2001/2 – U/16
Cliford Gauci 2008/9 – U/17
James Paris 2006/7 – U/14
Terence Agius 2008/9 – U/15
Kyle Cesare 2009/10 – U/15

**Tournaments organizzati:**
Carnival Tournament U/10
Matul ix-xhur ta' Marzu tournaments U/11 u U/12.
Matul il kumplament ta' l-istagun U/7, U/8, U/9, u U/13

**Parteċipazzjoni internazzjonali:**
Portsmouth Cup (England) 1993 & 2000
Acireale (Sicily) 1994
Kun Cup (Hungary) 1996
Monreale (Sicily) 1997
Dana Cup No 1 (Danmark) 1998
Messina Cup (Sicily) 1999 & 2000
Dana Cup (Danmark) 2001, 2002, 2005 & 2009
Licata Cup (Sicily) 2002
Barcelona Cup (Spain) 2002
Beppe Viola Cup (Italy) 2002
Trofeo Golfo di Velia (Italy) 2003
Tunisia Cup (Tunisia) 2004
Torneo Citta Di Porto Torres (Italy) 2004
Trofeo Boris Re (Italy) 2006
Welsh Super Cup (Wales) 2007 & 2010
Venice Cup (Italy) 2008
Manchester Summer Cup (England) 2008
Germany & Austria Tour 2009
Milano International T/Ment (Italy) 2009
Italy Trophy (Italy) 2010

**Plejers li tħarrġu fin-Nursery u lagħbu ma' xi t-tim Nazzjonali Malti:**
Andrew Hogg
Cleaven Frendo
Massimo Grima
Pierre Aquilina
Saviour Darmanin
Dominic Mifsud
Ryan Camilleri
Cleaven Cassar
Glanville Goodlip
Quilin Refalo
Carl Pulo
Sheldon Grech
Ismael Grech
Valeri Bojinov (Bulgaria)

**Attivitajiet matul il-vakanzi tas-sajf:**
Sessjonijiet ta' taħriġ u fun games għall-plejers bejn 6 u 12-il sena.

**Proġetti fil-preżent:** Xejn

**Proġetti għall-futur:**
Grawnd full size.



minn Joe Micallef (Segretarju Ġenerali YFA)



# Mqabba F.C. Youth Nursery

**Indirizz:** Mqabba Training Complex, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba.

**Website:** www.mqabbafcyn.org

**Logo:** Arma tal-*parent club* sabiex inrawmu lit-trainees minn età żgħira, il-mentalità li qiegħdin jilagħbu għal Mqabba FC

**Twaqqif:** 2000

**Mission Statement:** Mqabba FC YN hija kommessa sabiex tikkontribwixxi lejn l iżvilupp komplet ta' dawk it-trainees li jattendu għat-taħriġ organizzat minnha.

**Kuluri uffiċjali:** Aħmar.

**Eta' ta' tfal:** minn 4 snin 'il fuq.

**Total ta' plejers subien u bniet:** 150

**Numru ta' plejers nisa:** 2

**Tim tan-nisa fil-Kampjonat tal-MFA:** LE

**Kemm il-darba jinżamm taħriġ għall-kategorija:**

| | |
|---|---|
| U/17 | 5 sessjonijiet fil-ġimgħa. |
| U/15 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa. |
| U/13 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa. |
| U/11 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa. |
| U/9 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa. |
| U/7 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa. |
| Bniet | Xejn |

**It-taħriġ jinżamm fuq:** grawnd b'turf artifiċjali.

**Kumitat Staġun 2010/2011:**

| | |
|---|---|
| President: | is-sur Noel Galea |
| Segretarju: | is-sur Gilbert Camilleri |
| Teżorier: | is-sur John Richard Falzon |
| Membri: | is-sinjuir Mark Bondin, Antoinette Micallef, Kevin Azzopardi, Joseph Carbone. |

**Sotto kumitati fi ħdan in-Nursery:**
Sotto kumitat tal-ġenituri li b'kordinazzjoni mal-kumitat ċentrali jieħu ħsieb li jorganizza diversi attivitajiet.

**Liċenzja mogħtija mill-MFA għall-istagun 2010-2011** – Liċenzja B.

**Numru ta' kowċis ikkwalifikati / liċenzjati:** 7

**Head Coach:** Is-sur Mark Bondin (UEFA B)

**Staġun 2009/2010:**
Kampjonati YFA U17 C2
Kampjonati YFA U15 C3
Gatorade festivals U/13 u U/11

**Unuri Mirbuħa:** Xejn

**Tournaments organizzati:**
Diċembru U/13 – U/11
Mejju U/13 – U/11

**Proġetti fil-preżent:**
Ċelebrazzjonijiet tal-10 snin mit-twaqqif tan-Nursery.

**Proġetti għall-futur:**
Skambji ma' Nurseries/Akkademji ta' futbol barranin kemm għat-tfal kif ukoll għall-kowċis u amministraturi.

# Website ġdida għall-Youth Football Association

## www.theyouthfa.org.mt

Il-Youth FA jħabbru b'entużjażmu t-tnedija ta' www.theyouthfa.org.mt l-*website* il-ġdida ta' l-Assoċjazzjoni, li timmira li tkun is-sors primarju ta' nformazzjoni tal-futbol tal-Youths f'Malta u għodda ta' komunikazzjoni vitali għall-membri tagħha u dilettanti tal-futbol in ġenerali.

Il-President tal-Youth FA, Fr. Hilary Tagliaferro stqarr "It-tnedija tal-website ġdida tagħna timmira lejn direzzjoni ġdida għall-Youth FA - waħda li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħna bħala sors rikk ta' informazzjoni għan-Nurseries tal-futbol. Il-membri tagħna u l-ħtiġijiet tagħhom huma mportanti għalina u din il-*website* tirrifletti l-impenn tagħna biex żżomm il-membri tagħna aġġornati bl-informazzjoni attwali li tista' tgħin ukoll ix-xogħol tagħhom u l-miri tagħhom."

Il-Youth Football Association kienet ħabbret id-deċiżjoni tagħha li taħdem fuq *website* ġdida matul Gatorade Annual Seminar, fl-aħħar ta'Awwissu, meta l-President tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, kien ħeġġeġ lin-Nurseries sabiex jimxu maż-żminijiet. Sfortunatament l-integrazzjoni tal-*website* damet iktar milli kien antiċipat biex jiġi żviluppat u filwaqt li jiskużaw ruħhom għal dan id-dewmien, l-Assoċjazzjoni issa hija kuntenta ħafna bir-riżultat finali u jemmnu li se toffri benefiċċji reali lill-organizzazzjonijiet membri.

Din il-*website* toffri dehra kompletament ġdida u teknikament tipprovdi titjib sinjifikanti fin-navigazzjoni u nformazzjoni lill-viżitaturi. Il-*website* il-ġdida hija versatili ħafna u bbażata fuq il-Web 2.0, li jagħmilha aktar aċċessibbli u faċli għal min irid jagħmel użu minnha.

Il-*website* www.theyouthfa.com.mt fost oħrajn tinkludi dawn l-karatteristiċi: is-setup tal-Youth FA, l-istatut u r-regoli tal-kompetizzjonijiet, riżultati ta' l-U/15, U/17 u l-kompetizzjonijiet Knock-Out, statistiċi, dettalji tal-clubs membri, lista tar-rebbieħa, klassifiċi, fixtures u ritratti, kollha f'sit modern u imsebbaħ, imma ..... "mhux sabiħ biss fl-għajn, imma speċjalment għat-tisħiħ tal-messaġġ tagħna."

Fuq quddiem ta' dan is-sit, wieħed isib l-aħħar aħbarijiet u stqarrijiet għall-istampa u jinkoraġġixxi n-Nurseries sabiex jibagħtu l-avvenimenti futuri tagħhom fuq info@theyouthfa.org.mt sabiex jibbenefikaw mill-prominenza ta' dan is-sit.

Grazzi speċjali tmur għal Robert Attard, Marcel Mizzi u Frans Zammit li ħadmu fuq dan is-sit. Il-Youth FA tixtieq li tuża din l-opportunità sabiex tirringrazzja lill-Lighthouse Communications Ltd. għall din il-*website* moderna u jilqgħuhom bħala msieħba uffiċjali tagħhom.




### U19 – Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 21-Ott | Hibernians vs Pietà H. | 1-0 |
| 21-Ott | Birkirkara vs Melita | 1-1 |
| 26-Ott | Valletta vs Floriana | 0-2 |
| 26-Ott | Mosta vs Hibernians | 1-3 |
| 27-Ott | San Gwann vs St. Andrews | 0-6 |
| 27-Ott | Pietà H. vs St. Patrick | 5-0 |
| 03-Nov | Melita vs Valletta | 2-1 |
| 03-Nov | Floriana vs San Gwann | 1-2 |
| 04-Nov | St. Patrick vs Mosta | 0-1 |
| 04-Nov | St. Andrews vs Pietà H. | 2-7 |
| 11-Nov | Hibernians vs Birkirkara | 8-0 |
| 11-Nov | San Gwann vs Melita | 1-2 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS A

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 4 | 4 | 0 | 0 | 14 | 2 | 12 |
| Melita | 5 | 3 | 1 | 1 | 10 | 7 | 10 |
| St. Patrick | 3 | 2 | 0 | 1 | 8 | 2 | 6 |
| Mosta | 4 | 1 | 2 | 1 | 3 | 4 | 5 |
| Pietà H. | 3 | 1 | 1 | 1 | 8 | 4 | 4 |
| Floriana | 4 | 1 | 1 | 2 | 3 | 4 | 4 |
| Valletta | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 8 | 3 |
| St. Andrew's | 3 | 1 | 0 | 2 | 8 | 13 | 3 |
| San Gwann | 5 | 1 | 0 | 4 | 5 | 11 | 3 |
| Birkirkara | 4 | 0 | 3 | 1 | 1 | 9 | 3 |

### U19 – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Attard vs Sliema W. | 0-0 |
| 24-Ott | Naxxar L. vs Balzan Y. | 0-0 |
| 30-Ott | Attard vs Mellieha | 4-0 |
| 31-Ott | Hamrun S. vs Balzan Y. | pp |
| 31-Ott | Sliema W. vs Mgarr U. | pp |
| 31-Ott | Tarxien R. vs Qormi | pp |
| 06-Nov | Naxxar L. vs Qormi | 1-2 |
| 07-Nov | Marsaxlokk vs Sliema W. | 1-1 |
| 07-Nov | Mellieha vs Tarxien R. | 1-3 |
| 07-Nov | Mgarr U. vs Hamrun S. | 2-2 |
| 14-Nov | Qormi vs Marsaxlokk | 2-1 |
| 14-Nov | Sliema W. vs Hamrun S. | 2-1 |
| 14-Nov | Mellieha vs Naxxar L. | 1-0 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS B

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Attard | 5 | 3 | 2 | 0 | 10 | 4 | 11 |
| Qormi | 5 | 3 | 2 | 0 | 13 | 8 | 11 |
| Naxxar L. | 6 | 2 | 2 | 2 | 8 | 7 | 8 |
| Tarxien R. | 5 | 2 | 1 | 2 | 12 | 11 | 7 |
| Balzan Y. | 3 | 1 | 2 | 0 | 7 | 5 | 5 |
| Sliema W. | 5 | 1 | 2 | 2 | 7 | 11 | 5 |
| Mellieha | 4 | 1 | 1 | 2 | 5 | 10 | 4 |
| Mgarr U. | 5 | 0 | 3 | 2 | 9 | 12 | 3 |
| Hamrun S. | 3 | 0 | 2 | 1 | 4 | 5 | 2 |
| Marsaxlokk | 3 | 0 | 1 | 2 | 3 | 5 | 1 |

### U19 – Sezzjoni C

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Zurrieq vs Sirens | 9-3 |
| 30-Ott | Pembroke A. vs Rabat A. | 1-2 |
| 31-Ott | Zurrieq vs Msida SJ | 1-1 |
| 31-Ott | Sta. Venera L. vs Zebbug R. | 0-3 |
| 06-Nov | Pembroke A. vs Senglea A. | 0-3 |
| 07-Nov | Rabat A. vs Sirens | 2-2 |
| 13-Nov | Pembroke A. vs Zurrieq | 0-1 |
| 14-Nov | Sta. Venera L. vs Rabat A. | 0-4 |
| 14-Nov | Zebbug R. vs Senglea A. | 5-1 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS C

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rabat A. | 5 | 4 | 1 | 0 | 12 | 3 | 13 |
| Zebbug R. | 5 | 3 | 0 | 2 | 19 | 7 | 9 |
| Zurrieq | 6 | 2 | 2 | 2 | 15 | 17 | 8 |
| Msida SJ | 4 | 2 | 1 | 1 | 8 | 6 | 7 |
| St. Venera L. | 6 | 2 | 1 | 3 | 10 | 18 | 7 |
| Pembroke A. | 5 | 2 | 0 | 3 | 10 | 8 | 6 |
| Senglea A. | 5 | 2 | 0 | 3 | 8 | 8 | 6 |
| Sirens | 4 | 1 | 2 | 1 | 11 | 16 | 5 |
| Lija A. | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 9 | 3 |
| DIngli S. | 3 | 0 | 1 | 2 | 8 | 13 | 1 |

### U19 – Sezzjoni D

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Marsa vs Sta. Lucia | 0-1 |
| 23-Ott | Ghaxaq vs Mtarfa | 1-5 |
| 23-Ott | Mqabba vs Birzebbuga SP | 0-5 |
| 23-Ott | Fgura U. vs Kalkara | 2-3 |
| 24-Ott | St. George's vs Vittoriosa S. | 0-3 |
| 30-Ott | Kalkara vs Mtarfa | 3-1 |
| 30-Ott | Siggiewi vs Xghajra T. | 4-1 |
| 31-Ott | Mqabba vs Zejtun C. | pp |
| 06-Nov | Ghaxaq vs Kirkop U. | 0-7 |
| 06-Nov | Vittoriosa S. vs Gzira U. | 3-2 |
| 07-Nov | Fgura U. vs St. George's | 3-1 |
| 07-Nov | Luqa S.A. vs Marsa | 0-5 |
| 13-Nov | Gudja U. vs Sta. Lucia | 3-0 |
| 13-Nov | Siggiewi vs Kalkara | 1-0 |
| 14-Nov | Zejtun C. vs Ghaxaq | 8-0 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS D

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Vittoriosa S. | 4 | 4 | 0 | 0 | 14 | 7 | 12 |
| Gudja U. | 4 | 3 | 1 | 0 | 16 | 6 | 10 |
| Siggiewi | 5 | 3 | 1 | 1 | 13 | 7 | 10 |
| Kalkara | 5 | 3 | 1 | 1 | 12 | 8 | 10 |
| Kirkop U. | 4 | 3 | 0 | 1 | 15 | 4 | 9 |
| Fgura U. | 5 | 3 | 0 | 2 | 10 | 11 | 9 |
| Zejtun C. | 4 | 2 | 1 | 1 | 12 | 4 | 7 |
| Mtarfa | 5 | 2 | 1 | 2 | 15 | 14 | 7 |
| Xgħajra T. | 5 | 2 | 1 | 2 | 10 | 11 | 7 |
| B'Bugia SP | 3 | 2 | 0 | 1 | 9 | 4 | 6 |
| Marsa | 4 | 1 | 1 | 2 | 7 | 4 | 4 |
| Mqabba | 4 | 1 | 1 | 2 | 11 | 11 | 4 |
| St. Lucia | 5 | 1 | 1 | 3 | 5 | 12 | 4 |
| Gzira U. | 4 | 1 | 0 | 3 | 6 | 6 | 3 |
| Għaxaq | 5 | 1 | 0 | 4 | 5 | 23 | 3 |
| St. George's | 4 | 0 | 1 | 3 | 5 | 11 | 1 |
| Luqa SA | 4 | 0 | 0 | 4 | 0 | 22 | 0 |

### U17 - Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 24-Ott | Hamrun S. vs Valletta | 1-1 |
| 24-Ott | Floriana vs Paola H. | 2-0 |
| 24-Ott | Sliema W. vs Pietà H. | 0-4 |
| 30-Ott | Mosta vs Sliema W. | 2-0 |
| 31-Ott | San Gwann vs St. Andrews | 0-2 |
| 31-Ott | Floriana vs Melita | 4-1 |
| 06-Nov | Pietà H. vs Paola H. | 1-0 |
| 07-Nov | Valletta vs Qormi | 9-0 |
| 07-Nov | San Gwann vs Birkirkara | 1-4 |

### KLASSIFIKA - U/17 A

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 5 | 4 | 1 | 0 | 23 | 7 | 13 |
| Vallletta | 5 | 4 | 1 | 0 | 16 | 2 | 13 |
| Pieta H. | 5 | 4 | 0 | 1 | 12 | 3 | 12 |
| Floriana | 4 | 3 | 1 | 0 | 12 | 2 | 10 |
| Mosta | 5 | 3 | 0 | 2 | 10 | 7 | 9 |
| St. Andrews | 5 | 2 | 1 | 2 | 8 | 8 | 7 |
| San Gwann | 6 | 2 | 1 | 3 | 8 | 11 | 7 |
| Paola H. | 5 | 2 | 1 | 2 | 4 | 4 | 7 |
| Sliema W. | 5 | 2 | 0 | 3 | 8 | 10 | 6 |
| Qormi | 5 | 0 | 1 | 4 | 2 | 21 | 1 |
| Hamrun S. | 4 | 0 | 1 | 3 | 4 | 8 | 1 |
| Melita | 6 | 0 | 0 | 6 | 2 | 26 | 0 |

### U17 – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Pembroke A. vs Marsa | 9-2 |
| 23-Ott | Attard vs Qormi | 1-2 |
| 24-Ott | Gzira U. vs Tarxien R. | 1-2 |
| 24-Ott | Rabat A. vs Msida SJ | 0-0 |
| 24-Ott | Mellieha vs Zejtun C. | 3-1 |

### KLASSIFIKA - U/17 B

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rabat D. | 7 | 7 | 0 | 0 | 26 | 5 | 21 |
| Pembroke | 7 | 6 | 1 | 0 | 37 | 3 | 19 |
| Attard | 7 | 3 | 1 | 3 | 10 | 11 | 10 |
| Tarxien R. | 6 | 3 | 1 | 2 | 5 | 10 | 10 |
| St. Patrick | 6 | 3 | 1 | 2 | 11 | 12 | 10 |
| Marsa | 6 | 2 | 2 | 2 | 10 | 7 | 8 |
| Naxxar L. | 5 | 2 | 1 | 2 | 8 | 5 | 7 |
| Mellieha | 6 | 2 | 1 | 3 | 8 | 13 | 7 |
| Balzan Y. | 6 | 1 | 1 | 4 | 5 | 14 | 4 |
| Lija/Iklin | 5 | 0 | 1 | 4 | 3 | 15 | 1 |
| Gozo FC | 2 | 0 | 0 | 2 | 2 | 7 | 0 |
| Marsaxlokk | 5 | 0 | 0 | 5 | 5 | 28 | 0 |

### U17 – Sezzjoni C1

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Senglea A. vs Mgarr U. | 0-3 |
| 30-Ott | Senglea A. vs Zebbug R. | 1-5 |
| 30-Ott | Msida SJ vs Fgura U. | 3-1 |
| 06-Nov | Mgarr U. vs Xghajra T. | 4-1 |
| 07-Nov | Zebbug R. vs Msida SJ | 2-0 |

### KLASSIFIKA - U/17 C1

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 5 | 5 | 0 | 0 | 20 | 2 | 15 |
| Msida SJ | 5 | 4 | 0 | 1 | 18 | 5 | 12 |
| Mgarr U. | 5 | 4 | 0 | 1 | 15 | 8 | 12 |
| Gzira U. | 5 | 3 | 0 | 2 | 15 | 7 | 9 |
| Senglea A. | 5 | 1 | 0 | 4 | 4 | 19 | 3 |
| Xghajra T. | 5 | 0 | 0 | 5 | 4 | 29 | 0 |
| Fgura U. | 4 | 0 | 0 | 4 | 4 | 10 | 0 |

### U17 - Sezzjoni C2

| | | |
|---|---|---|
| 24-Ott | Zejtun C. v B'Bugia WM | 2-2 |
| 30-Ott | Għaxaq v Zejtun C. | 0-4 |
| 30-Ott | Vittoriosa S. v Mqabba | 0-2 |
| 06-Nov | B'Bugia WM v Luqa SA | 9-0 |
| 07-Nov | St. Venera v Vittoriosa S. | 3-2 |

### KLASSIFIKA - U/17 C2

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mqabba | 5 | 4 | 1 | 0 | 16 | 5 | 13 |
| Birzebbuġa | 5 | 3 | 1 | 1 | 22 | 6 | 10 |
| Zejtun C. | 5 | 2 | 3 | 0 | 14 | 6 | 9 |
| St. Venera | 4 | 2 | 1 | 1 | 12 | 9 | 7 |
| Vittoriosa S. | 4 | 1 | 0 | 3 | 4 | 8 | 3 |
| Għaxaq | 4 | 1 | 0 | 3 | 2 | 11 | 3 |
| Luqa | 5 | 0 | 0 | 5 | 3 | 28 | 0 |

### U17 – Sezzjoni C3

| | | |
|---|---|---|
| 24-Ott | Gudja U. vs Dingli S. | 1-4 |
| 24-Ott | Sta. Lucia vs Zurrieq | 1-0 |
| 31-Ott | St. George's vs Siggiewi | 0-7 |
| 31-Ott | Sirens vs Gudja U. | 2-0 |
| 06-Nov | St. George's vs Sta. Lucia | 1-4 |
| 07-Nov | Zurrieq vs Dingli S. | 0-2 |



*L-iskwadra tan-Nisa ta' Mosta*



*Under 15 - Floriana v Valletta*

**KLASSIFIKA - U/15 C3**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kirkop U. | 3 | 3 | 0 | 0 | 12 | 0 | 9 |
| Birżebbuġa | 2 | 2 | 0 | 0 | 6 | 0 | 6 |
| Fgura U. | 3 | 2 | 0 | 1 | 11 | 3 | 6 |
| Mqabba | 3 | 1 | 0 | 2 | 3 | 5 | 3 |
| Kalkara | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 19 | 0 |
| Vittoriosa S. | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 5 | 0 |
| St. Venera L. | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 |

**Kampjonat Nisa - I Diviżjoni**

| | | |
|---|---|---|
| 24-Ott | Mgarr U. v Gozo FC | 1-2 |
| 26-Ott | Mosta v Birkirkara | 2-0 |
| 31-Ott | Gozo FC v Hibernians | 0-2 |
| 03-Nov | Raiders L. v Birkirkara | 0-3 |
| 09-Nov | Hibernians v Mgarr U. | 5-0 |
| 10-Nov | Mosta v Raiders L. | 4-0 |
| 16-Nov | Mgarr U. v Birkirkara | 0-5 |
| 16-Nov | Raiders L. v Gozo FC | 2-3 |
| 17-Nov | Hibernians v Mosta | 0-1 |

**I DIVIŻJONI**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mosta | 4 | 4 | 0 | 0 | 12 | 2 | 12 |
| Hibernians | 5 | 3 | 1 | 1 | 11 | 2 | 10 |
| Birkirkara | 4 | 2 | 1 | 1 | 9 | 3 | 7 |
| Gozo FC | 4 | 2 | 0 | 2 | 7 | 10 | 6 |
| Mgarr Utd | 4 | 0 | 1 | 3 | 1 | 12 | 1 |
| Raiders | 5 | 0 | 1 | 4 | 2 | 13 | 1 |

**KLASSIFIKA - U/17 C3**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sta Lucia | 5 | 4 | 0 | 1 | 11 | 5 | 12 |
| Sirens | 4 | 3 | 0 | 1 | 10 | 4 | 9 |
| Dingli S. | 6 | 3 | 0 | 3 | 16 | 12 | 9 |
| Siggiewi | 4 | 2 | 0 | 2 | 15 | 12 | 6 |
| St. George's | 5 | 2 | 0 | 3 | 4 | 20 | 6 |
| Zurrieq | 4 | 1 | 0 | 3 | 2 | 5 | 3 |
| Gudja U. | 4 | 1 | 0 | 3 | 4 | 4 | 3 |

**U15 - Sezzjoni A**

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Sliema W. vs St. Patrick | 2-0 |
| 23-Ott | Floriana vs Mosta | 2-2 |
| 24-Ott | St. Andrews vs Naxxar L. | 5-0 |
| 24-Ott | Birkirkara vs Melita | 0-0 |
| 30-Ott | Valletta vs Naxxar L. | 4-0 |
| 31-Ott | Paola H. vs Pietà H. | 0-2 |
| 31-Ott | St. Patrick vs St. Andrews | 1-5 |
| 06-Nov | Floriana vs Valletta | 0-1 |
| 06-Nov | Naxxar L. vs Birkirkara | 0-3 |
| 07-Nov | Hamrun S. vs St. Andrews | 0-0 |
| 07-Nov | Pietà H. vs Mosta | 2-0 |
| 07-Nov | Melita vs Paola H. | 3-1 |

**KLASSIFIKA - U/15 A**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Andrews | 7 | 4 | 3 | 3 | 16 | 3 | 15 |
| Pieta H. | 6 | 4 | 2 | 0 | 9 | 3 | 14 |
| Valletta | 6 | 4 | 1 | 1 | 12 | 3 | 13 |
| Melita | 7 | 4 | 1 | 2 | 12 | 4 | 13 |
| Sliema W. | 6 | 4 | 0 | 2 | 12 | 6 | 12 |
| Floriana | 7 | 3 | 1 | 3 | 12 | 11 | 10 |
| Paola H. | 7 | 2 | 2 | 3 | 8 | 11 | 8 |
| Mosta | 6 | 2 | 1 | 3 | 7 | 12 | 7 |
| Hamrun S. | 6 | 1 | 3 | 2 | 10 | 11 | 6 |
| Birkirkara | 7 | 1 | 3 | 3 | 10 | 26 | 6 |
| St. Patrick | 7 | 0 | 3 | 4 | 6 | 18 | 3 |

**U15 – Sezzjoni B**

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Pembroke A. vs Marsa | 9-2 |
| 23-Ott | Attard vs Qormi | 1-2 |
| 24-Ott | Gzira U. vs Tarxien R. | 1-2 |
| 24-Ott | Rabat A. vs Msida SJ | 0-0 |
| 24-Ott | Mellieha vs Zejtun C. | 3-1 |
| 30-Ott | Qormi vs Mellieha | 4-4 |
| 30-Ott | Rabat A. vs Attard | 0-1 |
| 31-Ott | Zejtun C. vs Marsa | 2-0 |
| 31-Ott | Pembroke A. vs San Gwann | 0-2 |
| 07-Nov | Pembroke A. vs Gzira U. | 2-0 |
| 07-Nov | Mellieha vs San Gwann | 0-1 |
| 07-Nov | Gozo vs Marsa | 9-1 |

**KLASSIFIKA - U/15 B**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| San Gwann | 6 | 6 | 0 | 0 | 26 | 1 | 18 |
| Pembroke A. | 7 | 6 | 0 | 1 | 24 | 5 | 18 |
| Mellieha | 8 | 5 | 2 | 1 | 28 | 14 | 17 |
| Tarxien R. | 6 | 4 | 1 | 1 | 12 | 7 | 13 |
| Qormi | 6 | 3 | 1 | 2 | 12 | 12 | 10 |
| Gozo FC | 6 | 3 | 0 | 3 | 19 | 7 | 9 |
| Msida | 6 | 2 | 2 | 2 | 9 | 8 | 8 |
| Zejtun C. | 6 | 2 | 0 | 4 | 7 | 16 | 6 |
| Rabat D. | 6 | 1 | 1 | 4 | 6 | 11 | 4 |
| Attard | 6 | 1 | 0 | 5 | 10 | 16 | 3 |
| Marsa | 7 | 0 | 2 | 5 | 8 | 45 | 2 |
| Gzira U. | 6 | 0 | 1 | 5 | 4 | 23 | 1 |

**U15 – Sezzjoni C1**

| | | |
|---|---|---|
| 23-Ott | Sirens vs Siggiewi | 2-5 |
| 30-Ott | Marsaxlokk vs Zebbug R. | 0-7 |
| 31-Ott | Lija-Iklin vs St. George's | 4-0 |
| 07-Nov | Gudja U. Vs Lija-Iklin | 3-4 |

**KLASSIFIKA - U/15 C1**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 5 | 4 | 1 | 0 | 26 | 7 | 13 |
| Siggiewi | 5 | 4 | 0 | 1 | 20 | 16 | 12 |
| Lija/Iklin | 5 | 3 | 1 | 1 | 14 | 7 | 10 |
| Gujda U. | 5 | 3 | 0 | 2 | 23 | 8 | 9 |
| Sirens | 5 | 3 | 0 | 2 | 14 | 8 | 9 |
| St. George's | 4 | 1 | 0 | 3 | 8 | 15 | 3 |
| Senglea A. | 4 | 0 | 0 | 4 | 2 | 19 | 0 |
| Marsaxlokk | 5 | 0 | 0 | 5 | 5 | 32 | 0 |

**U15 - Sezzjoni C2**

| | | |
|---|---|---|
| 31-Ott | Mgarr U. vs Xghajra T. | 3-0 |
| 07-Nov | Mgarr U. vs Balzan Y. | 2-1 |
| 13-Nov | Luqa S.A. vs Ghaxaq | 8-1 |

**KLASSIFIKA - U/15 C2**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mgarr U. | 4 | 3 | 1 | 0 | 16 | 1 | 10 |
| Zurrieq | 2 | 2 | 0 | 0 | 8 | 0 | 6 |
| Xghajra T. | 3 | 2 | 0 | 1 | 5 | 5 | 6 |
| Luqa SA | 3 | 1 | 1 | 1 | 9 | 4 | 4 |
| Dingli S. | 2 | 1 | 0 | 1 | 4 | 2 | 3 |
| Għaxaq | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 21 | 0 |
| Balzan Y. | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 13 | 0 |

**U15 - Sezzjoni C31**

| | | |
|---|---|---|
| 31-Ott | Kirkop U. vs Mqabba | 2-0 |
| 13-Nov | Kalkara vs Mqabba | 0-2 |

**Kampjonat Nisa - II Diviżjoni**

| | | |
|---|---|---|
| 26-Ott | Hamrun S. v St. Venera YB | 1-3 |
| 27-Ott | Melita v Zurrieq | 0-0 |
| 27-Ott | Kirkop U. v Marsa | 1-2 |
| 02-Nov | Kirkop U. v Lija/Iklin | 5-3 |
| 02-Nov | Pembroke A. v Hamrun S. | 2-0 |
| 03-Nov | Marsa v Tarxien R. | 3-1 |
| 09-Nov | Zurrieq v Kirkop U. | 1-1 |
| 10-Nov | Lija/Iklin v Marsa | 2-5 |
| 10-Nov | Hamrun S. v Melita | 2-1 |
| 16-Nov | Melita v Kirkop U. | 2-2 |
| 16-Nv | Pembroke A. v Zurrieq | 2-0 |
| 17-Nov | Tarxien R. v St. Venera YB | 0-1 |

**II DIVIŻJONI**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke A. | 4 | 4 | 0 | 0 | 20 | 1 | 12 |
| Marsa | 5 | 4 | 0 | 1 | 11 | 7 | 12 |
| St. Venera YB | 3 | 3 | 0 | 0 | 6 | 1 | 9 |
| Kirkop U. | 5 | 2 | 2 | 1 | 11 | 8 | 8 |
| Hamrun S. | 5 | 2 | 0 | 3 | 5 | 9 | 6 |
| Lija/Iklin | 4 | 1 | 0 | 3 | 9 | 22 | 3 |
| Zurrieq | 4 | 0 | 2 | 2 | 2 | 5 | 2 |
| Melita | 4 | 0 | 2 | 2 | 3 | 6 | 2 |
| Tarxien R. | 4 | 0 | 0 | 4 | 1 | 9 | 0 |



*Under 17 - Birkirkara v San Ġwann*



# Tasal l-ewwel rebħa tat-tim nazzjonali Malti tal-futsal

Wara erba' snin ta' xogħol siewi, l-ewwel minn Michael Striz u issa minn Vic Hermans, waslet ukoll l-ewwel rebħa tat-tim nazzjonali Malti tal-Futsal.

Preċiżament wara 27 partita internazzjonali, it-tim Malti rebaħ 4-1 kontra l-Palestina meta kien qiegħed jipparteċipa fl-ewwel edizzjoni tal-'Mediterrenean Futsal Cup' organizzata fil-Libja bejn l-1 u l-10 ta Novembru.

Din ir-rebħa kontra l-Palestina tista', għal min mhuwiex midħla tad-dinja tal-futsal, tidher kompletament insinjifikanti. Fil-verità, tfisser ħafna aktar minn hekk. Tfisser ħafna għaliex il-Palestina ilha stabbilita fid-dinja tal-futsal għal dawn l-aħħar 12-il sena, tmien snin aktar minn Malta u anke għaliex għandha ranking fil-Fifa ħafna ogħla minn ta' Malta - 68 kontra 93 ta' Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li kull min kien preżenti ġewwa l-padiljun '23rd September Hall' kien qiegħed jistenna rebħa faċli għall-Palestina kontra Malta, il-plejers Maltin urew li huma qegħdin hemm ukoll. Chris Brincat poġġa lil Malta fil-vantaġġ sa mis-seba' minuta. Il-captain, John Cutajar, irdoppja l-iskor fit-30 minuta, filwaqt li żewġ minuti wara l-Palestina skorjaw biex reġgħu daħlu fil-logħba. Żewġ gowls lejn l-aħħar tal-logħba minn Carlo Scicluna taw din l-ewwel rebħa ferm mistħoqqa lit-tim ta' Vic Hermans.

Din ir-rebħa ma tfissirx li f'daqqa waħda lħaqna l-quċċata tad-dinja. L-anqas xejn u ferm 'il bogħod minn dan kollu. Il-logħob l-ieħor li t-tim nazzjonali lagħab fil-Libja juri li għad fadal ħafna xogħol xi jsir, però rridu nkunu attenti li nitgħallmu minn kull lat pożittiv li joħroġ minn logħob bħal dawn. Ta' min ifakkar hawnhekk li l-parteċipazzjoni ta' Malta f'dan it-tornew kien parti minn pjan ta' preparazzjoni għal-logħob ta' kwalifikazzjoni, Ewro 2012, li se jsiru, f'Jannar tas-sena d-dieħla.

Għal dan it-tornew fil-Libja, Vic Hermans, il-kowċ nazzjonali tal-Futsal, ħa miegħu lill-assistent tiegħu Hubertus Kessen, lil Jean Pierre Debattista bħala fiżjoterapista u lil Jonathan Pisani bħala Kit Manager. Il-plejers imsejħa kienu Matthew Mifsud u Bjorn Vassallo (gowlkipers), John Cutajar, Nicola Del Re, Melvin Borg, Alan Galea, Chris Brincat, Jean Bert Gatt, David Smith, Carlo Scicluna, Xavier Saliba, Robert Magro, Leandros Calleja u Michael Ellul.

Ta' min isemmi wkoll li ir-referi Malti, Franco Cachia, li pparteċipa f'dan it-tornew bħala Fifa Futsal referee, qata' figura tajba ħafna meta saħansitra ġie magħżul biex jikkontrolla logħbiet mportanti ferm, fosthom anke l-finali bejn il-Libja u l-Kroazja. Il-final kienet logħba interessanti u missielta ferm fejn wara li l-ħin regolamentari, u anke dak miżjud, ra liż-żewġ timijiet jispiċċaw fi draw ta' 1-1, il-logħba ntrebħet mill-Kroazja 3-1 wara l-għoti tal-penalties.

Il-logħob kollu li Malta lagħbet f'dan it-tornew fil-Libja kien kif ġej:

02 Novembru 2010:
Malta - Bosnia-Herzegovina 1-8
04 Novembru 2010:
Malta - Cipru 0-5
05 Novembru 2010:
Malta - Tunezija 1-4
06 Novembru 2010:
Malta - Algerija 1-2
09 Novembru 2010:
Malta - Sirja 6-17
09 Novembru 2010:
Malta - Palestina 4-1

www.Citadeldirect.com
motor · home · travel · marine · business · life
Citadel
insurance
Citadel Insurance plc · Casa Borgo · 26 Market Street · Floriana · Tel: 2557 9550 · info@citadelplc.com
Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the Malta Financial Services Authority






## L-Ewwel Divizjoni

Sadanittant, tkompla il-kampjonat Malti tal-futsal tal-Ewwel Diviżjoni. (Hawnhekk nixtieq nuri s-sogħba tiegħi li m'għandniex spazju biżżejjed biex nitkellmu anke fuq it-tieni, it-tielet u ir-raba' diviżjonijiet. Nisperaw li f'xi edizzjoni li jmiss insibu l-ispazju neċessarju)

Minkejja xi sorpriża jew tnejn fil-logħob ta' dan ix-xahar, l-ewwel erba' timijiet għadhom hemm fuq quddiem. Paola Downtowns, River Plate Bidnija FC, ZC Excess u Naxxar Motors Futsal jidhru li ser jkunu t-timijiet bl-aħjar ċans li jkunu fil-playoffs li jintlagħbu lejn l-aħħar tal-kampjonat.

Waħda mis-sorpriżi fil-logħob ta' dan ix-xahar kienet ir-rebħa ta' River Plate Bidnija FC kontra ċ-champions renjanti ZC Excess, bl-iskor konvinċenti ta' 8-3. Dan kien riżultat li jkompli juri l-progress impressjonanti li għamel din is-sena dan it-tim ta' River Plate Bidnija FC. Min-naħa l-oħra, wieħed ma jistax ma jsemmix il-fatt li ZC Excess kellhom żewġ plejers Rumeni neqsin mill-iskwadra tagħhom, peress li dawn kienu mpenjati mat-tim nazzjonali tagħhom fil-Futsal Grand Prix, fil-Brażil.

Sorpriża oħra kienet it-telfa ta' Paola Downtowns kontra Luxol Amazon Cinco bl-iskor ta' 1-2. Dawn tal-aħħar taw prestazzjoni qalbiena biex rebħu lil tim ferm aktar ikkwotat minnhom.

**KLASSIFIKA - 1 DIVIŻJONI**

| | | P | W | D | L | F | A | +/- | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Paola Downtowns | 6 | 5 | 0 | 1 | 38 | 14 | 24 | 15 |
| 2 | River Plate Bidnija FC | 6 | 5 | 0 | 1 | 39 | 22 | 17 | 15 |
| 3 | ZC Excess Lazio FC | 5 | 4 | 0 | 1 | 47 | 17 | 30 | 12 |
| 4 | Naxxar Motors Futsal | 5 | 4 | 0 | 1 | 29 | 14 | 15 | 12 |
| 5 | Pentagon Properties FC | 6 | 3 | 0 | 3 | 20 | 28 | -9 | 9 |
| 6 | Luxol Amazon Cinco FC | 5 | 2 | 1 | 2 | 20 | 22 | -2 | 7 |
| 7 | White Eagles Sliema Daikin | 6 | 2 | 0 | 4 | 15 | 40 | -25 | 6 |
| 8 | Scandals FC sportinmalta.com | 6 | 1 | 1 | 4 | 26 | 51 | -25 | 4 |
| 9 | Sliema Bilbao | 6 | 1 | 0 | 5 | 21 | 36 | -15 | 3 |
| 10 | Los Street Boyz | 5 | 0 | 0 | 5 | 14 | 26 | -12 | 0 |





# Il-Baġit 2011 u l-isport

**Nhar il-25 ta' Ottubru, il-Ministru tal-Finanzi ippreżenta l-Budget għas-sena 2011, filwaqt li l-estimi għall-isport ġew diskussi nhar l-Erbgħa 10 ta' Novembru. Dan li ġej huwa rendikont fil-qosor ta' dak li ġie mħabbar. Il-Gvern jemmen li l-isport jgħin fil-formazzjoni tal-karattru taż-żgħażagħ, jikkultiva soċjetà fiżikament b'saħħitha u huwa ta' benefiċċju għall-ekonomija u għal dan il-għan qiegħed jagħmel ħiltu biex ixettel il-kultura sportiva.**

### Sport fl-Iskejjel

Il-Gvern jemmen li sabiex tixxettel il-kultura sportiva jeħtieġ li jkun hemm enfasi partikolari fuq it-tfal. Għalhekk fl-iskejjel qed jitellgħu għadd kbir ta' programmi sportivi għat-tfal li jolqtu eluf ta' tfal minn diversi kulleġġi f'Malta u f'Għawdex. Fost dawn il-programmi hemm il-Before School Programme, During School Programmes (li jittellgħu minn għalliema tal-KMS Sport Promotion Unit) u l-After School Programme.

Din is-sena, il-Gvern qed joffri programm ta' Fundamental Basic Sport Skills għall-istudenti tat-tielet, ir-raba' u l-ħames sena ta' l-iskejjel primarji f'ħames Kulleġġi. Dawn l-istudenti għamlu programmi fl-isport bażiku tal-Ginnastika, l-atletika u l-għawm skont is-sena rispettiva.

B'hekk l-istudenti filwaqt li fi tlett (3) snin jiksbu l-ħiliet bażiċi fl-isport, ikunu fl-istess ħin bdew iduqu sport differenti mingħajr ma jikkommettu ma' dixxiplina partikolari. Dik l-għażla jagħmluha aktar tard, meta jkunu aktar maturi.

### Aktar Faċilitajiet Sportivi 15-il pitch tal-Futbol b'wiċċ sintetiku

Matul din is-sena l-Gvern kompla jinvesti f'aktar faċilitajiet sportivi ta' kwalità. Fil-fatt din is-sena, il-Gvern ħadem mal-MFA biex jiffinanzja 15-il grawnd tal-futbol li qed isiru b'wiċċ ta' turf sintentiku.

Ftit tal-ġimgħat ilu infetaħ l-outdoor fitness centre f'Ta' Qali filwaqt li ttejbu l-faċilitajiet f'tal-Qroqq u dak fil-Kottonera li issa qed jilqa' aktar dixxiplini sportivi fosthom il-Futsal. Sadanittant għadu għaddej xogħol fuq diversi faċilitajiet oħra.

Fl-istess waqt aktar faċilitajiet tal-iskejjel qed jintużaw mill-għaqdiet sportivi.

### Ħames Skemi Ġodda għall-isportivi

Il-budget għall-2011 ippropona numru ta' skemi ġodda. Din is-sena l-Gvern kompla jinċentiva l-isport bi skema ta' ġimgħa ta' xogħol imnaqqsa għall-atleti promettenti u ta' klassi li jaħdmu fis-settur privat.

Il-Gvern minn din is-sena se jgħin organizzazzjonijiet sportivi jinvestu f'apparat ġdid għall-iżvilupp tal-atleti tagħhom b'għotja ta' 15.25% tan-nefqa fuq xiri ta'apparat sportiv.

Minn din is-sena wkoll il-Gvern reġa' ntroduċa l–iskema ta' rifużjoni ta' 15.25% fuq xiri ta' roti ġodda. Dan qed isir biex inkomplu nipprowovu l-użu tar-roti għal skop ta' sport, rikreazzjoni u trasport.

Fil-baġit ta' din is-sena l-Gvern qiegħed wkoll jgħin direttament il-motorsport. Fil-fatt dawk dilettanti ta' karozzi klassiċi mis-sena d-dieħla se jkollhom pjanċa ta' reġistrazzjoni waħda għall-vetturi klassiċi tagħhom.

Mill-banda l-oħra għal dawk dilettanti tal-karozzi li jintużaw f'racing tracks se tkun qed titneħħa t-taxxa ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-vetturi.

### Skema għal Turiżmu Sportiv

L-Onorevoli Clyde Puli semma' wkoll l-iskema ta' turiżmu sportiv li din is-sena l-Gvern reġa vvota s-somma ta' €250,000 bil-għan li pajjiżna jattira kompetizzjonijiet u attivitajiet sportivi. Filwaqt li kienet estisa wkoll l-i Skema Turiżmu Sportiv f'Għawdex li l-Gvern ivvota ħamsin elf ewro (€50,000) oħra bil-għan li l-Gvern iħajjar aktar turiżmu sportiv, intern u estern, f'Għawdex.




**Skemi Fiskali oħra**

Dawn l-iskemi l-ġodda se jkunu qed jiżdiedu ma' skemi oħra eżistenti fosthom rebate fuq it-taxxa għall-kumpaniji li jisponsorjaw assoċjazzjonijiet sportivi, rebate fuq it-taxxa għall-dawk il-ġenturi li jibagħtu lil uliedhom f'nursery sportiva reġistrata mal-KMS u benefiċċji fiskali fuq xogħol strutturali fil-faċilitajiet sportivi, fejn Għaqdiet sportivi li għamlu xogħol ta' natura strutturali fuq il-faċilitajiet sportivi li jamministraw, jingħataw lura ħmistax punt tnejn ħamsa fil-mija (15.25%) tal-ispiża kapitali kollha li għamlu.

**Sports għal Kulħadd**

Il-Gvern hu determinat li jkompli jqarreb l-isport u l-attività fiżika lejn l-akbar numru ta' nies possibbli. Għal dan il-għan ftaħna:

**Open Air Fitness Centre, f'Ta' Qali**

L-Open Air Fitness Centre f'Ta' Qali, b'investiment ta' madwar €150,000 sar biex inkomplu nħajru aktar nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku. F'dan il-fitness centre persuna tista' tagħmel work out komplut matul il-ġurnata u fil-ħin komdu għaliha u mingħajr ħlas.

**Skejjel għall-użu tal-pubbliku**

Il-Gvern qiegħed jiftaħ il-kulleġġi tiegħu għall-pubbliku biex jagħmel użu mill-korsa wara l-ħinijiet tal-iskola. Fil-fatt wara li s-sena li għaddiet bdejna niftħu t-track tal-Iskola San Injazju għall-pubbliku għall-mixi u jogging mis-sena d-dieħla se niftħu t-track tal-Kulleġġ San Benedittu għall-istess għan.

**Skema ta' Sport għal kulħadd mal-Kunsilli Lokali**

L-Onor. Puli semma' wkoll kif għat-tieni sena konsekuttiva l-Kunsill Malti għall-iSport (KMS) flimkien mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali nieda l-Iskema ta' Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali biex il-pubbliku jkun jista' jipprattika l-attività sportiva qrib il-lokal tiegħu.

# Il-Kunsill Malti għall-iSport jinawgura l-Outdoor Fitness Centre f'Ta' Qali

Il-Ġimgħa, 5 ta' Novembru, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, inawgura l-KMS Outdoor Fitness Centre, f'Ta' Qali. Dan huwa ndirizzat l-aktar lejn dawk il-persuni li jridu jerġgħu jibdew jgħixu ħajja aktar b'saħħitha. Huwa mmirat ukoll għal persuni ta' aktar minn 18-il sena, jiftaħ kuljum u d-dħul għalih huwa mingħajr ħlas. Il-gym jikkumplimenta wkoll eżerċizzji oħrajn bħall-mixi u l-jogging li tant huma popolari fl-inħawi, f'Ta' Qali. Jista' jgħin ukoll biex isaħħaħ il-muskoli kif ukoll joffrilek flessibilità fil-programm tat-taħriġ tiegħek. Il-makkinarju fil-gym huma tajjeb għat-taħriġ kollu tal-muskoli b'varjetà vasta ta' eżerċizzji. Hemm ukoll numru ta' sinjali li jipprovdu struzzjonijiet ċari ta' kif tista' tuża l-makkinarju fil-gym u l-aħjar mod kif tista' tagħmel l-eżerċizzju biex ittejjeb l-istil tiegħek ta' taħriġ.

**Fost il-makkinarju li hemm fil-gym insibu:**

Dan jista' jintuża għal warm up jew cool down u jekk jintuża b'konsistenza jtejjeb is-sistema kardjo-vaskolari tal-persuna.

- Double Station Lat Pull Down: dawn jistgħu jintużaw għat-taħriġ tal-parti ta' fuq tal-ġisem, id-dahar, l-idejn u l-ispallejn.
- Double Station Chest Press: dawn jistgħu jintużaw għat-taħriġ tal-parti ta' fuq tal-ġisem, l-idejn u l-ispallejn.
- Cross Trainer: dan jipprovdi workout tajjeb kardjo-vaskolari.
- Dips: dan huwa makkinarju ieħor mill-aktar modern biex itejjeb il-muskoli u s-saħħa tal-idejn u l-parti ta' fuq tal-ġisem.
- Abdominal Bench: dan huwa workout ieħor ideali u jista' wkoll jintuża fir-reverse għat-triceps kif ukoll għal taħriġ ieħor fid-dahar.
- Double Station Leg Press: dan jgħin biex jiġu mtejba l-muskoli tas-saqajn.
- Tai Chi: dan huwa eżerċizzju tradizzjonali Ċiniż li jgħin lill-persuni anzjani biex itejbu r-riflessi u l-flessibbiltà.
- Multi Stretch Point: dan l-ezerċizzju huwa tajjeb biex is-saqajn u l-muskoli jiġu mġebbdin u jtejjeb ukoll







kunsill malti għall-isport

www.sportmalta.org.mt



l-flessibbiltà.

- Multi-User-Games-Area: din iż-żona għandha dimensjonijiet ta' 21 metru tul u 12-il metru wesgħa u l-ħaxix artifiċjali huwa madwar 20 millimetru fond. Dan il-post jista' jintuża għal ħafna eżerċizzji ta' fitness ta' barra fosthom l-aereobics, pilates, yoga, tai chi etc. Jistgħu jintlagħbu wkoll dixxiplini sportivi oħrajn bħal futbol, basketball, volleyball, handball u hockey. Il-post jista' jintuża wkoll mit-tfal għaliex huwa mdawwar b'fencing tal-injam li joffri protezzjoni. Ic-Centru tal-KMS huwa viċin il-BOV Adventure Park, f'Ta' Qali.

Esperti mediċi jirrakkommandaw 30 minuta ta' eżerċizzju fiżiku kuljum, ħames darbiet fil-ġimgħa. Dan huwa ta' benefiċċju għas-saħħa tagħna. Il-KMS iħeġġeġ lil kulħadd biex jagħmel użu minn dan l-outdoor gym biex l-eżerċizzju fiżiku jsir jagħmel parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum – u dan kollu mingħajr ħlas! Nitolbu wkoll lil kulħadd biex jirrispetta lil dawk li jkunu madwaru u jieħdu ħsieb li jżommu ċ-ċentru fl-aħjar kundizzjoni ħalli jitgawda minn oħrajn.

Ċertament bil-ftuħ ta' dan l-Outdoor Fitness Centre, il-Kunsill Malti għall-iSport qiegħed jikkonferma li hu mpenjat bil-fatti li jkompli jxettel kultura sportiva fost il-poplu Malti.


















# Il-Kunsill Malti għall-iSport ikompli jippromwovi l-logħob tradizzjonali Malti

Dan l-aħħar, il-Kunsill Malti għall-iSport organizza diversi attivitajiet għat-tfal li jmorru l-Iskola Primarja ta' Santa Venera. Dawn inkludew logħob tradizzjonali Malti fosthom noli, kantunieri, ħabel, lastiku, passju, boċċi u żibeġ. Din l-inizjattiva kienet tagħmel parti mill-programm tal-KMS imsejjaħ 'ARTISPORT' bil-għan ewlieni jkun biex wieħed jippromwovi t-tradizzjonijiet Maltin anke fil-logħob, fis-saħħa tat-tfal tagħna kif ukoll fil-kultura tagħna. B'hekk ħarġet il-kelma ArtiSport li hija għaqda bejn il-kelma 'Arti' li tista' tiġi tradotta kemm bħala arti, fis-sens ta' kultura, jew arti bħala art twelidna flimkien mal-isport li huwa essenzjali biex wieħed jikber f'adult b'saħħtu.

Sfortunatament, il-logħob tradizzjonali Malti qed jintilef matul iż-żmien u għal dan hemm diversi raġunijiet, fost oħrajn anqas ħin, anqas spazju fejn jista' jsir il-logħob u anqas postijiet għar-rikreazzjoni. Fil-passat, it-toroq kienu f'idejn it-tfal li setgħu joħorġu u jiġru fl-egħlieqi u din kienet sitwazzjoni ideali li kienet tgħinhom jiltaqgħu ma' tfal oħrajn u jeżerċitaw lilhom infushom ħafna aktar mil-lum fejn l-istil ta' ħajja qed isir dejjem aktar wieħed sedentarju.















# Riżultati tajbin għal tiraturi Maltin fl-International Defensive Pistol European Championship

Riċentement, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, iltaqa' ma' żewġ tiraturi Maltin li ħadu sehem fl-International Defensive Pistol European Championship li kienet organizzata mill-International Defensive Pistol Association fi Brescia, l-Italja. Din il-kompetizzjoni issir darba kull sena fl-Ewropa. It-tim Malti, f'din il-kompetizzjoni, kien kompost minn Mark Cassar, Patrick Azzopardi u John Cassar.

Fost il-parteċipanti f'din il-kompetizzjoni, kien hemm ħames timijiet Taljani, tliet timijiet mis-Serbja, tim mill-Awstrija, żewġ timijiet mill-Ġermanja u tim minn Malta. It-timijiet ta' dawn il-pajjiżi huma kollha professjonali. Ma' dawn kien hemm ukoll 180 tiratur li ħadu sehem b'mod individwali. It-tiratur rebbieħ overall kien Heinz mill-Awstrija. Dan it-tiratur offra li jiġi Malta biex imexxi sessjoni ta' taħriġ f'pajjiżna.

Patrick Azzopardi ħa sehem fil-Custom Defence Pistol u kklassifika fil-ħames post. Bejn ir-rebbieħ u Patrick Azzopardi kien hemm biss 30 sekonda.

Mark Cassar ipparteċipa fis-Service Pistol u spiċċa rebbieħ ta' din il-kategorija b'total ta' 305.22.

Kien hemm ukoll John Cassar li ħa sehem fil-Kategorija tas-senior fejn spiċċa fis-sitt post.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt




# Avveniment sportiv uniku f'Għawdex

# The Gozo Grand Sprint 2010

Il-Kunsill Malti għall-Isport flimkien mal-Malta Motorsport Federation (MMF) bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu organizzaw avveniment sportiv f'Għawdex fi tmiem il-ġimgħa bejn l-20 u l-21 ta' Novembru 2010. Dettalji dwar dan l-avveniment tħabbru waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport bil-parteċipazzjoni tal-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clyde Puli, Segretarju Parlamentari Żgħażagħ u Sport, u uffiċjali mill-Malta Motorsport Federation (MMF).

Minbarra li kien l-ewwel avveniment tax-xorta tiegħu f'pajjiżna, il-Gozo Grand Sprint 2010 għandu l-potenzjal li jiġi segwit minn avvenimenti simili fil-futur. L-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment f'Għawdex hija wkoll inizjattiva favur iż-żieda fit-turiżmu intern lejn Għawdex speċjalment fix-xhur relattivament kwieti tas-sena. Aktar minn 80 tim ħadu sehem f'dan l-avveniment li ġġenera madwar 680 lejl ta' akkomodazzjoni fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni, f'Għawdex, mil-lat ta' parteċipazzjoni. Dan minbarra attività kummerċjali u turistika oħra minn mijiet ta' dilettanti li huma magħrufa li jsegwu dan it-tip ta' sport.

L-Onor. Giovanna Debono, fissret kif il-Ministeru għal Għawdex jemmen li dan l-avveniment għandu potenzjal li jkompli jiġbed numru ta' turisti Maltin lejn Għawdex fi żmien li hu meqjus bħala wieħed kwiet għall-qasam turistiku Għawdxi. Il-Ministeru għal Għawdex jippromwovi attivitajiet li jistgħu jiġġeneraw attività turistika mis-suq domestiku speċjalment fix-xhur meta s-settur ikun għaddej minn perijodi anqas popolari. Il-Ministru Debono qalet ukoll li avveniment ta' din in-natura joffri wkoll opportunità ta' reklamar biex il-prodott turistiku Għawdxi jiġi espost f'niċeċ partikolari bħalma hu l-qasam tat-turiżmu sportiv.

"Dawn in-niċeċ joffru opportunitajiet ta' diversifikazzjoni tas-swieq li fihom jista' jiġi rreklamat Għawdex, filwaqt li jkompli jixhed il-potenzjal li din il-gżira toffri fil-qasam turistiku minbarra s-sbuħija naturali, ix-xemx u l-baħar", żiedet tgħid il-Ministru Debono.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, L-Onor. Clyde Puli saħaq l-importanza li nninċentivaw t-turiżmu sportiv f'Malta u f'Għawdex. Huwa żied li din l-attività tikkumplimenta l-politika tal-Gvern li jippromwovi lill-gżira Għawdxija bħala destinazzjoni turistika u għalhekk din l-inizjattiva tippromwovi lil Għawdex wkoll bħala destinazzjoni għal turiżmu sportiv. Is-Segretarju Parlamentari sostna li l-Gvern permezz ta' baġit allokat mill-KMS se jkun qed jgħin lill-Għaqdiet sportivi oħra jorganizzaw attivitajiet f'Għawdex. L-Onor. Puli awgura kull suċċess lill-Malta Motorsport Federation li b'attivitajiet bħal Gozo Grand Sprint qed tidħol fi sħab mal-Gvern biex tippromwovi l-motorsport u biex tistimola l-ekonomija ta' pajjiżna. Huwa fiehem kif il-Gvern diġà jgħin fl-organizzazzjoni tal-Valletta Grand Prix li hija attività oħra annwali li qed tikber b'mod gradwali biex is-sens ta' titjib fil-prodott turistiku jiġbed lejn pajjiżna aktar turisti.

Fil-konferenza tal-aħbarijiet ġiet spjegata r-rotta li serviet bħala korsa għat-tlielaq li saru bejn is-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ta' Novembru. Din r-rotta fiċ-ċentru ta' Għawdex inkorporat, Triq l-Imġarr, Triq San Anard, Triq il-Madonna Tar-Rummiena u Triq Ta' Ħamet.

Matul dan l-avveniment, ittieħdu prekawzjonijiet u miżuri ta' sigurtà biex filwaqt li l-pubbliku seta' jgawdi d-diversi aspetti ta' dan l-avveniment, ġiet assigurata s-sigurtà pubblika f'kull ħin. Dan permezz ta' kollaborazzjoni mal-Korp tal-Pulizija, it-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili f'Għawdex u servizzi ta' emerġenza f'Għawdex, kif ukoll permezz ta' devjazzjonijiet tat-traffiku bil-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija, it-Transport Malta u l-Gwardjani Lokali. Barra minn hekk saru kuntatti mar-residenti u sidien ta' ħwienet u stabbilimenti oħra fl-inħawi fejn ġew spjegati dettalji marbuta mal-aċċess f'dawn l-inħawi waqt il-ħinijiet tat-tlielaq.

F'isem l-MMF u l-għaqdiet assoċjati magħha, speċjalment l-Island Car Club u l-Valletta Grand Prix Foundation, is-Sur Tonio Cini, President tal-MMF ħabbar li għal dan l-avveniment ġie mistieden il-Finlandiż, Ari Vatanen, li huwa personalità magħrufa sew fil-qasam sportiv internazzjonali. Minbarra li rebaħ ir-rally Pariġi-Dakar erba' darbiet, Vatanen kien ukoll champion tad-dinja tar-rally 1981 u l-1997 u ngħata l-Gregory Grant Award għas-suċċess li kiseb fil-karriera tiegħu fix-xena tal-isport tal-karozzi. Huwa ħadem ukoll fl-isfera politika permezz ta' karigi fil-Parlament Ewropew f'diversi oqsma li jinkludu l-affarijiet barranin, trasport u turiżmu kif ukoll l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u reġjonali. Ġew mistiedna wkoll ġurnalisti Taljani li segwew dan l-avveniment f'Għawdex kemm permezz ta' kitba f'ġurnali kif ukoll permezz ta' filming.

Intant il-kompetizzjoni tal-karozzi Classic ta' qabel l-1976 intrebħet minn Martin Spiteri filwaqt li l-kategorija magħrufa bħala Modern ta' wara l-1976 intrebħet mis-sewwieq Zackary Zammit li għad għandu 23 sena.


Coca-Cola
The Christmas Season is here!
Coca-Cola



# Futbol
# It-tim Għawdxi
## jispiċċa fit-tieni post fit-tieni edizzjoni tat-Trofeo Del Mediterraneo

It-tim rappreżentattiv Għawdxi rnexxielu jispiċċa fit-tieni post fit-tieni edizzjoni tat-Trofeo Del Mediterraneo li nltagħab fi Stadio Comunale di Mercogliano, fil-provinċja ta' Avellino. Dan it-Trofeo kien jikkonsisti f'tournament triangolari li flimkien mal-Għawdxin ħadu sehem l-organizzaturi, Regno Delle Due Sicilie, u t-tim tal-post ta' S.C. Castellana.

Fl-ewwel partita l-Għawdxin kisbu rebħa komda ta' 4-0 fuq S.C. Castellana, logħba li kienet ikkontrollata minn Joe Bajada. S.C. Castellana jikkompetu fil-Kampjonat Reġjonali ta' Campania. Kienu l-Għawdxin li fetħu tajjeb meta, fit-12-il minuta, John Camilleri żmarka lil MANWEL CORDINA li daħal fil-kaxxa biex b'xutt fil-baxx fetaħ l-iskor. A.S. Castellana wettqu reazzjoni fejn ftit wara kienu sfortunati meta laqtu l-mimduda permezz ta' Mario Tirri, b'Mario Azzopardi jkompli jikklerja l-periklu. L-Għawdxin irnexxielhom jirdoppjaw, fit-28 minuta, minn KENNETH MERCIECA li daħal bil-ġirja biex ikkonkluda s-suġġeriment mix-xellug ta' John Camilleri. Huma aċċertaw mir-rebħa, fis-36 minuta, meta s-sostitut Rodney Buttigieg ħarab tajjeb iżda safa' mwaqqa minn Giuseppe Sasso biex mill-11-il metru, il-captain ANTHONY PORTELLI għeleb lil Daniele Siccardi. Imbagħad ma kinetx sorpriża meta, eżatt mal-45 minuta, huma ssiġillaw ir-rebħa b'xutt nofs għoli ta' RODNEY BUTTIGIEG wara kross mix-xellug ta' Mercieca.

Fit-tieni logħba, Regno Delle Due Sicilie kisbu rebħa tennistika kontra S. C. Castellana bl-iskor ta' 6-0 bil-gowls jaslu minn Cristian Cioce, fl-10 u fil-15 minuta, Marco Tofano fis-27 minuta, Fabio Sperandeo fil-31 u 35 minuta u Vincenzo Varriale fl-40 minuta.

L-aħħar logħba, ikkontrollata mir-referi Fabio Festa, kienet waħda deċiżiva bejn iż-żewġ timijiet rebbieħa. Regno Delle Due Sicilie kellhom fil-formazzjoni tagħhom bosta plejers professjonali li sa sena ilu kienu jilagħbu fis-Serie B ma' Lecce, Avellino, Crotone u timijiet oħra bħal Marcianise, Juve Stabia, Potenza, Matera, Paganese, Scafatese, Vibonese, Angri u Anania. Bħalissa dawn il-plejers jinsabu mingħajr kuntratt u għalhekk qed jitħarrġu flimkien sakemm ikunu rreġistrati ma' xi klabb ieħor. Mingħajr dubju, it-tim Taljan wera l-potenzjal tiegħu iżda l-Għawdxin għarfu jikkontrollaw tajjeb fejn kienu sfortunat f'żewġ okkażjonijiet li minnhom sabu ruħhom fi żvantaġġ doppju b'doppjetta ta' FABIO SPERANDO meta l-ewwel, fil-15 il-minuta, tefa' f'lasti vojta wara rebound tal-gowlkiper Grima u mbagħad, fil-25 minuta, ikkonkluda għal ġewwa wara cross mil-lemin ta' Antonio Cozzolino. L-Għawdxin wettqu reazzjoni mmedjata fejn minuta biss wara reġgħu daħlu fil-partita b'gowl mill-isbaħ skorjat minn JOHN CAMILLERI li wara cross ta' Milos Stojanovic, b'xutt nofs għoli fuq il-ġirja għeleb lil Raffaele Gragnaniello.

L-Għawdxin komplew jinsistu b'aktar attakki fejn l-eks gowlkiper ta' Lecce, Gragnaniello kien attent jimblokka tentattivi ta' Milos Stojanovic u l-istess Camilleri. Minkejja dan, ir-riżultat finali kkonferma l-prestazzjoni tajba li wettaq dan it-tim rappreżentattiv Għawdxi barra minn pajjiżna.

Minbarra s-sehem f'dan it-Trofeo Del Mediterraneo, l-Għawdxin kellhom l-opportunità li jkunu milqugħa fis-Sede tal-CONI ta' Avellino, kif ukoll fi Stadio Irpino fejn hemm is-Sede ta' A.S. Avellino.



minn Joe Bajada



# Żwiemel

Matul Ottubru li għadda, saru l-ewwel laqgħat tal-istaġun fil-Korsa ta' Xħajma, fejn dejjem kien hemm attendenza mdaqqsa peress li t-temp kien ukoll wieħed favorevoli. Minkejja li kien għad hemm numru ta' żwiemel mhux ippreparati biżżejjed għat-tiġrijiet u għaldaqstant ma ħadux sehem fl-ewwel laqgħa, xorta l-ewwel programmi offrew spettaklu, b'diversi tiġrijiet ikunu eċċitanti sal-aħħar. Dan kien possibbli grazzi wkoll għal xi sidien Maltin li wara li ġiet organizzata l-Gozo Equine Cup (sponsorjata mis-Segretarjat għall-Konsumatur u l-Kompetizzjoni), qed jagħżlu l-Korsa tax-Xħajma bħala l-korsa fejn isuqu ż-żwiemel tagħhom b'mod regolari. Fl-ewwel programm ħadu sehem seba' żwiemel ta' sidien Maltin. Dan, bla dubju, jawgura tajjeb għall-futur.

Fl-ewwel programm ħarġu rebbieħa Sundance misjuq minn Nicholas Cauchi u Love Potion misjuq minn Sammy Hili fiż-żewġ tiġrijiet risevati għax-Shetland. Fiż-żewġ tiġrijiet tal-Ponijiet spiċċaw fl-ewwel postijiet Indian Boy (Melchior debono) u Heaven (Marlon Mamo). Vestru Farrugia fuq J'Oserie rebaħ tat-Trott D u John Vella fuq Rybo Patzie spiċċa l-ewwel f'tat-Trott B. Mint Spirit misjuq minn Frank Portelli rebaħ tat-Tarott A1 u Philip Calleja fuq IP Broadway rebaħ tat-Trott A. L-aħħar tiġrija, dik tat-Trott C intrebħet minn Maestro Sebajac misjuq minn Marvin Cauchi.

Fit-tieni programm, li nżamm f'nofs Ottubru, saru seba' tiġrijiet. Quitergo misjuq minn Jonathan Farrugia rebaħ tax-Shetland u dik tal-Ponijiet rat lil Daniel Hili, fuq Flicka, joħroġ rebbieħ. Wara saru t-tiġrijiet tat-Trott fejn dik D intrebħet minn Vestru Farrugia fuq Ilorin, bl-istess Farrugia fuq Joss Royal rebaħ tat-Trott C. Il-ħames tiġrija riservata għal tat-Trott A1 intrebħet minn Joss Royal misjuq minn Josef Farrugia, filwaqt li Joseph Attard ħareġ rebbieħ b'Icare de Poix f'tat-Trott B. L-aħħar tiġrija riservata għal tat-Trott A, intrebħet minn Shaun Portelli fuq Leader Changerie.



## I DIVIŻJONI

**24.10.2010**
**Xewkija T. v Nadur Y. ..............0-2**
*Milos Stojanovic 18, Joseph Portelli 70 (NY)*
**SK Victoria W. v Sannat L. ......1-5**
*David Udo Monday 12 (SK); Eric Nkwankwo 13, Chris Camilleri 49, John Camilleri 52, 64, Mark Formosa 76 (SL)*

**30.10.2010**
**Victoria H. v Għajnsielem.......1-1**
*Ryan Grech 52 (VH); Alex Simoncic 32 (Għ)*
**St. Lawrence S. v Xewkija T....2-0**
*Franco Franchino 65 pen, Matthew Francalanza 94*

**07.11.2010**
**Nadur Y. v SK Victoria W........1-3**
*David Udo Monday 10 pen, Joseph Vella 25, Ige Adesina 72 (SK); Wesley De Oliveira 61 (NY)*
**Sannat L. v Victoria H. .............5-0**
*Eric Nwankwo 27, 54, 75, Elton Vella 68, John Camilleri 76 (SL)*

**13.11.2010**
**Għ'sielem v St. Lawrence S.....1-0**
*Yannik Ossok 83 pen (Għ)*

**14.11.2010**
**Xewkija T. v Sannat L. .............1-4**
*Andreas Fotso 26 (XT); Eric Nwankwo 35, 60, 80, Andreas Fotso 43 o.g. (SL)*

## II DIVIŻJONI

**21.10.2010**
**Kerċem A. v Għarb R. ..............0-0**

**22.10.2010**
**Xagħra U. v Oratory Y. ............2-0**
*Shaun Muscat 2, Michael Bezzina 25 (XU)*

**23.10.2010**
**Qala S. v Munxar F....................0-0**

**30.10.2010**
**Għarb R. v Zebbug R................1-5**
*Alex Tramboo 12, 42, 67 Manwel Cordina 35, Mario Azzopardi 53 (ZR); Victor John Saliba 55 pen (Għ)*
**Kerċem A. v Xagħra U. ............1-1**
*Josef Debrincat 25 (KA); Daniel Bartolo 93 (XU)*

**06.11.2010**
**Oratory Y. v Qala S. .................2-0**
*Dione Lautier 72, 80 (OY)*
**Munxar F. v Għarb R................2-2**
*Fabian Cini 9, Victor John Saliba 92 (Għ); Chris Micallef 66, William Cassar 74 (MF)*

**13.11.2010**
**Zebbug R. v Kerċem A. ...........2-2**
*Sabri Rais 7, John Paul Mizzi 60 (KA); Mario Azzopardi 84, Joe Hili 88 pen (ZR)*









The Tiguan.
www.volkswagen.com.mt
H L 9224
Boundless
Power and economy. Compactness and space. Civilisation and wilderness.
The Tiguan crosses boundaries.
2.0TDI Bluemotion 139g/km now starting at €29,900
Join us on facebook 'VW - Malta'
Das Auto.
Continental Cars Ltd, Princess Margaret Street, Msida, MSD1330 | Sales: 23476 315/6/7 | Mobile: 9943 3330 | E-Mail: vw@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Showroom, Mġarr Road, Għajnsielem, GSM9016 | Sales: 2155 6942 | Mobile: 9978 2000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt

## Preliminari Kampjonat Ewropew

# Bidu pożittiv għall-Maltin



**Malta** ....................................... **7**
**Poland** ..................................... **3**
**(1-1, 2-1, 1-1, 3-0)**

Fl-ewwel partita kompettitiva għat-tim nazzjonali Malti valida għar-rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonati Ewropej 2012, fi Grupp A, Malta ospitat lill-Polonja fejn ħarġet rebbieħa bl-iskor ta' 7-3.

L-ewwel sessjoni spiċċat 1-1, bil-Polonja jmorru fil-vantaġġ permezz ta' penalti iżda Malta għamlet l-iskor indaqs fl-aħħar sekondi permezz ta' Brownrigg.

It-tieni sessjoni rat lil Malta tiftaħ vantaġġ ta' żewġ gowls permezz ta' Lanzon u Jordan Camilleri iżda lejn l-aħħar il-Polonja għamluhom 3-2 sa l-intervall.

It-tielet sessjoni kienet ukoll waħda missielta li spiċċat 1-1 biex b'hekk Malta kienet qed tamministra vantaġġ minimu għall-aħħar sessjoni. Iżda tliet gowls mingħajr risposta minn Soler, Lanzon u Meli għamluhom 7-3 biex eventwalment kisbu l-ewwel rebħa u l-punti għal Malta f'rebħa komda li setgħet kienet ferm akbar.

**MALTA**
Borg Cole A, Lanzon N (1), Sullivan T, Stellini M, Meli M (1), Soler J (2), Camilleri J (1), Brownrigg J (1), Debono C, Gravina S, Borg P, Bianchi A, Coleiro R

**POLONJA**
Diakonow M, Turowski M, Krawczyk M (1), Perka A, Piatek P, Luc D, Rozycki T (2), Bar, Czapla M, Sekula R, Luczak B, Leszek W, Backowski T

**REFERIS**
F Xavier Buch (Spanja), Pascal Planchon (Franza)

**Il-logħob li jmiss:**
20.11.2010 - Turkija v Malta
30.03.2011 - Polonja v Turkija
11.05.2011 - Turkija v Polonja
18.06.2011 - Malta v Turkija
02.07.2011 - Polonja v Malta











Ritratti: JONATHAN CHETCUTI

EUROPEAN CHAMPIONSHIPS 2012
Men's Qualification Rounds

LEN european aquatics



# A to Z Electronics

## *jirbħu l-ewwel unur*

A to Z Electronics Athleta rebħu l-ewwel unur tal-istaġun, id-Detur Shield tal-Ewwel Diviżjoni. Huma rebħu l-grupp rispettiv, b'erba' rebħiet u għaddew għas-semi-finali, flimkien ma' Siggiewi Derby, bi tliet rebħiet, u Depiro Mtarfa u Bupa Luxol, li b'medja ta' baskets eliminaw lil Tata Motors Loyola, meta t-tliet timijiet kellhom rebħa waħda.

Fis-semi finali, Athleta għelbu lil Luxol u Siggiewi ħarġu rebbieħa fuq Depiro. Athleta kkontollaw din il-finali biex rebħu dan l-unur għall-hames darba.

**Klassifika – Tmiem il-logħob tal-grupp**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A to Z Ele. A. | 4 | 4 | 0 | 299 | 224 | 8 |
| Siggiewi Derby | 4 | 3 | 1 | 278 | 257 | 7 |
| Depiro Mtarfa | 4 | 1 | 3 | 231 | 234 | 5 |
| Bupa Luxol | 4 | 1 | 3 | 247 | 297 | 5 |
| Tata Motors Loyola | 4 | 1 | 3 | 241 | 284 | 5 |

Skond il-logħob dirett bejn l-aħħar tliet timijiet, kienu Depiro u Luxol li għaddew għas-semi-finali bl-użu tal-*basket average*.

**Semi-Finali**

Siggiewi Derby....................................76
Depiro Mtarfa.....................................56
(25-14, 17-10, 22-16, 12-16)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, JP Sammut

A to Z Electronics Athleta..................75
Bupa Luxol.........................................58
(16-12, 14-9, 23-13, 22-24)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, C. Terribile

**Finali**

Siggiewi Derby....................................63
A to Z Electronics Athleta..................86
(16-22, 20-26, 18-14, 9-24)
Referis: G. Barbara, C. Terribile, JP Sammut



Depiro v Loyola

**Ir-rebbieħa kollha**

| | |
|---|---|
| 1987 | Paola Stars Enemalta |
| 1988 | Paola Stars Enemalta |
| 1989 | Paola Stars Enemalta |
| 1990 | Paola Stars Enemalta |
| 1991 | Luxol Plasmon |
| 1992 | Luxol Plasmon |
| 1993 | Luxol Fitgar |
| 1994 | Sliema Juv. Aperol |
| 1995 | Siggiewi Mid-Med |
| 1996 | Depiro Eden Leisure |
| 1997 | Siggiewi Mid-Med |
| 1998 | Pembroke Repsol |
| 1999 | Pembroke Repsol |
| 2000 | Fiat Luxol |
| 2001 | Hamrun L. Jaxa |
| 2002 | Pembroke Allcom |
| 2003 | Siggiewi |
| 2004 | ma saritx |
| 2005 | Bupa Luxol |
| 2006 | Pembroke |
| 2007 | Siggiewi Smina |
| 2008 | Bupa Luxol |
| 2009 | Bupa Luxol |
| 2010 | Siggiewi Kent Boringer |
| 2010/11 | A to Z Electronics Athleta |

# Taqtiegħa ħarxa fil-Kampjonat tan-Nisa

**Kampjonat Nazzjonali**
**I Diviżjoni**
Bupa Luxol....66
A to Z Electronics Ahtleta....95
(12-22, 15-19, 23-29, 16-25)
Referis: B. Vassallo, J. P. Sammut, C. Terribile

Tata Motors Loyola....48
Depiro Mtarfa....70
(7-16, 17-20, 15-19, 9-15)
Referis: G.Barbara, E. Mangani, A. Carbonaro

Depiro Mtarfa....59
Bupa Luxol....64
(8-20, 17-19, 20-14, 14-11)
Referis: B. Vassallo, A. Carbonaro, S. Micallef

A to Z Electronics Ahtleta....75
Siggiewi Derby....63
(22-23, 12-11, 16-17, 25-12)
Referis: G. Barbara, JP Sammut, C. Terribile

**II Diviżjoni**
Starlites Ker Grill.... 67
Miscela D'Oro Mtarfa....59
(20-9, 15-21, 13-14, 19-15)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

Bell Net SN Suns....64
Vida Siggiewi....77
(13-24, 8-19, 21-18 22-16)
Referis: A. Carbonaro, B. Sly

Ahtleta....52
Floriana Eurobasket Peugeot....48
(10-13, 13-18, 14-9, 15-8)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

Mellieha Tritones....50
Starlites Ker Grill....72
(16-9, 11-26, 12-19, 11-18)
Referis: C. Terribile, B. Sly

Miscela D'Oro Mtarfa....43
Bell Net SN Suns....58
(22-15, 9-23, 6-12, 6-8)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

Vida Siggiewi....65
Athleta....51
(18-12, 12-17, 17-9, 18-3)
Referis: A. Carbonaro, L. Camilleri

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Vida Siggiewi | 4 | 4 | 0 | 270 | 221 | 8 |
| Starlites Ker Grill | 4 | 2 | 2 | 249 | 234 | 6 |
| Athleta | 3 | 2 | 1 | 161 | 153 | 5 |
| Floriana E. Peugeot | 3 | 2 | 1 | 193 | 168 | 5 |
| Bell Net SN Suns | 4 | 1 | 3 | 224 | 256 | 5 |
| Mellieha Trit. | 3 | 1 | 2 | 183 | 195 | 4 |
| Miscela D'Oro Mtf. | 3 | 0 | 3 | 160 | 208 | 3 |

**Kampjonat tan-Nisa**
Athleta....47
Alyssa Ashley Loyola....55
(13-18, 10-18, 10-13, 14-6)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

Luxol....70
Guzelpinar Mtarfa....34
(18-11, 16-5, 14-8, 22-10)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

Guzelpinar Mtarfa....26
Athleta....64
(6-18, 9-20, 9-17, 2-9)
Referis: B. Sly, J. Mangani

Hibs Medsea....86
Starlites Sports Experience....30
(25-7, 19-8, 19-4, 23-11)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

Alyssa Ashley Loyola....55
St. Andrew's....44
(5-8, 14-12, 17-13, 11-11)
Referis: S. Micallef, J. Mangani

McDonalds Depiro....59
Luxol....52
(22-11, 12-14, 16-16, 9-11)
Referis: JP Sammut, B. Sly

Athleta....54
St. Andrew's....33
(11-6, 8-14, 22-7, 13-6)
Referis: A. Carbonaro, B. Sly

Guzelpinar Mtarfa....26
McDonalds Depiro....79
(4-14, 4-18, 6-25, 12-22)
Referis: A. Carbonaro, B. Sly

Guzelpinar Mtarfa....26
McDonalds Depiro....79
(4-14, 4-18, 6-25, 12-22)
Referis: C. Terribile, R. Darmanin

Starlites Sports Experience....52
Alyssa Ashley Loyola....59
(8-10, 10-12, 11-13, 11-14)
Referis: C. Terribile, E. Mangani

Luxol....40
Hibs Medsea....39
(10-10, 14-9, 8-12, 8-8)
Referis: A. Carbonaro, B. Sly

Hibs Medsea....79
Guzelpinar Mtarfa....31
(21-4, 24-4, 13-6, 21-17)
Referis: A. Carbonaro, R. Darmanin

Alyssa Ashley Loyola....35
Luxol....56
(5-16, 10-19, 6-10, 14-11)
Referis: A. Mangani, J. Mangani

St. Andrew's....50
Starlites Sports Experience....41
(12-12, 7-5, 14-8, 17-15)
Referis: J. Mangani, L. Camilleri

McDonalds Depiro....62
Athleta....32
(17-7, 22-9, 15-12, 8-4)
Referis: J. Mangani, C. Terrbile

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibs Meds | 7 | 6 | 1 | 501 | 231 | 13 |
| McDonalds Dep. | 7 | 6 | 1 | 482 | 286 | 13 |
| Luxol | 7 | 6 | 1 | 422 | 257 | 13 |
| Alyssa Ashley Loyola | 7 | 4 | 3 | 311 | 370 | 11 |
| Athleta | 7 | 3 | 4 | 338 | 331 | 10 |
| St. Andrews | 7 | 2 | 5 | 251 | 389 | 9 |
| Starlites Spts. Exp. | 7 | 1 | 6 | 248 | 408 | 7 |
| Guzelpinar Mtarfa | 7 | 0 | 7 | 207 | 426 | 6 |

**Detur Shield Nisa**
Guzelpinar Mtarfa....30
Luxol....71
(4-26, 6-14, 10-17, 10-14)
Referis: G. Barbara, B. Sly

Hibs Medsea....66
St. Andrew's....24
(23-2, 13-9, 8-11, 22-2)
Referis: JP Sammut, R. Darmanin

Starlites Sports Experience....33
McDonlads Depiro....86
(9-30, 6-20, 8-22, 10-14)
Referis: C. Terribile, L. Camilleri

Athleta....35
Alyssa Ashley LBC....50
(4-12, 6-15, 8-13, 17-10)
Referis: E. Mangani, J. Mangani


Depiro v Athlet





## POOL - It-Tieni Ranking Tournament

# Clayton Attard jegħleb lil Ivan Rizzo fil-final

Clayton Attard ta' Top Gun irnexxielu jirbaħ it-tieni ranking tournament tal-Pool organizzat mill-Malta Pool Association meta fil-final huwa għeleb lil Ivan Rizzo mill-istess klabb bi "frame score" ta' 9-5.

Fis-semi-finali, Attard għeleb lil Chris Mills (Liverpool Bar) 8-5 filwaqt li Rizzo rebaħ lil Johan Attard (San Gwann Boċċi Club) 8-2.

Fil-Final tal-U/21, Lyden Debono (San Gwann Boċċi Club) għeleb lil Thurston Grixti (147 Snooker Hall) 8-4.

Fis-semi-finali, Debono għeleb lil Joseph Casha (La Cubana Bar) 7-2, filwaqt li Thurston Grixti għeleb lil Daniel Caruana (Taste Good Bar) 7-4.

L-U/18, intrebaħ minn Dylan Attard (Domus Kids) meta fil-final għeleb lil Mathew Zammit (147 Snooker Hall) 7-2.

Fis-semi-finali, Attard għeleb lil Owen Amato (Downtown Bar) 6-1 filwaqt li Mathew Zammit għeleb lil Ryan Pisani (La Cubana Bar) 6-3.



*Thurston Grixti (xellug) u Lyden Debono*



*Ivan Rizzo (xellug) u Clayton Attard*



*Matthew Zammit (xellug) u Dylan Attard*





SNOOKER

# Duncan Bezzina, Alex Borg u Simon Zammit
## fil-Kamjonati tad-Dinja f'Damaskus

Iċ-champion Malti, Duncan Bezzina, flimkien ma' Alex Borg u Simon Zammit, irrappreżentaw lil Malta fil-Kampjonati Mondjali tal-isnooker gewwa Damaskus, il-belt kapitali tas-Sirja. Il-kampjonati saru bejn it-3 u l-15 ta' Novembru u rapporti tagħhom jidhru fil-ħarġa li jmiss. Il-plejers kienu akkumpanjati wkoll mill-president tal-MBSA, is-Sur Joe Caruana Curran.

Il-plejers Maltin, flimkien mas-Sur Joe Caruana Curran kienu alloġġjati fil-lukanda ta' ħames stilel, Ebba Cham Palace .

Duncan Bezzina u Alex Borg ipparteċipaw fil-kompetizzjoni tal-Irġiel filwaqt li Simon Zammit għal darb'oħra kien l-uniku plejer Malti fil-Kampjonat tal-Masters ('il fuq mill-40 sena). Infakkru li Simon Zammit, is-sena li għaddiet, spiċċa fit-tielet post fl-istess Kampjonati.


*Duncan Bezzina*

## Il-lista tar-Rankings 2010/11 tal-Malta Pool Association

**L-Aħjar tmien plejers ta' kull kategorija**

| Poż. | Plejer | Klabb | Pti |
|---|---|---|---|
| 1 | Johan Attard | San Gwann Bocci Club | 300 |
| 2 | Ivan Rizzo | Top Gun Bar | 280 |
| 3 | Claudio Cassar | San Gwann Bocci Club | 280 |
| 4 | Raymond Caruana | Taste Good Bar | 260 |
| 5 | Crist Mills | Liverpool Club | 245 |
| 6 | Claytin Castaldi | 147 Snooker Hall | 245 |
| 7 | Jesmond Schembri | 147 Snooker Hall | 245 |
| 8 | Kevin Schembri | San Gwann Bocci Club | 230 |
| | **Total ta' plejers - 121** | | |

**Taht il-21 sena**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Thurston Grixti | 147 Snooker Hall | 355 |
| 2 | Maverick Zammit | Top Gun Bar | 355 |
| 3 | Joseph Casha | La Cubana Bar | 340 |
| 4 | Matthias Mallia | Top Gun Bar | 300 |
| 5 | Daniel Caruana | Taste Good Bar | 270 |
| 6 | Aaron Busuttil | Paola Wolves | 260 |
| 7 | Ramon Briffa | Taste Good Bar | 230 |
| 8 | Roderick Grech | Charlo Bar | 200 |
| | **Total ta' plejers - 20** | | |

**Taht it-18-il sena**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Mathew Zammit | 147 Snooker Hall | 355 |
| 2 | Luke Borg | La Cubana Bar | 325 |
| 3 | Owen Amato | Down Town Bar | 300 |
| 4 | Ryan Pisani | La Cubana Bar | 270 |
| 5 | Dejan Grech | Senglea Bocci Club | 260 |
| 6 | Ryan Falzon | Top Gun Bar | 260 |
| 7 | Lothar Mallia | Domus Kids | 205 |
| 8 | Mark Hili | San Gwann Bocci Club | 205 |
| | **Total ta' plejers - 25** | | |




*It-tim ta' F.illi Bari Reggiana jiċċelebra s-suċċess tat-Tazza taċ-Champions*




# Massimo Cremona l-ewwel rebbieħ Malti tat-Tazza taċ-Champions

*Massimo Cremona bit-Tazza taċ-Champions tat-Table Football*

Massimo Cremona, li jilgħab mat-tim ta' F.illi Bari Reggiana u li bħalissa jinsab fil-ħames post tar-rankings mondjali, sar l-ewwel plejer Malti li rebaħ it-Tazza taċ-Champions li saret f'Mattesburg, fl-Awstrija.

Fil-finali, F.illi Bari Reggiana għelbu lill-klabb organizzativ, TFC Mattesburg, bl-iskor ta' 7-5 bid-differenza tal-gowls wara draw ta' 1-1 biex it-tim Taljan rebaħ it-tieni titlu Ewropew wara seba' snin.

Kienet it-tielet finali għal Cremona wara li lagħab fil-finali mal-istess Reggaina, fl-2005, u ma' Perugia, fl-2006. F'din il-kompetizzjoni ħadu sehem 18-il tim li kienu ġejjin minn tmien pajjiżi differenti.

Din l-edizzjoni finali kellha l-format ta' zewg gruppi, bi tmien timijiet, bl-ewwel erbgħa jikkwalifikaw għall-kwarti finali.

TFC Mattesburg flimkien ma' F.illi Bari Reggiana, Pisa u Perugia bdew bħala l-favoriti għat-titlu Ewropew. Fi Grupp A, F.illi Bari Reggiana rebħu is-seba' logħbiet kollha kontra Milano 2-1, Turia 4-0, Mattesburg 2-1, Hennuyer 3-1, Rochefort 3-0, Roligans 3-0 u Glide Slide 3-0. Fil-kwarti tal-finali F.illi Bari Reggaina għelbu lil Wiener Neustadt 9-6 bid-differenza tal-gowls wara draw ta' 1-1.

Fis-semi-fianli, għal darba oħra, kellhom ikunu d-differenza ta' gowls li għenu lil Reggiana jegħlbu lic-champions Taljani Perugia 5-3 wara draw ta' 2-2. L-istess storja irrepetiet ruħha fil-finali meta bid-differenza tal-gowls 7-5 (wara draw ta' 1-1) F.illi Bari Reggiana ġew inkurunati bħala ċ-champions Ewropej il-ġodda.

Cremona lagħab l-għaxar logħbiet kollha mat-tim tiegħu. Minbarra Cremona, il-kumplament tat-tim kien jikkonsisti min Saverio Bari (captain), Marco Lamberti, Gaincarlo Giulianini, Allesandro Corda u l-Ispanjol Carlos Flores.

"Is-sena, 2010, żgur li hija sena brillanti għalija li se nibqa' niftakarha. Champion tad-Dinja ma' Malta, f'Settembru, u r-rebħ tat-Tazza taċ-Champions ma' F.illi Bari Reggiana huwa sodisfazzjon kbir.

"Żgur li kien jimmeritana li nsiru champions Ewropej meata tqis li għelibna lil Mattesburg darbtejn, fil-grupp u fil-finali u lil Perugia fis-semi-finali.

"Kif gara ma' Malta, fit-Tazza tad-Dinja, mill-kwarti-finali 'l quddiem dejjem irbaħna bid-differenza tal-gowls fejn dan juri s-saħħa tat-tim bħala grupp li kulħadd jilgħab għal xulxin.

"Niddedika dan l-unur lit-tfal tiegħi Christine u Michael li dejjem jimmotivawni biex nibqa għaddej," temm jgħid Cremona.



*It-tim ta' F.illi Bari Reggiana jippoża bit-Tazza taċ-Champions*

# Il-jott Lucky jirbaħ il-31 edizzjoni


Il-jott *Lucky* rebbieħ ta' din l-edizzjoni tal-Middle Sea Race

L-edizzjoni ta' din is-sena tar-Rolex Middle Sea Race, li hija l-31 waħda, ġiet mirbuħa mill-jott "Lucky" wara li rnexxielu jissupera lill-jott Malti, Artie, bi 28 minuta.

Iżda Malta xorta waħda kellha sodisfazzjon kbir f'din it-tiġrija minħabba li rebħet in-Nations Cup liema unur jingħata lil dak il-pajjiż li jkollu l-aħjar tliet jottijiet fil-klassifika finali - Artie (it-teni post), Jaru (fit-tielet post) u Comanche Raider II Gasanmamo (fl-għaxar pożizzjoni).

Dan l-avveniment annwali jiġi organizzat mill-Malta Yacht Club. In-numru ta' jottijiet parteċipanti għal din l-edizzjoni kien dak ta' 76 fejn telqu mill-Port Il-Kbir bir-rotta tkun lejn Capopassero, Messina (fit-tramuntana ta' Sqallija), Stromboli, Favignana, Pantelleria, Lampedusa u lura Malta, fil-Port ta' Marsamxett. Ta' min isemmi wkoll li ħadu sehem 12-il jott Malti

Ir-riżultati tal-ewwel 20 jott li spiċċaw it-tiġrija jidhru f'din it-tabella.

Il-jott Malti, Artie, fi tmiem it-tiġrija



| Isem tal-Jott | Tip | Klassi | TCC | Ħin |
|---|---|---|---|---|
| 1 Lucky | TP52 | Class 2 | 1.35 | 4ġ 5s 37m 9sk |
| 2 Artie | J122 | Class 4 | 1.091 | 4ġ 6s 5m 52sk |
| 3 Jaru | J-133 | Class 3 | 1.116 | 4ġ 6s 42m 49sk |
| 4 Cantankerous | Cookson 50 | Class 2 | 1.361 | 4ġ 7s 1m 7sk |
| 5 Pace | TP 52 | Class 2 | 1.367 | 4ġ 7s 19m 9sk |
| 6 Esimit Europa 2 | Maxi Yacht | Class 1 | 1.897 | 4ġ 8s 5m 56sk |
| 7 La Floresta Del Mar | Swan 56 | Class 3 | 1.183 | 4ġ 8s 7m 54sk |
| 8 Alegre | Mills 68 | Class 1 | 1.531 | 4ġ 8s 44m 13sk |
| 9 Mandolino | SWAN 45 | Class 3 | 1.179 | 4ġ 9s 0m 7sk |
| 10 Fra Diavolo | Mylius 14E55 | Class 2 | 1.212 | 4ġ 10s 33m 27sk |
| 11 Comanche Raider | ILC 40 | Class 3 | 1.148 | 4ġ 10s 53m 19sk |
| 12 Juno | J 133 | Class 3 | 1.112 | 4ġ 10s 58m 23sk |
| 13 Varuna | Rogers 46 | Class 2 | 1.293 | 4ġ 11s 51m 47sk |
| 14 Speedy | MARTEN 49 | Class 2 | 1.256 | 4ġ 11s 52m 50sk |
| 15 Altair 3 | scuderia 50' | Class 2 | 1.302 | 4ġ 12s 40m 8sk |
| 16 Icap Leopard | FARR 100 | Class 1 | 1.871 | 4ġ 13s 12m 44sk |
| 17 Rocket 1 | Sly 47 | Class 2 | 1.244 | 4ġ 13s 26m 37sk |
| 18 Brave | FARR520 | Class 2 | 1.292 | 4ġ 14s 26m 3sk |
| 19 Aurora | canard 41 | Class 4 | 1.098 | 4ġ 14s 29m 52sk |
| 20 Dralion | KER53 C/R | Class 2 | 1.299 | 4ġ 14s 30m 16sk |

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru 2010

**RACE 1 - (3140m) Class Copper**
**Caqnu Lager Copper Race**
1 Juaben (Shaun Portelli)
2 Kir Carisaie (Kevin Sciberras)
3 Loulou de la Rose (Charles Camilleri)
4 Glowing Star (George Attard)

**RACE 2 - (3140m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Moustique Rose (Clint Vassallo)
2 Purple Street (Redent Magro)
3 Karl Borealis (Salvatore Cutajar)
4 Noble Azur (Andrew Farrugia)

**RACE 3 - (1250m) Maiden Race**
**Flat Race**
1 Mary Celest (Michael Sultana)
2 Tarruji (Oliver Briffa)
3 Salsa des Pres (Charles Pace)
4 Sognador (Eric Zammit)

**RACE 4 - (3140m) Class Gold**
**Monte Kristo Estates Gold Race**
1 Landi Breton (Nicholas Bonello)
2 Delvin Brodde (Julian Farrugia)
3 Indian Attack (Shaun Formosa)
4 L'Ideal de Fersan (Carl Caruana)

**RACE 5 - (2140m) Class Open**
**Young Driver's Race**
1 Mackbrain (Sebastian Schembri)
2 Insa (Anton Cassar)
3 Olga Streamline (Silvan Schembri)
4 B.B.S.Balthazar (Redeemer Farrugia)

**RACE 6 - (3140m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Jaguar de France (Darren Mizzi)
2 Noble Spirit (Clint Vassallo)
3 Negro de Bourgogne (Rodney Gatt)
4 Splanky (Kevin Mifsud)

**RACE 7 - (3140m) Class Gold**
**Monte Kristo Estates Gold Race**
1 Lucky des Brisants (Christian Xerri)
2 Lindsay Neve (Julian Farrugia)
3 L'Alpha de Cosse (Brian Hili)
4 Mint Spirit (Frank Portelli)

**RACE 8 - (3140m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Neo de Mira (George Muscat)
2 Netter Williams (Redent Magro)
3 Toronto Launcher (Christian Xerri)
4 Jet de Mee (Julian Farrugia)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 24 ta' Ottubru 2010

**RACE 1 - (3140m) Class Copper**
**Caqnu Lager Copper Race**
1 Larkay d'Echal (Julian Farrugia)
2 Kendo du Chene (Larson Mifsud)
3 Glenn Healy (Clive Gerada)
4 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)

**RACE 2 - (3140m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Judoka du Rib (Joe Farrugia)
2 Brightlight Sib (Alex Cortis)
3 Noël de Corneville (Carl Caruana)
4 Ninio Perrine (Antoine Grech)

**RACE 3 - (3140m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Emil Brebro (Brian Zammit)
2 Golf Oul Dada (Charles Camilleri)
3 Negus de Fleur (Silvio Schembri)
4 Vera L.H. (Michael Ellul)

**RACE 4 - (3140m) Class Gold**
**Monte Kristo Estates Gold Race**
1 Mimile du Hamet (Darren Mizzi)
2 My Danover (Christian Xerri)
3 Kojak d'Isques (Charles Camilleri)
4 Count of Life (Michael Ellul)

**RACE 5 - (2640m) Class Premier**
**Dragonara Cup 2010**
1 Kakisis (Johann Axisa)
2 Think Yatzee (Clint Vassallo)
3 Kain Poifond (Clifforty Calleja)
4 Land Havaroche (James Carabott)

**RACE 6 - (3140m) Class Gold**
**Monte Kristo Estates Gold Race**
1 Major Luchois (Brian Hili)
2 G.Force Son (Brian Zammit)
3 Lord of Rush (Ludvic Ghigo)
4 Kalipso Pierji (Twanny Debono)

**RACE 7 - (2640m) Class Premier**
**Dragonara Cup 2010**
1 Mica Bonero (Brian Hili)
2 Play On Me (Julian Farrugia)
3 Label Pont Vautier (Charles Debono)
4 Lou Petiot (Michael Axisa)

**RACE 8 - (3140m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Larissa du Breil (Clifforty Calleja)
2 Omegane de Lubin (Francis Cassar)
3 Zut (Joe Schembri)
4 Kenta Laday (Frank Portelli)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 31 ta' Ottubru 2010

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Lotus (Charles Camilleri)
2 Luron de la Prade (Charlo Debono)
3 Insa (Francis Cassar)
4 Pondus Sund (George Attard)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Noli de Marray (Patrick Spiteri)
2 Ninio Perrine (Antoine Grech)
3 Noel de Corneville (Noel Pace)
4 Lemon Solo (Jason Vassallo)

**RACE 3 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Cocos Kaos (Jason Vassallo)
2 Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
3 Chilly Beast (Herman McKay)
4 King de Bourdenay (Charles Camilleri)

**RACE 4 - (1750m) Class A**
**Flat Race**
1 Wildnis (Demis Zammit)
2 Mr Roxy Music (Oliver Briffa)
3 No Telling (Ramon Grima)
4 Salsa des Pres (Charles Pace)

**RACE 5 - (2640m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Black Guy (Charles Camilleri)
2 Livi Cantona (Julian Farrugia)
3 Marco Barbes (Brian Hili)
4 Bete Saknussen (Shaun Formosa)

**RACE 6 - (2640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Never Better (David Ellul)
2 Count of Life (Michael Ellul)
3 Lys de l'Oasis (Redent Magro)
4 Ker Pellois (James Briffa)

**RACE 7 - (2640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Match de Bannes (Noel Baldacchino)
2 Giant Game (Tony Tanti)
3 Loustic d'Apigne (James Briffa)
4 Nill's Daka (Mario Farrugia)

**RACE 8 - (2640m) Class Premier**
**Empire Cinema Premier Race**
1 Mont Cenis Honey (Noel Baldacchino)
2 L'As de Seuilly (Julian Farrugia)
3 Key Value (Mark Tanti)
4 Niro (David Ellul)

**RACE 9 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Noble Candeen (Emmanuel Pace)
2 High Speed Night (Andrew Farrugia)
3 Noe de Loudat (Mario Farrugia)
4 Above Roland (George Attard)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2010

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Icare de Jemma (Tony Demanuele)
2 Cool Kemp (Jason Vassallo)
3 Juliette Rodney (George Attard)
4 Belbroughton Road (Pierre Caruana)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Karl Borealis (Salvatore Cutajar)
2 Ingo Moon (Charles Camilleri)
3 Naja du Tija (Andre Farrugia)
4 Garden Pax (Martin Grech)

**RACE 3 - (2640m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Family's Moonlight (James Carabott)
2 Kandy du Fruitier (Noel Baldacchino)
3 Papa's Dream (Tony Tanti)
4 Royal Pointer (Julian Farrugia)

**RACE 4 - (3140m) Class Copper**
**Dragonara Condition Race Copper Final**
1 Larkay d'Echal (Julian Farrugia)
2 Glenn Healy (Clive Gerada)
3 Kendo du Chene (Larson Mifsud)
4 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)

**RACE 5 - (3140m) Class Silver B**
**Dragonara Condition Race Silver Final**
1 Emil Brebro (Brian Zammit)
2 Lady Holmely (Clifforty Calleja)
3 Jaguar de France (Darren Mizzi)
4 Noble Spirit (Noel Baldacchino)

**RACE 6 - (2640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Glory Cowboyland (Shaun Portelli)
2 Mint Spirit (Frank Portelli)
3 Kiflosak Cordiere (Mario Farrugia)
4 Confidence As (Julian Farrugia)

**RACE 7 - (2640m) Class Premier**
**Dragonara C'Ship 2010 Consolation Final**
1 Bello Fratello (Anthony Spagnol)
2 Alf Eme (Julian Farrugia)
3 Lucas Ness (Mario Farrugia)
4 Shamin (Charles Camilleri)

**RACE 8 - (2640m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Maitre de Bannes (Dario Fenech)
2 Neron Pierji (Kenneth Gafa)
3 Man Quick (Jason Cordina)
4 Manifi Pointer (Charles Fava)



Mary Celeste - race 3



Mica Bonero - race 7



Landi Breton - race 4



Emil Brebro - race 3

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 7 ta' Novembru 2010

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Inedit du Tachen (James Carabott)
2 Gubben Karsk (Charlo Debono)
3 Napoleon Hjo (David Ellul)
4 Mackbrain (Charles Camilleri)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Piccola Zanzara (Herman McKay)
2 Koko Loco (Michael Ellul)
3 Zut (Joe Schembri)
4 Minou de Perdriat (Francis Cassar)

**RACE 3 - (3140M) Class Bronze**
**Dragonara Condition Race Bronze Final**
1 Omegane de Lubin (Francis Cassar)
2 Judoka du Rib (Joe Farrugia)
3 Klaxon de la Croix (Christian Xerri)
4 Moustique Rose (Noel Baldacchino)

**RACE 4 - (3140m) Class Silver A**
**Dragonara Condition Race Silver Final**
1 Neo de Mira (George Muscat)
2 Netter Williams (Redent Magro)
3 Jet de Mee (Julian Farrugia)
4 Energy Launcher (Jonathan Zammit)

**RACE 5 - (2640m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Hans des Landiers (James Carabott)
2 Zerbin (Sam Cassar)
3 Lotus du Goth (Andrew Spiteri)
4 Lys des Etroits (Brian Hili)

**RACE 6 - (3140m) Class Gold**
**Dragonara Condition Race Gold Final**
1 L'Alpha de Cosse (Julian Farrugia)
2 Lord of Rush (Ludvic Ghigo)
3 Lucky des Brisants (Christian Xerri)
4 Major Luchois (Brian Hili)

**RACE 7 - (2640m) Class Premier**
**Dragonara C'Ship Final 2010**
1 Kakisis (Johann Axisa)
2 Play On Me (Julian Farrugia)
3 Lou Petiot (Michael Axisa)
4 Mica Bonero (Brian Hili)

**RACE 8 - (2640m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Must du Buisson (Charles Camilleri)
2 Castor Pollux (Rodney Gatt)
3 Lex Wall (Charlo Debono)
4 Navaroso de Khepri (Noel Baldacchino)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 14 ta' Novembru 2010

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**Empire Cinema Copper Race**
1 Mackbrain (Johan Schembri)
2 Grand Marnier (Andrew Farrugia)
3 Gubben Karsk (Charlo Debono)
4 Conrads Circle (Brian Green)

**RACE 2 - (2140m) Class Copper**
**Empire Cinema Copper Race**
1 Divinis (Charlie Magro)
2 Verdi Broline (Laura Cunningham)
3 Hulegardens Filur (Noel Baldacchino)
4 Vasterbo Lymmel (Raymond Clifton)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Brightlight Sib (Alex Cortis)
2 Orasi Index (Raymond Clifton)
3 Rybo Celion (Salvu Vella)
4 Lemon Solo (Jason Vassallo)

**RACE 4 - (2140m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Chilly Beast (Herman McKay)
2 Mr King (France Tanti)
3 Rybo Juvel (Julian Farrugia)
4 Garden Pax (Charles Camilleri)

**RACE 5 - (2140m) Class Copper**
**Empire Cinema Copper Race**
1 Belbroughton Road (Pierre Caruana)
2 Lotus (Charles Camilleri)
3 Arragon Crown (James Briffa)
4 Camelot As (Mario Falzon)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Livi Cantona (Julian Farrugia)
2 Bete Saknussen (Claudio Refalo)
3 Breeze Brodde (Mario Farrugia)
4 Charlie Smitt (Michael Ellul)

**RACE 7 - (2140m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Kejser Flamingo (Rodney Gatt)
2 Lord of Rush (Ludvic Ghigo)
3 Race Ball (Tony Demanuele)
4 Marlow As (Kevin Sciberras)

**RACE 8 - (2140m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Royal Crafts K. (Charlie Zahra)
2 Super Swede (Kevin Sciberras)
3 Vera L.H. (David Ellul)
4 Word Xing (Rodney Gatt)

**RACE 9 - (2140m) Class Premier**
**Montekristo Estates Premier Race**
1 Isolated (Noel Baldacchino)
2 Magnific As (Eric Bezzina)
3 Shamin (Charles Camilleri)
4 Obi Wan Kenobi (George Attard)

**RACE 10 - (2140m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Noble Spirit (Noel Baldacchino)
2 Papa's Dream (Tony Tanti)
3 Tinto E. (Brian Zammit)
4 Meadow Dancer (Shaun Portelli)

**RACE 11 - (2140m) Class Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Manifi Pointer (Charles Fava)
2 Cocos Kaos (Jason Vassallo)
3 Tirkita (Mark Tanti)
4 Lady Holmely (Brian Zammit)


Glory Cowboyland - race 6


Emil Brebro - race 5


Neo De Mira - race 4


L' Alpha De Cosse - race 6


Livi Cantona - race 6


Wildnis - race 4


Never Better - race 6


Kejser Flamingo - race 7



## Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej Diviżjoni 2A

# Il-Maltin viċin ir-rebħa... iżda jisfaxxaw fl-aħħar

**Malta** .......................26
**Latvja** .....................33

It-tim nazzjonali Malti tar-Rugby sofra it-tieni telfa (minn daqstant logħbiet) mill-kompetizzjoni tat-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej Diviżjoni 2A, hekk kif fil-Hibernians Stadium, f'Kordin, safa megħlub mil-Latvja bl-iskor ta' 33-26.

Diżappunt u sfortuna għall-plejers Maltin li t-telfa waslet fl-aħħar minuti tal-logħba li sa madwar tmien minuti mit-tmiem kienet qed tara lill-Maltin fil-vantaġġ.

Kienet logħba b'żewġ uċuh. Il-Maltin iddominaw fl-ewwel taqsima, tant, li daħlu jistrieħu 19-6 minn fuq filwaqt li l-avversarji tjiebu ħafna matul it-tieni taqsima u b'wirja impressjonanti qalbu r-riżultat favur tagħhom.

Lejlet dan il-konfront, il-kowċ tat-tim Malti, Damian Neill, kellu problema ta' bosta plejers mhux f'sikkithom, problema li dehret evidenti f'uħud mill-plejers tul it-tieni taqsima.

Għal darb'oħra kien hemm pubbliku numeruż li attenda bi ħġaru u ma qata' xejn fl-appoġġ lill-plejers Maltin liema inkoraġġiment kien mgħejjun ukoll mill-grupp tas-South End Core.

Il-Maltin kienu fi klassi għalihom matul l-ewwel taqsima, li spiċċat 19-6 favur tagħna. Skor li mmatura grazzi għal try kull wieħed ta' Malcolm Camilleri, Malcolm Attard u James O'Brien u żewġ conversions tal-istess O'Brien. Min-naħa tal-Latvja, dawn kisbu sitt punti minn żewġ penalties ta' Kristaps Berzins.

Fit-tieni taqsima, l-avversarji tagħna ħarġu aktar aggressivi u f'temp ta' 17-il minuta għamlu l-iskor indaqs għal 19-19. Ir-reazzjoni tat-tim Malti kienet waħda mmedjata bi try u conversion ta' James O'Brien biex għamel l-iskor 26-19.

Iżda minn hawn 'il quddiem rajna biss lit-tim tal-Latvja li mhux talli










Azzjonijiet tal-logħba bejn Malta u Latvja



għamel l-iskor indaqs, iżda ftit minuti mit-tmiem mar għall-ewwel darba fil-vantaġġ minn try ta' Andris Andersons u conversion ta' Kristaps Berzins għal skor finali ta' 33-26.

Kien evidenti d-diżappunt fuq wiċċ il-plejers u uffiċjali Maltin li issa jridu jirreaġixxu fit-tentattiv li jżommu posthom f'din id-diviżjoni.

L-iskwadra Maltija kienet komposta minn: Kyle Mason (Royal Navy, UK), Harry Collins (Hartpury College RFC, UK), Alistair Livesey (Fylde, UK), Daryl Psaila (Kavallieri), Mark Davey (Blackheath, UK), Joss Howland (Overseas), Paul Calgaro (Queanbeyan, Awstralja), Charles Sammut (Old Patesians, UK), Thomas Holloway (Waterloo, UK), Robert Holloway (Altrincham Kersall, UK), Andrew Dixon (Wimbledon, UK), Domenic Busuttil (Beddau RFC, UK), Malcolm Attard (Stompers), Matthew Camilleri (Stompers), James O'Brien (Waterloo, UK) - *Riservi*: Ian Borda (Kavallieri), Daniel Holliday (Rhymney RFC, UK), Nathan Gatt (Stompers), Clayton Cassar (Overseas), Samuel Borg (Camborn School of Minds, UK), Mario Fountain (Stompers), Jurgen Pavanello (Valletta). - Kowċ - Damian Neill; Team Manager - Danny Sacco; Fiżjoterapista: Steve Cilia

**Riżultati**

| | | |
|---|---|---|
| 24-Ott | Kroazja v Svezja | 13-32 |
| 30-Ott | Latvja v Kroazja | 12-14 |
| 30-Ott | Litwanja v Malta | 9-6 |
| 06-Nov | Malta v Latvja | 26-33 |
| 06-Nov | Svezja v Litwanja | 26-22 |

**Klassifika**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Svezja | 2 | 2 | 0 | 0 | 58 | 35 | 9 |
| Latvja | 2 | 1 | 0 | 1 | 45 | 40 | 6 |
| Litwanja | 2 | 1 | 0 | 1 | 31 | 32 | 5 |
| Kroazja | 2 | 1 | 0 | 1 | 27 | 44 | 4 |
| Malta | 2 | 0 | 0 | 2 | 32 | 42 | 3 |



# Kampjonat 1953-54

## • Salvinu Schembri jiddebutta ma' Sliema Wanderers
## • Floriana jsofru l-ewwel telfa



*Salvinu Schembri bil-flokk ta' Sliema Wanderers*

**Is-Sitt Ġurnata**

***09-01-1954:***
***Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-1***
***H.T 2-1***
***Ref: Flt. Sgt. James Tuckett (RAF)***
***Skurjaw: R. Psaila (Ħ) pen. 23', N. Mackay (V) 24' u S. Rapinett (V) 40***

*Valletta FC*: Mike 'Moro' Cutajar, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charles Zerafa, Ċensu Muscat, Lewis Azzopardi, Leli 'Il-Pesa' Pace, Silvio Rapinett, Ġużi Zammit, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*Ħamrun Sp.* FC: Ġużi 'Il-Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Johnnie Alamango, Ġużi Zammit, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, George Jones, Salvu Bartolo, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

1. Għal Valletta rritorna l-plejer Pawlu Vassallo. Hu kien ilu nieqes seba' xhur – eżattament mill-aħħar partita tal-kampjonat li għadda.
2. Il-partita ntlagħbet taħt xita kontinwa u silġ.

***10-01-1954:***
***Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 3-2***
***H.T 3-1***
***Ref: Flt. Sgt. James Tuckett (RAF)***
***Skurjaw: S. Nicholl (S) 6', S. Williams (F) 14', T. Nicholl (S) 19, S. Schembri (S) 24' u S. Williams (F) 61'.***

*Sliema Wdrs.* FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Ninu Calleja, Salvinu Schembri, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Floriana FC:* Michael Galea, Lolly Debattista, Leli Zammit, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Lolly Borg, Stanley Williams, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Floriana FC sofrew l-ewwel telfa fil-kampjonat.
2. L-MFA ma kinetx laqgħet talba ta' Floriana FC sabiex tressaq il-partita għal data aktar tard minħabba li kienet se tintlagħab qrib wisq tal-logħba tagħhom tat-Tourney tal-Milied ma' F.K Spartak tal-Jugoslavja.
3. Salvinu Schembri iddebutta ma' Sliema Wanderers wara li rnexxielu jinħall mill-kuntratt li kien jorbtu ma' Valletta FC meta dawn tal-aħħar ħallewh jitlaq wara li raw li l-plejer baqa' jżomm sod fil-fehma tiegħu li ma jilgħabx aktar magħhom. Ir-reġistrazzjoni tiegħu daħlet għand l-MFA fit-8 ta' Jannar, 1954, fil-għaxija. Huwa ħa post Walsh li waqaf għal xi żmien minħabba operazzjoni tal-cartilage.
4. Floriana FC ipprotestaw minħabba li sostnew li meta din il-partita suppost li ntlagħbet oriġinarjament Salvinu Schembri kien għadu ma jistax jilgħab mal-Wanderers. Fil-fatt, id-data oriġinali ta' din il-partita kienet fl-20 ta' Diċembru, 1953, imma kienet tħassret minħabba l-Elezzjonijiet Ġenerali. Floriana kienu bbażaw il-protest tagħhom fuq Rule 7 li kienet tgħid li jekk logħba kompetittiva tiġi posposta, tintlagħab mill-ġdid jew id-data tiġi mibdula, dawk il-plejers li kienu reġistrati biss fid-data oriġinali jistgħu jilagħbu. Ir-regolament ikompli jgħid li plejer li jkun sospiż u sadanittant tgħaddilu s-sospensjoni dak ikun jista' jilgħab. L-MFA b'sorpriża ma laqgħetx il-protest ta' Floriana minħabba li sostniet li Regolament Nr. 7 ma jistipulax li meta tiċċaqlaq il-fixture l-plejers li sadanittant ikunu ġew akkwistati ma jkunux eliġibbli għal-logħba.
5. Kien hemm xnigħat persistenti li Sliema Wanderers ħallsu somma rekord ta' £800 sabiex Valletta ħallew lil Salvinu Schembri mill-kuntratt tiegħu magħhom. Fil-fatt f'din il-logħba kien hemm kartellun imdendel fil-Valletta Side bi £800 fuqu li bih il-Beltin riedu jinku lis-Slimiżi fis-sens li jekk Schembri telaq dan ma telaqx b'xejn. Madankollu din baqgħet biss xniegħa minħabba li bir-regolamenti tal-MFA l-ebda plejer bil-Form K ma jista' jinbiegħ.
6. Lolly Borg xejn ma kellu fortuna fir-ritorn tiegħu ma' Floriana meta wara l-partita ttieħed l-isptar San Luqa jsofri minn *concussion* fejn inżamm hemmhekk għal tlitt ijiem. Huwa tilef il-kumplament tal-istaġun.
7. Anke Ġużi Bennetti kien qed jirritorna għal Floriana wara li kien ilu

nieqes xahrejn jirkupra minn operazzjoni tal-appendiċite. Kemm Ġużi Bennetti kif ukoll Lolly Borg kienu diġà lagħbu ma' Floriana fit-telfa ta' 1-0 fil-final tax-Scicluna Cup kontra Sliema, tat-8 ta' Diċembru, 1953, u anke fit-Tourney tal-Milied kontra FK Spartak fit-3 ta' Jannar 1954 f'telfa oħra ta' 2-3.

*16-01-1954:*
*Hibernians FC – Melita FC 1-0*
*H.T 0-0*
*Ref: Sgt. John Azzopardi*
*Skorja: F. Church (H) 70'.*

*Hibernians FC:* Johnnie 'Skipper' Formosa, Colin Tabone, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Toni 'Skitu' Spiteri, Fredu Church, J. Spiteri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.



*Lolly Borg ... tilef il-kumplament tal-istaġun minħabba injury*

*Melita FC:* Edwin Zammit, Patrick Feekry, Albert Grech, Ġiusi Borg, Leli Borg Bonaci, George Bencini, Chetcuti, C. Zammit, Bertie Agius, Rene Formosa, Roy Muscat.

1. Melita ppreżentaw formazzjoni ta' emerġenza meta t-tliet plejers Ingliżi tagħhom John Finlay, Bill MacDonald u Peter Cornish kollha kienu mpenjati fil-League Decider tan-Naval Championship fil-ground ta' Corradino. Posthom ħaduh tliet żagħżagħ – Chetcuti, Zammit u Roy Muscat.
2. L-ex-plejer ta' St. George's FC, l-outside left Ġużi Ciantar 'Il-Felli', iddebutta ma' Hibernians wara li skonta sospensjoni ta' sitt xhur li weħel mill-MFA wara li nstab ħati li rċieva £38 mingħand is-Saints fl-istaġun li għadda meta kien irreġistrat bħala amateur. Minbarra s-sospensjoni Ciantar kellu jirritorna l-flus lill-klabb ta' St. George's. Il-Kunsill tal-MFA issospenda wkoll lill-Kumitat ta' St. George's FC għal tliet snin.

*17-01-1954:*
*Birkirkara FC – Rabat FC 1-0*
*H.T 0-0*
*Ref: Joseph Spiteri.*
*Skorja: S. Samut Tagliaferro (B) 85'.*

*Birkirkara FC*: William Templeman, Fredu Preca, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Frans Theuma, Bob Bonavia, Mario Merola, Victor Farrugia, Lieut. Stephen Samut Tagliaferro, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.
*Rabat FC*: Alfred Zammit, Walter Powell, Alfie Pearson, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Donald MacDonald, Louis Vigar, Tony Caruana, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Il-gowlkiper ta' riserva Willie Templeman ta' Birkirkara kien akkwistat mingħand Msida Wolves fis-sajf. Huwa daħal minflok Lolly Rizzo għal din il-partita.
2. Anke Rabat kienu qed jilgħabu bil-gowlkiper ta' riserva Alfred Zammit wara li Ninu Micallef kien għadu ma ġiex f'sikktu.
3. Rabat sofrew l-ewwel telfa fil-kampjonat u fallew l-okkażjoni li jitilgħu fil-quċċata tal-Ewwel Diviżjoni għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb tagħhom. Fil fatt kellhom jistennew tletin sena oħra qabel ma għamlu din il-bravura fis-snin tmenin.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 8 pti.; Rabat FC, Valletta FC u Hibernians FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC 6 pti.; Birkirkara FC 3 pti. u Melita FC 2 pti.

L-Aqwa Skorers: R. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 5 goals; F. Church (Hibernians FC); C. Azzopardi (Rabat FC); T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u P. Demanuele (Floriana FC) 4 goals.

# Aħbarijiet

Ir-referi, Michael Sciberras, ħabbar li kien qed jirriżenja minn din il-kariga. F'ittra mibgħuta lil Malta Football Association, is-Sur Sciberras informahom li fit-22 ta' Diċembru, 1953, huwa kien mgħarraf li għat-Tourney tal-Milied huwa kien inkarigat biex ikun linesman għal-logħba Floriana FC kontra Spartak u referi għal-logħba bejn MFA XI u Spartak.

Madankollu b'sorpriża fit-3 ta' Jannar, fit-8.00 a.m., huwa kien ġie nfurmat verbalment li l-appuntament tiegħu għall-partita bejn MFA XI u Spartak ġie mħassar. Huwa kkuntattja lis-Sur Naudi, li kien inkarigat mill-ħatriet tal-uffiċjali u dan filwaqt li spjegalu li kienet deċizjoni tal-President tal-MFA, offrielu biex minflok linesman ikun referee waqt Floriana v FK Spartak. Michael Sciberras m'aċċettax din l-offerta minħabba li ma riedx b'hekk iweġġa' lil min kien diġà imwiegħed li jkun referi tal-istess partita. Meta Sciberras ikkuntattja lill-President tal-MFA, Emilio Camilleri, fejn dan għarrfu li hi użanza li l-partiti tal-MFA XI jikkontrollahom il-President tal-MFRA u kien għalhekk li ordna lis-Sur Naudi biex iħassarlu l-appuntament.

Ftit ġranet wara is-Sur E. Bonnici, referi ieħor, irriżenja huwa wkoll mill-kariga ta' referee minħabba li anke hu ħass li ma ġiex ittrattat tajjeb fl-istess Tourney tal-Milied.

Fis-7 ta' Jannar, 1954, il-Malta Football Association ħarġet il-programm ta' fixtures ġodda sa tmiem l-istaġun. Il-fixtures kellhom jitfasslu kollha mill-ġdid wara l-waqfien ta' ġimgħa li kien hemm minħabba l-Elezzjonijiet Ġenerali u anke minħabba li ma setgħux jagħmlu aktar użu mill-ground tal-Imrieħel.

Fid-9 ta' Jannar, 1954, is-Segretarju ta' Floriana, Joe Martinelli, kien irriżenja mill-kariga wara li xi membri tal-kumitat ta' Floriana kienu tkellmu ma' xi partitarji li d-deċiżjoni li l-goalkeeper Alamango jiġi rrapurtat lill-MFA fuq imġieba ħażina kienet ittieħdet minn Joe Martinelli waħdu. Dan tal-aħħar fl-ittra ta' riżenja sostna li d-deċiżjoni kienet ittieħdet mill-Kumitat kollu fil-Laqgħa tal-10 ta' Novembru, 1953, fejn ma kienx preżenti l-Viċi President biss u wara dan ukoll kien qabel mad-deċiżjoni li ttieħdet. Alamango kien għadu ma jistax jilgħab meta l-MFA kienet ssospendietu sal-31 ta' Marzu, 1954.

Fit-13 ta' Jannar, 1954, f'partita b'risq il-Poppy Day Fund Floriana għelbu lil UK Combines Services bl-iskor ta' 7-3 wara li sal-mistrieħ kienu 4-2 minn fuq. Għal Floriana skorjaw Tony Cuachi tliet darbiet, Charlie Bennetti darbtejn, u gowl kull wieħed minn Pullu Demanuele u Lolly Vella. Għas-Servizzi, Harburn u Stevens, kienu għamlu l-iskor 2-2 u Hunter kien għamel l-iskor 5-3.

WasteServ Malta Ltd

## L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM



Bil-kooperazzjoni tiegħek, fil-faċilità għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (Material Recovery Facility) ġewwa Sant' Antnin, matul l-2009 inġabru madwar 12-il miljun kilo ta' Karta, Plastik u Metall.

Dan l-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.

# GRAZZI

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*

**FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006**
**PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA**
**RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%**

# Iliotibial Band Syndrome (ITBS)

by Dr. Kirill Micallef Stafrace

Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science







The iliotibial band (ITB) is a thickened fibrous tissue that starts from the iliac crest(hip) and tensor fascia lata muscle and continues by the side of the thigh until it attaches to the upper outer side of the tibia (shin bone). The location of the ITB over the outer aspects of the hip and knee joint make it susceptible to friction related problems due to the high mobility and use of these joints. When this occurs at the hip level it is known as the proximal( upper) ITBS, while at the knee it is called the distal (lower) ITBS. Trauma to the ITB over the joint areas, example after falling off the bike or receiving a kick in a game of football, can also precipitate ITBS due to the irritation caused to the band.

ITBS presents with localized pain that is aggravated by exercise at either the outer side of the hip or knee( occasionally both) of one and uncommonly both legs. The ITB might feel tight and painful trigger points along its length are often pinpointed. At the beginning, the pain resolves with rest, but if the condition is ignored this can persist for some time after cessation of exercise and during rest.

This syndrome is found more commonly in sports such as running and cycling that overuse the hip and knee, but can occur in practically any circumstance that involves extensive use of the legs ( example in repetitive manual work). Often, this is caused by improper training or technique ( too much, little recovery, hill training etc.) or equipment( worn or incorrect shoes, bike seat height , bike size etc) but can also be related to the biomechanics of the individual such as knock knee, flat feet, wide hips etc.

The management of ITBS involves correcting the training and equipment errors which should be relatively straightforward, but the intrinsic problems might require more complicated adjustments such as customized insoles and rarely surgery. One must also ensure that there are no muscle imbalances, joint stiffness or poor flexibility that can aggravate the issue. Stretching the ITB is not easy and must be properly taught and ideally incorporated into the athlete's training regimen. Physiotherapy modalities such as ultrasound or laser can help as would deep friction massage. Icing the area, especially after training, will help reduce the pain but sometimes analgesics and anti-inflammatory medications are also needed to help control the symptoms. Rarely a corticosteroid injection into the site might be required to solve a recalcitrant case.



Dr Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.

*kmicallefstafrace@gmail.com*

# Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# Ir-Regatta wara l-gwerra

## (1970-1979) ... It-Tnax-il Parti

Fl-1973, dan il-palju reġa' ntrebaħ mill-Bormliżi għat-tieni darba nfila bl-ekwipaġġ ifformat mill-qaddiefa Ċikku Azzopardi, Ġuzi Azzopardi, Mario Azzopardi u Leli D'Amato. Din is-sena, din il-korsa damet ħafna ma bdiet minħabba nuqqas ta' ftehim fil-kamp Senglean fuq il-parteċipazzjoni tagħhom f'din it-tiġrija. Fortunatament, dan d-diżgwid ma naqqas xejn mill-rivalità li dehret fost il-qaddiefa matul l-andament ta' din il-korsa, peress li t-tliet distretti tal-Kottonera kienu għadhom biċ-ċans li jirbħu x-Shield. Kemm din it-tiġrija kienet sabiħa u eċċitanti tikkonfermah din is-silta meħuda minn artiklu sportiv : *'.. il-Kalkara marru fil-vantaġġ li żammew sa kwart mill-korsa, segwiti mid-dgħajsa ta' Marsamxett. Qrib it-tieni baga, Marsamxett marru fil-vantaġġ u deher li ħadd, sa dak il-ħin ma kien se jilħaqhom, iżda qrib l-aħħar baga, tfaċċaw iż-żewġ dgħajjes ta' Bormla, li waħda minnhom ġiet pruwa ma' pruwa ma' dik ta' Marsamxett. Ftit sekondi wara, anke d-dgħajsa l-oħra ta' Bormla irmuntat ukoll biex fl-aħħar ftit metri mit-tmiem, is-sinjali tat-tliet dgħajjes kienu f'linja waħda. Iżda kienet waħda mid-dgħajjes ta' Bormla li fl-aħħar qatgħet lil dik ta' Marsamxett b'tul ta' tliet kwarti ta' dgħajsa bit-tieni dgħajsa ta' Bormla tispiċċa fit-tielet post, wara dik ta' Marsamxett ... '*

Fl-1974, dan il-palju baqa' għand il-Bormliżi bil-ħila tal-ekwipaġġ ifformat mill-qaddiefa Ċikku Azzopardi, Fredu Bouvet, Mario Azzopardi u Leli D'Amato. Ironikament, din is-sena wkoll il-korsa ta' bl-Erbgħa kienet tħoll u torbot liema distrett jirbaħ ix-Shield. Sa qabel ma bdiet din it-tiġrija l-Isla kienet qed tillidja bi tmien punti fuq Bormla u għalhekk kif kien mistenni din it-tiġrija kellha tkun waħda kumbattuta bejn id-dgħajjes taż-żewġ distretti : *'... mat-tir, id-dgħajjes ħarġu f'daqqa u deher ċar li t tiġrija kienet se tkun waħda qalila għaliex il-qaddiefa tal-Marsa, Bormla, l-Isla u Marsamxett/Valletta bdew jaqdfu b'saħħa kbira. Sat-Tabella tal-Ford, l-erba' dgħajjes kienu għadhom flimkien u l-briju u l-eċċitament fost il-partitarji avversarji kien fl-aqwa tiegħu. Kif id-dgħajjes qabżu l-aħħar baga, id-dgħajsa ta' l-Isla dehret tnaqqas fil-qdif iżda dawk ta' Bormla u l-Marsa bdew aktar iżidu u bejniethom beda dwell aħrax għar-rebħ tal-palju. Finalment kienu l-Bormliżi li fl-aħħar ftit metri kisbu vantaġġ ta' nofs dgħajsa vantaġġ fuq il-Marsin - vantaġġ li rnexxielhom iżommuh sad-dħul...'*

Fl-1975, dan il-palju ntrebaħ mill-Marsa bl-ekwipaġġ ifformat mill-qaddiefa George Grech, Joseph Micallef, Tony Camilleri u Charlie Grech. Din it-tiġrija qanqlet ċertu entużjażmu fost id-dilettanti u l-ispettaturi li kienu qegħdin isegwu dawn it-tiġrijiet tad-dgħajjes għax skond il-punti li kienu nkisbu mid-distretti matul l-erba' korsi preċedenti, instab li Bormla u l-Marsa kienu daħlu biċ-ċans li jirbħu x-Shield. Silta minn gazzetta tgħidilna kif żvolġiet din it-tiġrija *'... kif kien mistenni, din it-tiġrija kienet se tkun waħda akkanita għaliex l-għan tal-qaddiefa tat-tliet distretti konċernati kien wieħed – dak li jirbħu x-Shield. It-tluq kien tajjeb u d-dgħajjes ħarġu flimkien. Id-dgħajjes ta' Bormla u l-Marsa mill-ewwel dehru li kienu aħjar mill-oħrajn għax f'nofs il-korsa kienu diġà qegħdin igawdu tul ta' dgħajsa vantaġġ fuq dik tal-Isla u l-Kalkara li kienet l-aktar dgħajsa qrib tagħhom. F'daqqa waħda l-qaddiefa tal-Kalkara bdew jispissjaw u laħqu liż-żewġ dgħajjes tal-Marsa u Bormla u hawnhekk bdiet taqtiegħa qalila min minnhom jidħol fl-ewwel post. Finalment kienu l-qaddiefa tal-Marsa li rebħu l-palju tal-ewwel, bid-dgħajjes tal-Kalkara u Bormla jidħlu warajha rispettivament ...'*

Fl-1976, dan il-palju baqa' għand il-Marsa. Kienet id-determinazzjoni qawwija tal-ekwipaġġ Marsi li kien kompost minn George Grech, Joseph Micallef, Tony Camilleri u Charlie Grech, li matul il-korsa wera ħila u maturità kbira biex irnexxielu jrażżan il-qawwa tal-ekwipaġġ Bormliż li kien il-favorit li jirbaħ dan il-palju. Qaddief Marsi ma sabx kliem biex ifaħħar lil sħabu li wara tiġrija diffiċli ma' Bormla rnexxielhom jirbħu l-palju u miegħu x-Shield: *'... bħalissa eċċitat ħafna u ninsab imħawwad ... inħossni nixtieq nibki bil-ferħ iżda nistħi minn sħabi ... aħna għandna tim tajjeb ħafna u ma nafx minn jista' jżommna ... jiddispjaċini li m'għandix xi ngħidlek aktar għax l-eċċitament fuqi qed iġiegħlni nħawwad fil-kliem...'*

Fl-1977, dan il-palju ntrebaħ għat-tielet darba konsekuttiva mill-Marsa mill-ekwipaġġ ifformat minn George Grech, Joseph Micallef, Tony Camilleri u Charlie Grech. Silta meħuda minn artiklu sportiv jgħidilna eżatt x'ġara d-dwana wara l-premjazzjoni tax-Shield: *'... ir-rebħa tal-Aggregate Shield u l-palju ta' bl-Erbgħa għat-tielet sena konsekuttiva tant ġabu ferħ kbir fost il-qaddiefa u lill-partitarji tagħhom li hekk kif intemmet il-premjazzjoni tal-paljijiet u t-tazzi, huma mxew lejn il-menqa bid-dgħajjes rebbieħa fuq l-ispalla u baqgħu jiċċelebraw bil-kbir sa tard filgħaxija...'*



*Final mill-aktar eċċitanti tat-tiġrija tal-Frejgatini, fl-1974*

minn Joseph Serracino





*L-Imgħallem Karmenu Darmanin jidher qed jiċċekkja xi qisien partikolari waqt il-bini ta' frejgatina ġdida*

Fl-1978, dan il-palju għadda mill-ġdid għand Bormla b'rebħa meritata fuq id-dgħajjes tal-Kalkara bl-ekwipaġġ ifformat minn Ċikku Azzopardi, Alfred Bouvet, Mario Azzopardi u Ġużi Fava. Ironikament, id-distrett tal-Marsa li għall-aħħar tliet snin konsekuttivi ddomina dawn it-tiġrijiet, f'din l-edizzjoni, kontra kull tbassir ma rebaħx palju wieħed.

Fl-1979, dan il-palju ntrebaħ mill-ġdid mill-Marsa bl-ekwipaġġ ifformat minn Paul Grech, George Zammit, George Grech u Charlie Grech. Din it-tiġrija żvolġiet f'waħda interessanti ħafna bejn Bormla u l-Marsa. Id-differenza bejniethom kienet ta' 22 punt! Bormla setgħet tirbaħ ix-Shield jekk waħda mid-dgħajjes tagħha tipplejsja fl-ewwel tliet postijiet waqt li l-Marsa ma tipplejsjax jew inkella l-Marsa tidħol l-ewwel u Bormla tidħol fit-tieni post bit-tielet post jirbħu distrett ieħor. Il-Marsa setgħet tirbaħ ix-Shield jekk iż-żewġ dgħajjes tagħha jipplejsjaw għall-inqas fl-ewwel u fit-tielet post waqt li Bormla ma tipplejsja xejn. Silta qasira minn artiklu sportiv jagħtina stampa ċara kif żvolġiet din it-tiġrija li qanqlet entużjażmu u nervożiżmu kbir fost il-qaddiefa u l partitarji taż-żewġ distretti. '*... id-dgħajsa tal-Marsa bdiet fuq quddiem segwita dejjem minn dik Bormliża. L-eċċitament kompla jiżdied aktar ma beda joqrob it-tmiem...*' Finalment kienet id-dgħajsa tal-Marsa li daħlet l-ewwel segwita minn dik ta' Bormla. Dan ir-riżultat kien ifisser li l-Marsa tirbaħ il-palju u Bormla tirbaħ ix-Shield għas-seba' darba.

L-inqas ħinijiet irrekordjati fir-Regatta bejn 1970 -1979 kienu dawn:

**Korsa tad-dgħajjes tal-Midalji 'A'** - Bormla (1971) - 4 minuti u 13-il sekonda.

**Korsa tal-Frejgatini** – Bormla (1971) - 6 minuti u 34 sekonda.

**Korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'Żewġt Imqadef 'A'** - Kalkara (1971) - 5 minuti u 18-il sekonda.

**Korsa tal-Kajjikki** - Birgu (1971) - 5 minuti u 12-il sekonda.

**Korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef 'B'**- Marsamxett (1971) - 5 minuti.

Nota dwar xi ħinijiet: Jekk wieħed josserva tajjeb, fl-1971, f'kull tiġrija ġie rrekordjat ħin inqas mill-medja u dan kien dovut minħabba riħ qawwi li ħakem il-kanal waqt din l-edizzjoni tar-Regatta. Fost il-ħinijiet irrekordjati, tal-Kajjikki hu baxx ħafna, anke meta tipparagunah ma' dak tal-Frejgatini, li bħalu hi opra żgħira u l-ħin medju tagħha hu ta' madwar seba' minuti. M'hemmx dubju li l-elementi naturali, l-aktar dak tar-riħ hu fattur importanti li fuqu jiddependi l-ħin ta' kull tiġrija, madanakollu, jekk wieħed josserva tajjeb il-ħinijiet irrekordjati fiż-żewġ kategoriji tad-dgħajjes tal-Pass u tipparagunah ma' dak tal-Kajjikk, wieħed jasal għall-konklużjoni, li aktarx, dan il-ħin, bi żvista ttieħed ħażin. Fil-fatt, anki l-ħin tad-dgħajjes tal-Pass kategorija 'A' hu kemmxejn baxx jekk wieħed jipparagunah ma' ħinijiet ta' edizzjonijiet preċedenti. Fil-każ tal-korsa tal-Kajjikki, hemm min hu tal-fehma li jekk tiżdied minuta mal-ħin meħud xorta waħda dan il-ħin jibqa' l-inqas ħin irreġistrat matul dan il-perijodu ta' snin.

Mill-1970 sal-1979 l-Aggregate Shield intrebħet hekk:

1970 - Bormla; 1971 - Kalkara; 1972 - Bormla; 1973 - Bormla; 1974 - Bormla; 1975 - Marsa; 1976 - Marsa; 1977 - Marsa; 1978 - Bormla; 1979 - Bormla.

*ikompli f'ħarġa oħra*



*Il-partitarji Sengleani jassistu għat-tberik tad-dgħajsa ta' bl-Erbgħa 'Sirena' mill-arcipriet J. Sladden*

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru, 2010.

Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 43

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 43 huwa:**

**Andrea Zerafa - Fgura**





**THE WESTIN**
DRAGONARA
RESORT
MALTA

**IRBAĦ LEJL IL-WESTIN DRAGONARA RESORT**

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru, 2010: **Kompetizzjoni Sportiv, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

**Jekk ma tixtieqx tirċievi informazzjoni promozzjonali mingħand il-Westin Dragonara Resort, immarka hawn:** ☐

Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 43 ta' Ottubru 2010 huwa: George Baldacchino - Gudja

# SPORTIV Kriss-Kross

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 43

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | K | | | C | | | O | | | | | K | O | K | U |
| N | I | C | O | L | E | | B | E | B | E | | A | | | L |
| | P | | | U | | | A | ■ | I | | | I | | | T |
| | K | A | J | J | I | K | | G | R | E | E | N | S | | R |
| D | E | | O | | N | | | | G | | | | H | | A |
| | T | | S | | Z | E | B | B | U | G | | T | O | S | S |
| S | E | R | E | N | A | | A | | | | G | ■ | Y | | |
| | R | ■ | F | | G | | N | | B | | I | S | A | A | C |
| | | K | | | H | | K | O | R | E | A | | | | |
| | A | U | S | S | I | E | S | | A | | N | A | U | D | I |
| | | N | ■ | A | | | | | G | | T | | | E | |
| | T | A | B | L | E | | F | R | A | N | S | | | R | |
| H | | C | | I | | B | ■ | I | ■ | O | | S | U | M | O |
| E | | | | N | | O | C | E | A | N | | L | ■ | O | |
| L | U | C | I | O | | N | ■ | R | | I | | O | T | T | O |
| D | | | | S | | E | C | A | | | | W | | | |

**MIMDUDIN**
1) Energy …….., żiemel Svediż fil-Marsa (8)
8) … Haag, klabb tal-Futbol fl-Eredivisie Olandiża (3)
9) Dean, attakkant Skoċċiż ta' Ħamrun Spartans (7)
10) Charlie "….." Brincat, eks futboler ta' Marsa (5)
11) George u … Xuereb, eks futbolers aħwa (3)
13) Georgi il-kowċ, Martin il-futboler (6)
15) Jocelyn, eks right-back ta' Franza (7)
17) Jose Mourinho "Il-…" (3)
18) Byron l-eks referi, fl-inkwiet dwar droga (6)
20) Malta rebħet in-Nations... fil-Middle Sea Race (3)
21) Sunday lagħab 63 partita għan-Niġerja (6)
23) Pavel, rebbieħ tal-Ballun tad-Deheb fl-2003 (6)
26) Michael, midfilder ta' klassi ta' Chelsea FC (6)
28) Bonanno, tiratur internazzjonali Malti (5)
29) Vitor, għassies tal-lasti Portugiżi fi 80 partita (4)
30) "Kanter ….., żiemel Franċiż fil-korsa tal-Marsa (5)
34) Chris, track-cyclist Ingliż ta' fama mondjali (3)
36) L-isem uffiċjali tal-Kastell fiċ-ċess (4)
38) Il-laqam ta' Sheffield Wednesday FC, fis-singular (3)
39) Joe "Il-……" Zarb kien goleador fil-Futbol Malti (6)
40) Luis, eks stilla tal-Futbol Portugiż (4)
41) Il-klabb Taljan tal-futboler Malti Andrei Agius (5)

**WEQFIN**
1) Mauro di ….., eks difensur Taljan ta' B'Kara FC (5)
2) Unjoni Sovjetika, Russja jew…. (1,1,1,1)
3) Nadia, eks ġimnasta Rumena ta' fama mondjali (8)
4) Toro ….., skuderija Taljana fil-Formula Uno (5)
5) Edy huwa l-kowċ attwali ta' SS Lazio (4)
6) St. Joseph, klabb Malti tal-Futbol fl-I Diviżjoni (5)
7) Ludovico, kowċ nazzjonali ta' Malta fl-iSkeet (6)
11) Champions Maltin tat-Ten Pin Bowling (5)
12) Balzan ta' Malta, Oratory ta' Għawdex (6)
14) Busuttil tad-Darts (5)
16) Emanuel, ta' Depiro Mtarfa Basketball Club (4)
18) Pietro, l-eks sprinter famuż Taljan (6)
19) Vassallo, ġurnalist tal-Futbol f'Malta (6)
22) Li 'sqaqien' fil-korsa tal-Atletika (5)
24) Konfront bejn żewġ timijiet mill-istess belt (5)
25) Marco skorja aktar minn 150 gowl fl-Italja (2,4)
27) "…..-Romano", dixxiplina fir-Wrestling (5)
31) New …., fejn saru l-aħħar Commonwealth Games (5)
32) Bryant, baskitboler ta' fama kbira fl-NBA (4)
33) "…. Diving", għadds bil-maskra, pajp u flippers (4)
35) Magri, plejer Malti tat-Table Tennis (4)
36) Nigel ...-Coker, midfilder ta' Aston Villa (3)
37) Kumitat Olimpiku Malti (1,1,1)




Experience a lavish selection of food every

# SENSATIONAL Sunday LUNCH BUFFET

The Terrace Restaurant at the Westin Dragonara Resort
is offering you a perfect Sunday Lunch scenario.

## *An extensive selection of delicious food for all.*

A lavish selection awaits at just €30.95 per person including half bottle of wine and free parking. Westin Kids club is open for the little diners.

The Terrace is open from 13.00 – 14.30. Ample parking space is available.

THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA

THE WESTIN DRAGONARA RESORT,
DRAGONARA ROAD, ST. JULIANS STJ 3134.

WWW.WESTINDRAGONARAMALTA.COM

The Terrace
RESTAURANT


FOOTBALL FEVER
€2
YOUR SCORE
THEIR SCORE
PRIZE
MATCH 1
MATCH 2
MATCH 3
WIN UP TO 4 TIMES!
YOUR GOALS
OPPONENT'S GOALS
PRIZE
WIN UP TO €10,000
Scratchers instant tickets
UNDER 16
Beat your opponent's score and win up to €10,000!!
3 matches and 5 penalties per ticket...
What are you waiting for? Get the Scratching Fever!
Scratchers instant tickets
...Make your day
Available from MALTCO LOTTERIES Points of Sale, Maltapost Outlets, Smart Supermarket, Stationeries, Grocery Stores, and other leading Authorised Outlets.
Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333
www.maltco.com